

# Festa 2002

# Festa Santa Marija Mqabba


Fejn tidħol
is-Saħħa tal-familja,
irridu l-aħjar biss
L-Isptar Capua,
tas-Sliema
G. Borg Olivier Street, Sliema SLM 12.
Telephone 335235.
AX Holdings
CAPUA
PALACE
HOSPITAL

**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Knisja,**
**Mqabba, Malta**
**Tel: 21683020**
http://www.angelfire.com/musicals/santamarija/
e-mail: santamarija@angelfire.com

**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Antoine Sciberras
Chris Spiteri

**Artikolisti**
Carmel Zahra
Emanuel Buttigieg
Fr. Joe Bartolo
Carmel Ellul
Carmel Briffa
Patri J.M. Ghigo
David Agius
Alfred Galea
Joseph Farrugia
Carmen Lia
Joe Chetcuti
Jonathan Farrugia
Patrick Mallia
Carmel Bianchi
Antoine Sciberras
Joseph Sciberras
Mario Camilleri
Joseph Camilleri
Godwin Farrugia
Anthony Ellul

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Ritratti tal-Qoxra**
*Quddiem*
L-istatwa titulari ta' Santa Marija fuq sfond ta' l-istatwa tal-Każin
*Wara*
Il-konvoj ta' Santa Marija
(pittura ta' Chev. Paul Camilleri Cauchi)

Design, Separations & Printing
BEST Print Co. Ltd
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789 Fax: 21 649012

# Werrej

Il-Kumitat ... 3
Messaġġ mill-President ... 5
Awgurju mis-Sindku ... 7
Kelmtejn mill-Kappillan ... 9
Mill-Pinna tas-Segretarju ... 11
Appell mill-Kaxxier ... 13
Messaġġ mis-Surmast ... 15
Minn Fomm id-Direttur Spiritwali ... 17
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V ... 19
Bandisti Ġodda ... 21
9 ta' April 1942 ... 23
Is-Surmastrijiet Carlo u Frankie Diacono ... 39
Mill-Għaqda ta' l-Armar ... 43
Programm Festi Interni ... 49
Programm Festi Esterni ... 50
Poeżija: Santa Marija l-Ifjen Ġawhra ... 53
Il-Konvoj ta' Santa Marija ... 55
Ġublew tad-Deheb tal-Maestà Tagħha ... 59
Francis Xavier Mangion ... 61
Mons. Carmelo Bianco ... 65
L-Istatwa ta' Santa Marija ... 69
Programm Vokali u Strumentali ... 73
Sezzjoni Żgħażagħ ... 75
Il-Ġemellaġġ ... 77
Il-Kumpanija 'Aurora' u t-teatrini fl-Imqabba ... 81
Tifkita ta' Mro. Chev. George Martin ... 93
Il-Missirijiet tal-Knisja u l-Assunta ... 97
Messaġġ mill-Kamra tan-Nar ... 99
Programm tan-Nar ... 101
Ir-Repubblika Ċeka ... 103
Żjara mill-Banda ta' Kfar Saba ... 109
Fergħa Nisa ... 115
Messaġġ mid-Direttur ... 117
Il-Qima lejn l-Assunta ... 119
Fr. J. Caruso/Ġużeppi Psaila ... 125
Attivitajiet Soċjali u Sportivi ... 127
Il-Banda San Girgor ta' Kerċem ... 129
Minn Fejn Ser Jgħaddi l-Marċ ... 131
Rendikont taċ-Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja ... 135











© 2002 Drittijiet Riservati
Soċjetà Santa Marija, Mqabba

# Ristorante Cosmana Navarra

*For exquisite*
*a' la carte cuisine...*



*Served by a young team of professionally trained staff, experience the authentic feeling of being at home in a house of character, set in a historic area in the middle of Rabat.*



*The quality of the food and excellent service are proof of the high standards reached at Ristorante Cosmana Navarra.*

**Business Lunches**

**For Reservations Telephone:**

(0356) 450638
(0356) 452415

28 St. Paul Street
Rabat RBT 12.

# SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V ~ MQABBA

EST. 1910



## *Kumitat 2002*

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr Louis Galea B.A., LL.D., M.P.,
Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President/PRO**
Antoine Sciberras Cert. CIB

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi-Segretarju**
Alex Falzon

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier**
Chris Spiteri

**Delegati għall-Armar**
Grezzju Farrugia, Michael Ghigo, Anthony Farrugia

**Direttur tal-Każin**
Anthony Ellul

**Delegat tal-Plančier**
Benny Camilleri

**Konsulent Legali**
Dr Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L.,LL.D.

**Direttur Spiritwali**
Patri Joseph M. Ghigo S.J.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. V.C.M.(Hons.), L.C.M.

**Ass. Surmast**
Mro. Michael Pulis

**Kummissjoni għall-Banda**
Chris Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Delegat tan-Nar**
Carmel Ellul

**Reviżuri**
Joe Sciberras
Carl Sciberras

# PASS DEVELOPERS LTD

Notre Dame Mansion
Ġużè Bonnici Street, Balzan
Tel: 2141 4118  Fax: 2143 5536



**Building • Excavation**
**Plastering • Tiling**





**Demolition Works**
**Turnkey**
**Contractors**



**Mobile: 9949 0242, 9949 0043, 9947 6496**
**2164 0709, 2164 0902 after 3.00pm**

# Messaġġ

## Carmel Zahra President

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. U hekk għaddiet sena oħra ta' ħidma sfiqa u impenjattiva b'rizq il-festa ta' Santa Marija.

Wara l-festa tas-sena l-oħra, il-Kumitat iddeċieda li nagħtu spinta qawwija lill-armar. Bħalma tafu ħafna minnkom, sar xogħol ta' restawr u skultura filwaqt li saru vażi ġodda fuq il-pedestalli ta' l-appostli. Se jiżżanżnu wkoll sett ta' trufini ġodda fuq id-disinn tas-Sur Renzo Gauci. Din is-sena wkoll, b'sorpriża ġie fuqi s-Sur Charlie Zammit u offra li jħallas l-ispejjeż kollha ta' sett pavaljuni ġodda għal Triq il-Parroċċa, fejn kien qed jinħass il-bżonn li jinbidlu. Dan is-sett pavaljuni sar fuq disinn tas-Sur Patrick Ghigo.



*Is-Sur Carmel Zahra jindirizza lill-mistednin distinti waqt programm mużikali.*

Din is-sena ma kienx kollox ward u żahar. Kif tafu, kulħadd ixxokkja ruħu meta fis-26 ta' Marzu r-raħal tagħna ntlaqat minn diżgrazzja fil-kamra tan-nar tal-Madonna tal-Ġilju. Jien, li ftit minuti wara l-isplużjoni kont fuq il-post u rajt il-ħerba li kien hemm, nista' ngħid bla tlaqliq li sar miraklu u ta' dan għandna għalfejn nirringrazzjaw lil Ommna Marija taħt liema titulu jkun, bil-kbir. Għaldaqstant lit-tliet membri ta' l-Għaqda tan-Nar tal-Ġilju li nqabdu fil-post tad-diżgrazzja nifirħulhom minn qalbna li llum jinsabu qawwijin u sħaħ mal-familji tagħhom.

Għalhekk jekk Alla jrid fil-festa ta' din is-sena rridu nuru rikonoxximent akbar lejn il-Madonna u dan nagħmluh billi nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi kollha matul il-ġranet tal-festa. B'hekk Marija żżomm idejha fuq ir-raħal ta' l-Imqabba. Forsi jkun hemm min jgħid li dan m'għandux x'jaqsam mal-festa tagħna, iżda ma rridux ninsew li aħna lkoll aħwa Mqabbin.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat tal-kooperazzjoni kbira li dejjem taw. Nirringrazzja lis-sezzjonijiet kollha; tan-Nisa, ta' l-Armar, taż-Żgħażagħ u tan-Nar għas-sagrifiċċju kbir li jagħmlu matul is-sena kollha. Nirringrazzja wkoll lill-Kleru tal-Parroċċa u lil dawk kollha li jgħinu fl-armar u t-tindif tal-knisja.

Grazzi ta' kollox lil kulħadd.

**"Din is-sena rridu nuru rikonoxximent akbar lejn il-Madonna tkun taħt liema titlu jkun"**




**PEUGEOT 307 SW. Let light be**, with a panoramic glass roof with a surface of over 5.34 m² of glass, the 307 SW allows its passengers exceptional brightness and an optimum visibility of the road as well as the sky. Peugeot 307 SW, opens you up to the surrounding world.

**Michael Attard Ltd.**

National Road, Blata l-Bajda Tel: 21 238854 Psaila Street, Sta. Venera Tel: 21 449312
Gozo Sub Agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd, Ghajnsielem, Tel: 21 559453

307 SW

PEUGEOT

PEUGEOT. ENGINEERED TO BE ENJOYED.

# Awgurju

**Emanuel Buttigieg Sindku**

Il-piki u l-entużjażmu żejjed fil-festi, li jiġu ċċelebrati f'pajjiżna, bosta drabi joħolqu atmosfera ta' ċerta ansjetà, tensjoni u dieqa, għal min iħobb u għandu għal qalbu l-festi tagħna. Dan m'għandux ikun. Il-festi jiġu biex kulħadd jifraħ u jingħaqad flimkien, kemm fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi u anke dawk soċjali. Kulħadd għandu jiċċelebra l-festa tiegħu fi spirtu ta' ferħ bla esaġerazzjonijiet żejda, la fi briju tal-marċi u lanqas fil-logħob tan-nar, li n-nies tant ifittxuhom. M'għandniex inħallu lil dawk il-ftit boloh iħassru l-festi tagħna, li jinvolvu tant sagrifiċċju u ħidma minn diversi partitarji, irġiel, nisa u żgħażagħ, li jaħdmu u jistinkaw is-sena kollha biex il-festa tar-raħal tkun festa sabiħa. Din il-ħidma ta' dawn in-nies għandha tkun apprezzata għax li kieku ma jkunux huma, il-festi jonqsu ħafna, biex ma ngħidx li ma jsirux. Il-festi li jsiru f'pajjiżna huma sbieħ u mfittxa mhux biss mill-Maltin, iżda wkoll mill-barranin, li f'dawn iż-żminijiet jinzertaw li jkunu għall-vaganza f'pajjiżna. Ma nħallux l-entużjażmu u l-fanatiżmu żejjed jagħtu l-impressjoni li l-festi tagħna huma aktar pagani milli reliġjużi.

F'Jannar ta' din is-sena jiena kelli laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur inkarigat mid-distrett tagħna, fejn fost diversi suġġetti ta' interess u ta' ġid għal-lokalità tagħna, tkellimna fost l-oħrajn kif wieħed jista' jiċċelebra l-festa tiegħu b'inqas fanatiżmu u bluhat, li ma jagħmlu ġieħ lil ħadd. Bosta drabi jħammru l-wiċċ ta' dawk li jħobbu u jieħdu gost bil-festi. Li biex jieħdu pjaċir, dawn il-ftit boloh jirredikolaw il-festi tagħna quddiem dawk kollha li jkunu preżenti. Il-barranin li jkunu preżenti, għalkemm ma jafux bil-lingwa tagħna, ibqgħu ċerti li jistaqsu x'qiegħed jingħad u ibqgħu żguri li jsibu minn jgħaddilhom u jinterpretalhom bosta minn dawk l-espressjonijiet li żgur ma jħallux impressjoni tajba. Qbilna li l-Kumitati ta' l-istess każini jistgħu jgħinu f'din is-sitwazzjoni, permezz ta' ftehim raġonevoli bejniethom.

Saru xi laqgħat ma' rappreżentanti tal-Kumitati taż-żewġ każini, flimkien mas-Supretendent, is-Sur Anġlu Baldacchino u l-Ispettur Willie Spiteri, biex kemm jista' jkun jitnaqqas il-ħin tal-waqfien bil-marċi quddiem il-każin oppost u li jindaqqu marċi li jkunu aktar addattati għal dak il-ħin, għax dak huwa l-ħin li l-festa tista' tiġi ddegradata.

Din is-sena jidher li dan il-ftehim ta xi ftit tal-frott, għalkemm mhux daqs kemm wieħed xtaq. Iżda jidher li hemm rieda tajba, u nawgura li din ir-rieda tajba tkompli tissaħħaħ fil-futur għall-ġid tal-komunità kollha Mqabbija.

Il-festi jiġu biex ilkoll flimkien nifirħu u nieħdu pjaċir b'dak kollu li jsir. U mhux biex nieħdu l-okkażjoni niżvugaw fil-ħdura, fil-mibegħda,ngħajru lil xulxin u noqogħdu ndaħħku n-nies b'dak li ngħidu u nagħmlu. Min jaġixxi b'dan il-mod, la jista' jissejjaħ li huwa partitarji tal-festa u wisq anqas li huwa nisrani.

Nifraħ u nirringrazzja minn qalbi lil dawk li jagħtu s-sehem tagħhom biex il-festi jkunu suċċess, u jkunu festi li jagħmluna unur. J'Alla dan il-ftehim ikompli jissaħħaħ u jitjieb għall-futur.

Nieħu l-okkażjoni biex għall-festa ta' Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin nagħti l-festa t-tajba lil kulħadd.



*Is-Sur Emanuel Buttigieg (xellug) mas-Sur Nachman Yariv Surmast tal-Banda Filarmonika ta' Kfar Saba.*

**"Il-festi jiġu biex flimkien nieħdu pjaċir b'dak kollu li jsir"**

# Magic Kiosk



## Magic at it's Best

Put some magic into soft seaside evenings.
Magic Kiosk invites you to enjoy the best of cafe' society every evening after 7.00pm, it's delightful range of suppers, snacks and beverages. Simply come, then sit back and savour the service, sights and sounds of another of Sliema 's best loved institutions.

**Magic Kiosk , The Ferries, Sliema.**

# Kelmtejn

**Dun Joe Bartolo Kappillan**

# Sliem Għalik Marija

*Sliem għalik, Marija.* Min jaf kemm-il darba sellimnielha b'dan il-mod lil Omm qaddisa tagħna tassema, Marija. Kemm tkun ħaġa sabiħa li aħna nifhmu sewwa l-kliem sabiħ li nkunu qegħdin ngħidu waqt li nitolbu. Żgur li din kienet karatteristika tal-Madonna meta hi kienet titlob. Waqt it-talb tagħha kienet tinġabar u tpoġġi ruħha fil-preżenza ta' Alla; u waqt din il-ġabra kienet tħossha tant viċin tal-Ħallieq Etern. Ikun xieraq għalhekk li aħna, uliedha, li tant inħobbuha, nimitawha f'din il-virtù sabiħa tagħha u b'hekk it-talb tagħna jkun iktar bis-sens u magħqud mar-rieda ta' Alla.

*Bil-grazzja mimlija.* Hekk kompla jgħidilha l-Anġlu meta deħrilha biex iħabbrilha l-bxara unika li Alla għażilha biex tkun omm ibnu, Ġesù. Ċertament li l-Anġlu ma kienx se jsellimilha b'dan il-mod li kieku hi ma kinitx hekk. Marija ta' Nażaret kienet mimlija bil-grazzja ta' Alla. It-tjubija, anzi l-qdusija fiha, kienet fil-milja kollha tagħha u għalhekk kellha dik is-saħħa li tkun kapaċi tagħmel ir-rieda tal-Mulej anke fl-iktar mumenti diffiċli. U aħna ħafna drabi nkunu rridu nagħmlu r-rieda ta' Alla u nħossuna dgħajfin u ma naslux. Ir-raġuni vera tkun in-nuqqas ta' din il-grazzja ta' Alla fina. Din il-grazzja tiġi fina permezz tas-sagramenti u titkattar u tissaħħaħ permezz tat-talb u atti ta' mħabba li nagħmlu ma' xulxin. Il-grazzja ta' Alla ma tibqax fina meta aħna nikkommettu d-dnub – dnub serju. Għalhekk, mill-ġdid, ejjew, aħna li ngħidu li nħobbu lill-Madonna, nippruvaw inżommu fina dak l-istat tal-grazzja ta' Alla permezz tal-ħajja verament tajba li ngħixu. U b'hekk nixbhu lilha xi ftit, hi li kienet mimlija bil-grazzja.

*Itlob għalina midinbin*, nitolbuha ta' spiss lill-Madonna. X'infissru meta nitolbuha hekk? Forsi nippretendu li tagħmel xi ħaġa kontra r-rieda tagħna? Żgur li ma tistax tagħmel dan, il-Madonna. Għalhekk, meta ngħidulha titlob għalina, irridu nkunu ċerti li aħna lesti li nbiddlu ħajjitna għall-aħjar u hekk hi tkun lesta li titlob 'l Alla għalina, għax dan ma jkunx kontra dak li aħna fil-fatt inkunu qegħdin nagħmlu. Hi stess dejjem kienet lesta li tagħmel dak li Alla jrid minnha, u għalhekk biex aħna nimitawha, irridu nkunu wkoll lesti li nagħmlu r-rieda ta' Alla.

Dan hu l-mod kif it-talb tagħna jista' jibda jieħu ftit tas-sens. Dan hu l-mod kif id-devozzjoni tagħna lejn il-Madonna tibda tkun vera u sinċiera. J'Alla din il-festa sservi biex nifhmu ħafna iżjed is-siwi ta' l-eżempji sbieħ li tagħtina Ommna Marija meta aħna nwettquhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

Minn qalbi nawgura festa nisranija u sabiħa lil kulħadd.



*Il-kappillan (lemin) waqt quddiesa ċċelebrata mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi.*

**"Biex aħna nimitaw lill-Madonna, rridu nkunu lesti nagħmlu r-rieda ta' Alla"**



# A group of companies offering a wide range of services within the building industry

ATTARD
BROS. CO. LTD.

*Civil Engineering and Construction Contractors*



A. C. S.
ATTARD CONCRETE SYS. LTD.

*Producers of precast and prestressed concrete panels*



EUROCRAFT
LIMITED

*Producers of high quality joinery works*



CEMENTSTONE
MANUFACTURING CO. LTD.

*Producers of precast concrete elements including concrete breeze blocks and inter-locking paving blocks*





ATTARD BLUE MIX
CONCRETE SUPPLIES LIMITED

## ATTARD BROS COMPANY LIMITED

*Producer and supplier of ready mixed concrete, steel bar cutting, bending and tying and other building material*

'Mikesand', Industrial Zone, Ta' Qali RBT 13, Malta.
Tel: (+356) 415332,414982, 430957, 430928, 430963. Fax: (+356) 430967.

# Mill-Pinna ta'

## Carmel Ellul Segretarju

Għeżież soċji, partitarji u ħuti Mqabbin,

Bħal leħħa ta' berqa għaddiet sena oħra, sena li kienet mimlija xogħol u attivitajiet għall-ġid tas-Soċjetà tagħna u tar-raħal tagħna. Kienet sena li kienet mimlija b'kollox; bis-sodisfazzjon, bis-sabiħ u b'inqas sabiħ, għaliex fid-dinja l-problemi ma jonqsux imma b'rieda tajba u bl-għajnuna tal-Madonna dejjem sibna soluzzjoni għall-ġid tas-Soċjetà.

Bilkemm kienet għaddiet il-festa tas-sena l-oħra fejn il-Kumitat flimkien ma' l-Għaqda ta' l-Armar u żgħażagħ volontarji fassalna programm ta' xogħol fir-rigward ta' armar ġdid, restawr ta' armar u pavaljuni ġodda. Nibda biex ngħid li l-pavaljuni ġew sponsorjati minn Charlie Zammit, fejn ix-xogħol tagħhom sar kollu minn membri tas-Soċjetà tagħna.

Inbeda xogħol ta' żebgħa ta' antarjoli u restawr tal-pedesalli ta' l-appostli. Wara beda x-xogħol ta' tfassil ta' tmien trofini ġodda fuq disinn ta' Renzo Gauci u tfassil tal-vażi tal-pedestalli ta' l-appostli, għax li kieħ hemm kienu waslu biex jispiċċaw. Hawn tista' tgħid li bdiet sena ta' xogħol fejn kultant ġew mumenti ta' qtiegħ il-qalb biex jitlesta dak li konna pprogrammajna, iżda bl-għajnuna, bil-kuraġġ u bis-sagrifiċċju ta' kulħadd dak li programmajna se jkun lest sal-festa li ġejja. Ma jfissirx li se nieqfu hawn, u wara li tgħaddi l-festa nheġġeġ biex ix-xogħol li fadal isir jitlesta matul is-sena li ġejja biex b'hekk il-Pjazza ta' l-Imqabba tieħu dehra oħra fil-festa ta' Santa Marija.

Proġett ieħor li ħadem fuqu l-Kumitat kien li jsiru pjanti għall-post li xtrat is-Soċjetà biex dan jitwaqqa' u jittella' mill-ġdid biex jaqdi lis-Soċjetà għall-ħtiġijiet tal-lum.

Fis-settur tal-Banda, il-Kumitat kompla ħadem biex jingaġġa Assistent Surmast biex flimkien mas-Surmast, it-tagħlim ta' l-allievi jsir aħjar. L-Assistent Surmast Michael Pulis se jieħu ħsieb it-tagħlim ta' l-istrumenti tar-ram u minn qalbna nawgurawlu aktar ħidma mal-Banda tagħna. Din is-sena sar *recording* ta' sett ta' marċi ġodda. La qegħdin nitkellmu fuq il-banda, għall-festa ta' din is-sena se jkollna fostna għall-ewwel darba fl-Imqabba banda mill-gżira ta' Għawdex, eżattament dik ta' Kerċem. Din se tkun l-ewwel banda Għawdxija li qatt ħadet sehem f'festa ġewwa l-Imqabba.

Nixtieq insemmi l-programm li ttella' s-sena l-oħra mill-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà. Fejn dan kompla għolla l-isem tas-Soċjetà u tar-raħal tagħna fil-gżejjer Maltin u f'għajnejn it-turisti li kien hawn fostna. Għall-festa li ġejja l-Għaqda tan-Nar iħadet ħsieb li tipprepara programm isbaħ minn tas-sena li għaddiet. Żgur li aħna l-ftit mijiet ta' soċji u partitarji li jiffurmaw is-Soċjetà Santa Mairja kburin li nagħmlu parti minn din is-Soċjetà. Biss, kull wieħed u waħda minna speċjalment fl-ispettaklu ta' lejlet il-festa, inħossu xi ftit tensjoni sakemm jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġdid. Meta nafu li tant eluf ta' nies qed jattendu biex jaraw dan l-ispettaklu. La qed nitkellmu fuq in-nar ma nistgħux ma nsemmux l-episodju tal-biża' li għadda minnu r-raħal tagħna f'Marzu li għadda, li bl-għajnuna tal-Madonna spiċċa b'wiċċ il-ġid. Membri mill-Għaqda tan-Nar tagħna taw kull għajnuna possibbli f'dan l-inċident lill-Għaqda tan-Nar Madonna tal-Ġilju. Hawn nixtieq niġbed l-attenzjoni waqt il-ħdim tan-nar, u ngħid grazzi lill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar tas-sagrifiċċji mwettqa minnhom matul is-sena fil-ħdim tan-nar.

Nixtieq ngħid li nbdew diskussjonijiet mal-Pulizija rigward marċi, armar, *parking* ta' karozzi, għeluq ta' toroq fil-jiem tal-festa u affarijiet oħra bl-iskop li fil-futur ikollna festi b'inqas tensjoni, pika u b'inqas esaġerazzjonijiet u li jagħmlu unur lir-raħal tagħna fil-festi risettivi. Mhux



*Is-Sur Carmel Ellul (xellug) jilqa' lill-Kummissarju Għoli Ingliż mal-wasla tiegħu fil-pjazza.*

bilfors li kulħadd jaqbel ma' dawn l-affarijiet iżda meta jibdew jiffunzjonaw kulħadd għandu jifhem għaliex saru. Is-Soċjetà tagħna minn żmien għal żmien ħadet deċiżjonijiet rigward ħruq ta' sfafar u gassijiet mill-idejn biex ma jibqgħux jinħarqu waqt il-marċi. Aktar riċenti, il-Kumitat ħa deċiżjoni li ma jintefax ilma waqt il-marċ ta' filgħodu. Aħna, li fdawna bit-tmexxija tas-Soċjetà nixtiequ li nħallu s-Soċjetà tagħna f'saħħitha u aħjar milli sibnieha minn kull lat. U hekk min ġej warajna jkompli jibni fuq dak li ħallewlna l-Kumitati ta' qabilna u li se nħallu aħna li mmexxu fil-preżent.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nirringrazzja lill-Kumitat tan-Nisa tal-ħidma mwettqa fl-attivitajiet u fil-ġbir tal-fondi ta' matul is-sena u nagħmel appell biex aktar nisa jitħajru jidħlu fil-Kumitat.

Ringrazzjament ieħor imur lill-Kummissjoni Banda, lis-Surmast, l-Assistent Surmast, bandisti u allievi, u l-ġenituri u l-familjari tagħhom tas-sagrifiċċji mwettqa minnhom matul is-sena biex jagħtu servizz lill-Banda tas-Soċjetà tagħna.

Grazzi oħra tmur lejn l-Għaqda ta' l-Armar tax-xogħol kbir imwettaq minnha matul is-sena u nappella biex iż-żgħażagħ u l-partitarji jgħinu fl-armar fil-ġranet tal-festa, biex b'hekk inkunu nistgħu narmaw u nżarmaw mingħajr ħadd ma jbati.

Apprezzament ieħor imur ukoll lil dawk li jieħdu ħsieb l-armar ta' ġol-knisja f'dawn il-jiem tal-festa.

Grazzi kbira lill-benefatturi, soċji, partitarji, lil dawk li jaħdmu u ma jidhrux, u lil sħabi tal-Kumitat. Bil-ħidma ta' kulħadd f'daqqa dejjem kellna festa kbira u sabiħa f'ġieħ Ommna mtellgħa s-sema.

Nappella wkoll biex fil-jiem tal-festa kulħadd iġib ruħu sewwa u jattendi għall-funzjonijiet tal-knisja, għax wara kollox dawn huma l-qofol tal-festa tal-Patruna Santa Marija.



# Appell

Carmel Briffa Kaxxier

# 25 Sena Kaxxier

Fejn qatt kont nobsor li se nagħmel dan iż-żmien kollu bħala kaxxier tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, li għalija jiġu l-ewwel u qabel kollox. Kien wara l-festa ta' Santa Marija ta' l-1977 meta jiena ġejt innominat bħala kaxxier u minn dak iż-żmien sal-lum dejjem servejt fil-Kumitat u qatt ma kont ikkontestat bħala kaxxier.

F'dan iż-żmien kollu saru żviluppi kbar fis-Soċjetà u għalkemm xi drabi niffaċċjaw xi diffikultajiet, dejjem irnexxielna nissuperawhom. Jiena, bil-għajnuna ta' sħabi l-oħra tal-Kumitat, dejjem stinkajna sabiex inżidu l-bini tas-Soċjetà. Min-naħa tiegħi dejjem ħadt ħsieb sabiex nara li l-flus jintefqu bl-aħjar mod possibbli u li dejjem nimxu 'l quddiem skond il-pass li nifilħu.

L-ewwel li rnexxielna nagħmlu kien li nakkwistaw l-art fejn fuqha bnejna żewġt imħażen għall-armar u sala fuqhom. Fil-każin bnejna sala tal-kunċerti, kif ukoll bdilna xi soqfa. Tajna dehra ġdida lill-każin billi saru l-armi fuq il-faċċata u sar t-tisbiħ fuq ġewwa. Dan l-aħħar irnexxielna nakkwistaw l-proprjetà ta' maġenb il-każin u issa wasalna għall-istadju fejn bdejna naħsbu kif se nipproġettaw din l-istess proprjetà.

Għal dik li hija festa, f'dawn l-aħħar 25 sena dejjem irnexxielna norganizzaw festi kbar u li huma l-għira ta' postijiet akbar minna. F'dawn l-aħħar snin, permezz ta' kuntatti ma' barra, irnexxielna nġibu għall-festa tagħna, baned minn barra l-pajjiż. Wara li s-sena l-oħra kellna banda minn Israel, għal din is-sena lejlet il-festa se jkollna banda minn Għawdex. Din se tkun l-ewwel banda Għawdxija fir-raħal tagħna.

Għas-Soċjetà din is-sena reġgħet kienet sena ta' ħidma kontinwa. Sena li l-Kumitat flimkien mal-kummissjonijiet kollha fi ħdanha, ħdimna bis-sħiħ kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-banda kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-armar. Hawn ta' min isemmi s-sett trofej ġodda li se jiżżanżnu, kif ukoll id-dehra l-ġdida li ngħataw il-pedestalli ta' l-Appostli. Se jiżżanżnu wkoll sett pavaljuni ġodda għal Triq il-Parroċċa. L-Għaqda tan-Nar ukoll ħadet ħsieb sabiex tipprepara għall-ispettaklu li aħna magħrufin għalih u li d-dilettanti kollha ta' Malta u Għawdex ikunu qed jistennew.

Kif qegħdin taraw sabiex tagħmel dawn l-affarijiet kollha u torganizza festa ta' livell hekk għoli, kif nafu nagħmlu aħna, jirrikjedi ħidma bla waqfien u piż finanzjarju kbir. Huwa fatt li dan kollu ma jkunx jista' jsir li kieku ma jkunx għall-ġenerożità tagħkom li dejjem weġbitu bi ħġarkom kull meta sejjaħnielkom. Għalhekk nixtieq nappella lil kull wieħed u waħda minnkom sabiex f'dawn il-ġranet tal-festa tkunu ġenerużi u tikkontribwixxu mill-aħjar li tistgħu.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nawgura festa mill-isbaħ lill-Imqabbin kollha u nħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll tattendu bi ħġarkom għall-programm ta' attivitajiet li ħejjejna għalikom. Nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd u ngawdu s-sagrifiċċji li lkoll flimkien għamilna matul is-sena. J'Alla Santa Marija żżommna magħqudin flimkien.

**Viva Santa Marija Patruna ta' l-Imqabba.**



*Is-Sur Carmel Briffa waqt quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum il-Familji.*


Marsalite
Quality Products
Postformed Elements
Produced in Malta
In High Pressure 1.mm Laminate
to any Size Specification
FORMICA
Industrial Estate, Marsa · Malta
Tel: (356) 241266/7, 239465, Fax: (356) 246740 e-mail:mslite@kemmunet.net.mt

# Messaġġ

**David Agius Surmast**

A. Mus. L.C.M., A. Mus. V.C.M. (Hons.) A.L.C.M.

Naghti merhba ghal sena ohra, lill-qarrejja ta' dan il-ktejjeb.

Nieħu spunt minn dan l-ispazju biex nikkummenta fuq il-progress tal-Banda tagħna wara li għaddiet sena oħra. Ma nistax ma nurix l-apprezzament tiegħi għall-interess kontinwu li ntwera mill-mużiċisti tal-lokal fil-provi li ma waqfux matul is-sena kollha, sabiex tiġi ppreparata l-mużika li se tindaqq fil-festa. L-element li għandna fil-Banda fil-preżent irridu nibżgħu għalih għax jiswa mitqlu deheb. Dan qiegħed ngħidu bl-esperjenza li għandi bil-baned, peress li għadni attiv bħala mużiċist f'diversi baned u anke bħala Surmast.

Peress li darba fil-ġimgħa niltaqgħu grupp mhux ħażin, it-*team work* li nagħmlu biex nesegwu l-mużika mhux faċli ssibu f'baned oħra. Minn hawn nixtieq li joħroġ il-punt li mhux kemm ikollok individwi tajbin biss jgħodd, iżda kemm it-*team* ikun jiffunzjona. Fil-Banda tagħna, l-element ta' *team* inħossu qed jiffunzjona tajjeb u ta' dan ninsab grat għall-għajnuna li nsib mill-bandisti tal-lokal.

Barra minn hekk anke l-ammont ta' l-allievi li qed jitgħallem l-mużika huwa konsistenti u żdied f'dawn l-aħħar snin. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja mill-qalb lill-Assistent Surmast maħtur riċenti, is-Sur Michael Pulis ta' l-għajnuna li qiegħed jagħtini. Dan infatti huwa żvilupp ieħor ġdid għal progress tal-Banda tagħna biex tkun dejjem fl-aħjar post ma' l-aqwa baned Maltin.

Nixtieq minn dan l-ispazju nawgura futur sabiħ lill-mużiċisti ġodda mal-Banda tagħna u nixtiqilhom kull suċċess.

Rigward il-kunċerti li tellajna ma nistax ma nsemmix il-*home concert* li qed iżid fil-popolarità minn sena għall-oħra u li jsir għall-ħabta ta' Marzu/April. Hawnhekk, mhux bil-kliem iżda bil-fatti, qed jintwera li bil-paċenzja l-bandisti tal-lokal iwasslu esekuzzjoni perfetta tal-mużika mingħajr ħafna bżonn ta' mużiċisti professuri (hekk jissejħu), li sfortunatament ħafna baned Maltin jippreferuhom biex titnaqqas ċertu tensjoni u riskju żejjed. Din l-attitudni fl-opinjoni tiegħi ma tiżviluppax mużiċisti ġodda għax b'hekk tkun qed tinqeda bl-istess bandisti u ma tiskoprix mużiċisti ġodda. L-abbiltà tas-Surmast trid titkejjel b'kemm ikun kapaċi li jfiehem ħalli bit-*team* li jkollu jasal għar-riżultat meħtieġ u mhux biss b'kemm ikun studja huwa biss.

Fl-aħħarnett bħal kull sena oħra nistieden lil dawk kollha dilettanti tal-mużika għall-programm annwali fl-10 ta' Awissu 2002 fil-Pjazza quddiem il-każin. Bħas-soltu dan il-programm se jkun fih taħlita varjata tal-mużika u wkoll b'xi sorpriża fuq programmi li saru fi snin oħra.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha u nawgura lill-ħaddiema fil-kamra tan-nar li jerġa' jkollhom esebizzjonjiet piroteknici uniċi u sbieħ bħas-snin l-imgħoddija.



*Mro. David Agius jidher jidderieġi waqt programm Sinfoniku b'tifkira ta' l-unur "L'Étoile D'or du Jumelage".*

**"L-ammont ta' allievi huwa konsistenti u żdied fl-aħħar snin"**


Jerry's Silencer Repairs
CO2 Welding
Jerry's Garage
Siġġiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237


DR
Di Rocco Ltd.
for
Disposable Articles
'Galletta Garages', Nº 32, Valletta Rd., Mqabba ZRQ 08 • Mob: 9943 1051 / 9947 8222 • Tel: 2168 3222 • Fax: 2164 0494 e-mail: dirocco@digigate.net

# Santa Marija Waslet mill-Ġdid!

## (2002)

**Patri Joseph M. Ghigo SJ Direttur Spiritwali**



Bniedem napprezzawh aktar meta jżomm l-appuntamenti li jkun ta. Dan il-kliem jiswa wisq aktar għall-qaddisin, ewlenija fosthom Santa Marija. Mhix hi ġabet 'l Alla fid-dinja meta fi ħdanha sar bniedem? Anzi Hu għaraf sab mod biex baqa' magħna. Issa jaqbel ngħidilkom erba' kelmiet ta' faraġ li tistennew minni d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Santa Marija.

Kull bniedem iħossu kuntent jgħix ***rajh f'idejh***. Iżda dan ma jfissirx li jagħmel kull ma jrid u jogħġbu...għax l-aqwa f'kollox hu li jagħmel ir-rieda ta' Alla. In-Nisrani sa minn ċkunitu jitgħallem kif imissu jħares lejn Sidna Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla li sar bniedem għalina mill-Verġni Marija. B'hekk in-Nisrani ma jafx ma jħobbhiex lil Ommu Mqaddsa. Binha Ġesù stess, u bħalu Ommu Marija, tul ħajjithom dejjem wettqu r-rieda qaddisa ta' Alla. Allura aħna lkoll, żgħar u kbar ukoll, imissna dejjem infittxu li f'kollox u kullimkien, nagħmlu r-rieda ta' Alla. Din insiru nafuha dejjem aħjar bit-talb li jgħaqqadna ma' Alla.

Il-Verġni Mqaddsa Marija u Binha Ġesù għarfu jagħmlu dejjem ir-rieda ta'Alla, li Ġesù Binha ma kienx biżżejjed għalih li qam mill-mewt, kif ħabbar minn qabel, imma għoġbu jagħmel l-istess ma' Ommu l-għażiża. Dan ix-xebh kbir, qawwi u mill-qrib ta' Omm ma' Binha, Marija ma' Ġesù, li dan ma setax iseħħ mod ieħor. Għalhekk il-Knisja tiġbed l-attenzjoni tagħna għall-Qawmien ta' Ġesù u t-Tlugħ tiegħu fis-sema għal 40 jum sħaħ fis-sena biex illum mill-bidu tal-Knisja tfakkarna fil-Qawmien u t-Tlugħ fis-sema ta' Marija.

L-Insara dan dejjem emmnuh li l-Omm ta' Ġesù kienet tant tixbhu matul ħajjitha kollha, mill-bidu tagħha sa tmiemha, għax Ġesù tellagħha fis-sema miegħu b'ruħha u ġisimha u inkurunaha Reġina tas-sema u l-art. Dan hu s-sens profond tar-raba' u l-ħames misteri glorjużi tar-Rużarju li bih sikwit insellmu lil Omm na Marija Santissima.

Hawn insibu s-sens sħiħ tat-tifkira liturġika tal-Verġni Marija, iċċelebrata bis-solennità mill-Knisja nhar il-15 ta' Awissu. Qatt ħsibna qatt li f'dan il-jum sabiħ aħna l-Insara nfakkru ġrajja unika fl-istorja umana: it-Tlugħ glorjuż ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem? Għall-Knisja Kattolika din mhix biss Solennità waħda mill-erbgħa kbar li bihom tqim lil Ommna Marija Santissima, iżda din hija wkoll il-festa l-aktar qadima tal-Madonna fil-kalendarju Kristjan. Maż-żmien il-Knisja żiedet u xerrdet bosta festi oħrajn biex bihom nagħtu kull ġieħ xieraq lil Santa Marija li għaliha hi ddedikata l-Parroċċa ta' l-Imqabba sa mill-1598.

Nagħmlu ħilitna biex l-akbar ċelebrazzjoni ta' Santa Marija dejjem nagħmluha fil-knisja, avolja l-Maltin maż-żmien il-festa ħarġuha barra minn bwieb il-knisja. Hawn insibu s-sens tat-tiżjin u l-armar fit-toroq, il-mixegħla, il-ħruq tal-murtali, id-daqq tal-baned, eċċ. Dan kollu jitlob wisq xogħol u taħbil ir-ras sa minn qabel il-festa, u għalih twieldu fostna u ssaħħu l-każini soċjali msejħa *tal-banda*. Il-festa teħtieġ preparazzjoni kbira sabiex kollox isir kif xieraq kemm ġol-knisja u barra minnha wkoll, saħansitra ġo djarna. Kollox ħaqqu jsir sew u bil-galbu, bla ebda esaġerazzjoni għax inkella din taf toffendi lil Alla, lil Ommu u forsi wkoll lill-proxxmu tagħna. Ma nafux tajjeb li l-imħabba ta' Alla u dik tal-proxxmu ma jieħdu qatt vaganza? U għalhekk jeħtieġ lilna nagħtu kashom matul is-sena kollha.

Il-ferħ veru tal-festa tagħna ma jmissu qatt ikun bħal xi nar tat-tiben għax dan jgħaddi malajr wisq, wara li jibda mal-Kwindiċina u jintemm fl-Ottava ta' Santa Marija. Kull ferħ ġenwin ħaqqu jdum isaltan fi qlubna matul is-sena kollha. Dan isir tassew jekk aħna lkoll, kbar u żgħar, irġiel u nisa, nagħmlu ħilitna kollha biex ngħixu dejjem qrib Ġesù.

LONG
ESTABLISHED
MANUFACTURERS
OF PRECAST &
PRESTRESSED
CONCRETE
PRODUCTS






Although a relatively young company, Southern Construction has already gathered vast experience as it has been entrusted with works at the Power Station, St. Venera By-Pass, Ta' Qali National Park, home for the Elderly in Żejtun, several housing estates and works for the Malta Development Corporation.

The aim of Southern Construction Co. Ltd. is to give its clients the best service at reasonable prices. The company is already in the process of future expansion as it is the company's goal to be a well-known and reliable Construction Company in Malta.

SOUTHERN CONSTRUCTION Co. Ltd

**Crafts Vilage, Ta' Qali RBT 13**
**Tel: 415243 - 415293 Fax: 434988**

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

## Kummissjoni Banda

Għal darba oħra permezz ta' dan l-artiklu se nagħtukom tagħrif dwar ħidmet il-Banda tagħna wara l-festa tas-sena l-oħra. Ċertament ma nistgħux ninsew il-kontribut li tat il-Banda Kfar Saba mill-Iżrael, li minbarra li dewqitilna l-mużika folkloristika tagħha, qsamna flimkien esperjenzi sbieħ kemm mużikali kif ukoll kulturali. Għal darba oħra saret stedina uffiċjali lill-Banda tagħna sabiex nirreċiprokaw iż-żjara tagħhom ġewwa l-Imqabba, iżda bħalma jaf kulħadd minħabba l-qagħda li hemm bħalissa f'Iżrael huwa ferm diffiċli li għalissa jsir dan l-iskambju. Fil-programm mużikali ta' l-10 ta' Awissu, il-Banda Re Ġorġ V esegwiet ukoll siltiet li ntlaqgħu tajjeb min-nies preżenti.

Hekk kif għaddiet il-festa, il-Kummissjoni Banda flimkien mas-Surmast fasslu l-impenji li l-banda kellha għal matul din is-sena. Sena oħra li rat impenn kbir. Ippreparjana l-mużika li ndaqqet waqt il-*home concert* li issa daħal fil-kalendarju mużikali tal-banda. Bħas-snin preċedenti ntweriet il-kapaċità li joffru l-bandisti tal-post. F'Mejju sar ukoll ir-*recording* tal-marċi l-ġodda, fejn minbarra l-marċi brijużi inkludejna marċi internazzjonali li ġew irregalati minn ammiraturi u ħbieb tal-banda tagħna. Ma' l-istess CD ġie ppubblikat ktejjeb li fih ġabra ta' l-istorja tas-Soċjetà, profili fuq il-Banda u s-Surmast, tifkira tal-Ġemellaġġ u l-unur *L-Etoile d'Or du Jumelage* ma' informazzjoni oħra relatata mas-Soċjetà u l-festa tagħna.

Minħabba n-numru ta' allievi li dejjem jiżdied, kmieni din is-sena nħasset il-ħtieġa li jinħatar Assistent Surmast sabiex jgħin lis-Surmast fit-tagħlim tal-mużika. Għalhekk il-Kumitat flimkien mal-Kummissjoni Banda ħatru lill-Mro. Michael Pulis bħala l-Assistent Surmast.



*Is-Sur Chris Spiteri 'Bandist tas-Sena' 2001, jingħata t-tifkira kommemorattiva mis-Sur Rokku Camilleri.*

Mro. Pulis mhux ġdid għall-Banda tagħna. Fil-fatt ilu jagħti s-servizz tiegħu bħala solistà fuq il-kurunetta mal-Banda tagħna għal diversi snin.

Matul din is-sena l-Banda tagħna, minbarra s-servizz li jkollna fil-festa, ġiet mistiedna sabiex tagħti s-servizz tagħha f'erba' lokalitajiet, fost dawn fir-Rabat u f'Ħaż-Żebbuġ fejn il-Banda ġiet mistiedna wkoll sabiex ittella' programm strumentali. Jidher ċar li l-ħidma tagħna sabiex jogħla l-livell tal-Banda qiegħda tagħti l-frott, u dawn l-istediniet jikkonfermaw dan.

Aktar minn hekk għal din is-sena, se nilqgħu fil-Banda tagħna ħames bandisti ġodda sabiex b'hekk il-Banda tkompli tikber b'ulied is-Soċjetà (aktar dettalji rigward dan issibuhom f'din l-istess pubblikazzjoni).

Naħseb li lkoll taqblu magħna meta ngħidu li l-Banda fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija hija ħajja u impenjata matul is-sena kollha. Nieħdu din l-opportunità sabiex bħas-soltu nappellaw lill-ġenituri u nħeġġukom sabiex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-mużika b'xejn fil-każin. Investiment li jixhduh l-istess ġenituri li f'April raw il-frott li s-Surmast u l-Assistent Surmast qegħdin jagħmlu għall-ġid ta' wlied is-Soċjetà.



*Mro. Michael Pulis Assistent Surmast jidderieġi l-Banda Re Ġorġ V għall-ewwel darba waqt programm sinfoniku li sar f'April.*

Kmieni matul din is-sena ħadna l-aħbar mingħand il-bandist tal-post Jonathan Farrugia illi kien ser jirriżenja minn bandist tal-post. Dan minħabba illi Jonathan daħal is-Seminarju sabiex jibda t-triq illi jekk Alla jrid għandha twasslu sabiex iwettaq vokazzjoni saċerdotali u minn

THE VILLAGE JEWELLERS
SIĠĠIEWI

# The Village Jewellers

39, Triq San Nikola, Siġġiewi QRM 12
Tel/Fax: 2146 1921 Mobile: 9947 6432
www.siggiewi.thevillagejewellers.com
jewel@maltanet.net

Fine 18ct Gold,
925 Silverware and Jewellery

Leaders in Silver Jewellery fashion
(At the Village Price)

# B.S.I.

BALDACCHINO SILVER IMPORTS

**Trade Enquiries:**
**Triq ta' Sisla, Swatar, B'Kara**
**Tel: 2134 0514, 21480192 Fax: 2134 0514**
**Mob: 7920 1980**

Importers of
925 Silverware and Jewellery

hawn u ftit tas-snin oħra jsir qassis. Minn hawn, f'isem is-Surmast u sħabna l-bandisti nifirħu u nawguraw lil Jonathan. Veru illi l-Banda tagħna tilfet bandist eżemplari u bravu, però ninsabu ferħana illi r-raħal tagħna rebaħ ragħaj spiritwali ġdid wara tant snin ta' nuqqas ta' vokazzjonijiet ġewwa l-Imqabba. Nirringrazzjaw lil Alla talli għoġbu jagħżel lil Jonathan bħala rappreżentant ta' Kristu fostna.

Din is-sena wkoll permezz tal-bandsit u membru tal-Kummissjoni Banda, Alfred Galea, il-Banda tagħna kompliet tkabbar ir-relazzjoni internazzjonali tagħha ma' għadd ta' baned u mużiċisti Barranin. Riżultat ta' l-avvenimenti nternazzjonali xejn sbieħ li ġraw matul din l-aħħar sena kontra qalbna kellna nipposponu żjara ta' Banda Barranija li kellha tiġi Malta għall-festa ta' din is-sena. Però, riżultat tal-kuntatti li saru matul din l-aħħar sena, il-banda irnexxielha takkwista għadd ta' marċi oriġinali Barranin, kif ukoll xi mużika. Minn hawn tajjeb nirringrazzjaw lis-Sinjuri Salvatore Mauro, mużiċist u kompożitur minn Sqallija l-Italja li għoġbu jirregala numru sabieħ ta' marċi u xi mużika oħra kollox kompożizzjoni tiegħu. Lis-Sinjuri Edmond E. de Mattia u Arthur Lehman, membri irtirati tal-*U.S. Navy/Marine Bands*, li minn ġewwa l-Amerika għoġobhom jibgħatulna numru sabieħ ta' marċi militari oriġinali Amerikani. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas nirringrazzjaw lill-Banda Kfar Saba u lis-Surmast Direttur tagħha Nachman Yariv illi komplew jibgħatulna aktar mużika tradizzjonali bħala parti mill-programm ta' skambju ta' mużika illi l-Banda tagħna għandha ma' din il-Banda minn Iżrael.

Nagħlqu dan il-messaġġ billi nistieden lil kulħadd sabiex matul il-jiem tal-festa ningħaqdu mal-Banda tagħna u l-baned mistiedna. Nistednukom b'mod speċjali sabiex tattendu għall-programm mużikali ta' l-10 ta' Awissu.

## Niltaqgħu mal-Bandisti Ġodda



### Steve Cardona – French Horn

Steve għandu 13-il sena, bin George u Anna Cardona u joqgħod l-Imqabba. Jattendi l-iskola San Alwiġi ġewwa Birkirkara. Beda jistudja t-teorija fl-iskola akkademika tal-Mużika tas-Soċjetà f'Ottubru ta' l-1999 taħt is-Sur Mark Zammit, aktar tard għand Mro. David Agius u riċentement kompla jipprattika bl-istrument għand Mro. Michael Pulis. Hareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda Re Ġorġ V waqt kunċert sinfoniku ġewwa l-każin f'April li għadda. Bħala passatempi, minbarra l-mużika, Steve iħobb ukoll jilgħab il-futbol.



### Manuel Zammit – Baxx Si b

Manuel għandu 16-il sena, bin Alfred u Anna Zammit u joqgħod il-Qrendi. Għadu kif spiċċa l-Form V fis-*St. Joseph Junior Lyceum* ta' Kordin. Beda jattendi għat-teorija fl-1999 għand is-Sur Mark Zammit u għand Mro. David Agius, u dan l-aħħar ipprattika bl-istrument għand Mro. Michael Pulis. Għalkemm Manuel ħareġ idoqq għall-ewwel darba tard s-sena l-oħra, xorta ħass li għandu jkompli jispeċjalizza fl-istrument, u baqa' jattendi regolarment għat-tagħlim ġewwa l-każin. Bħala passatempi, naturalment minbarra l-mużika, Manuel iħobb il-futbol.



### Veronica Zammit – Quartino

Veronica għandha 14-il-sena, bint Alfred u Anna Zammit u toqgħod il-Qrendi. Veronica tattendi l-iskola *Margaret Martimer Junior Lyceum* f'Santa Luċija. Bħal ħuha Manuel, Veronica bdiet tistudja t-teorija fl-1999 għand is-Sur Mark Zammit u l-prattika għand Mro. David Agius. Harġet iddoqq għall-ewwel darba fl-2001, però baqgħet tattendi għal-lezzjonijiet fl-iskola tal-Mużika ġewwa l-każin. Bħala passatempi, minbarra l-mużika, Veronica tħobb tara t-*television* u taqra.



### Ritienne Ciantar – Sax Alto

Ritienne għandha 14-il sena, bint Saviour u Josephine Ciantar u toqgħod l-Imqabba. Tattendi l-iskola *Margaret Martimer Junior Lyceum* f'Santa Luċija. Bdiet titgħallem il-*piano* ta' età żgħira u t-teorija fl-iskola tal-Mużika fil-każin fl-1999, taħt is-Sur Mark Zammit. Għaddiet għall-prattika ta' l-istrument għand Mro. David Agius. Se toħroġ iddoqq għall-ewwel darba fil-festa ta' Santa Marija ta' din is-sena. Minbarra l-mużika, Ritienne tħobb tpinġi u tgħum.



### Franklin Cassar – Percussion

Franklin għandu 13-il sena, bin Carmelo u Mary Cassar u joqgħod l-Imqabba. Imur is-*St. Joseph Junior Lyceum* ta' Kordin u għadu kif lesta Form 2. Ta' 9 snin beda jistudja t-teorija għand is-Sur Mark Zammit fejn kellu li x-xewqa li jitgħallem il-kurunetta. Wara li waqaf għal xi ftit, kompla t-teorija u l-prattika għand is-Sur Carl Mattew Camilleri (għalliem tal-*percussion*) taħt is-superviżjoni tas-Surmast David Agius. Hareġ idoqq għall-ewwel darba f'Lulju li għadda fir-Rabat. Iħobb ukoll il-futbol, l-għawm u l-qari.

# FEL2

VALLETTA & ŻURRIEQ
(SAVOY COMPLEX) (HDEJN IL-MITHNA)

**TEL: 21230662 / 21642771**

# Fantasy Flowers

**Arrangements for all occasions: Weddings, Engagements, Baptisms, etc...**



'Madonna ta' Pinu'
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba, ZRQ 08
Tel: 21641032
Mob: 9946 5963

# 9 ta' April 1942

## *L-esperjenza ħajja ta' l-Imqabbin ta' dakinhar li waqgħet il-knisja*

**Tagħrif miġbur minn Jonathan Farrugia** B.A. (Hons.)

*X'siegħa ħażina żaritna*
*dakinhar, dak il-jum!*
*X'siegħa ta' rvina bikkietna*
*minn qalbna, dak il-jum!*

Diversi rħula Maltin għandhom id-data tad-9 ta' April ta' l-1942 mniżżla fl-annali ta' l-istorja tagħhom. Il-Ħalluqin jiftakru dakinhar bħala l-jum tat-traġedja tax-xelter li fih mietu aktar minn għoxrin persuna u l-jum li fih ġarrbet diversi ħsarat il-knisja parrokkjali; is-Sengleani jiftakruha bħala ġurnata oħra li fiha kompliet tiġġarraf il-bażilka Marjana tagħhom; fil-Mosta jibqa' mfakkar bħala jum il-miraklu tal-bomba... Għalina l-Imqabbin din id-data tibqa' mfakkra bħala l-agħar ġurnata fl-istorja tar-raħal. Ħamsin dar tkissru għal kollox, mija oħra ġġarrfu. Mietu tliet persuni u ġġarrfet b'mod estensiv il-knisja parrokkjali, ġawhra ta' arkitettura barokka simmettrika u eleganti. Għalkemm idum wieqaf dan ir-raħal ta' Santa Marija, id-9 ta' April 1942 tibqa' miktuba b'ittri tad-demm fil-qalb ta' kull min verament iħoss li huwa Mqabbi.

Għal din is-sena, fl-okkażjoni tas-sittin anniversarju minn dan l-avveniment ikraħ, ħsibt li noħroġ b'xi ħaġa ġdida. April ta' l-1942 baqa' msemmi bħala l-agħar xahar tal-gwerra f'Malta; fih intefgħu madwar 6,738 tunnellata ta' bombi fuq Malta minn 5,715-il ajruplan.[1] Kull min kiteb dwar dak li għaddiet minnu Malta fil-gwerra ma naqasx milli jagħti importanza kbira lil dan ix-xahar, għax kien fih li pajjiżna sofra telfiet kbar f'dawk li huma ħajjiet u patrimonju artistiku. Ma tonqosx milli tissemma t-traġedja ta' raħalna, minħabba li kienet il-knisja ta' l-Imqabba l-aktar li ġarrbet ħsara fl-*air raid* tad-9 ta' April. Madankollu, flok ma noħroġ sentenzi ta' dak li kitbu oħrajn minn dak li semgħu, ħsibt li jkun aktar xieraq li nkellem xi Mqabbin li jiftakru x'ġara sewwasew dakinhar, sabiex ix-xhieda tagħhom tibqa' ħajja għaż-żmien li ġej.

### "Kif inżilna t-taraġ tax-xelter smajna ħoss kbir..."

**Antonia Zammit**[2]

X'ħin daqq l-*air raid* ommi qalet lil Ġovanna li kienet toqgħod warajna: "Ħa mmorru ta'!" Dik weġbitha: "Iwa, 'ssa mbagħad immorru." U aħna qbadna u tlaqna. Naf li kif inżilna t-taraġ, minn fejn il-każin ta' Santa Marija għax hemm kienet ix-xelter, smajna ħoss, u wara, taf int, xi ħadd qal: "Waqgħet il-knisja!" U mbagħad tlajna



*Illum, sittin sena wara, dehra tal-knisja parrokkjali mżejna għall-festa titulari.*


Suppliers of:
Granite, Marble,
Terrazzo, Ceramics
and Paving Blocks
FRANCESCO FENECH
Valletta Road,
Mosta
Tel: 2143 4555
Fax: 2143 3517

u jien u ommi morna (fil-knisja) u kien hemm ta' l-A.R.P. Dħalna l-knisja mill-bieb ta' ħdejn tar-Rużarju u sibna l-koppla ta' *cable* mdendel, ħerba sħiħa fuq il-maġġur u keċċewna 'l barra, għax qalulna "Oħorġu barra għax hawn il-periklu." Naf li kien hemm Madonna ta' Lourdes, li llum qiegħda San Bażilju,[3] u ma nafx kif, sibnieha bil-wieqfa ġo konfessjonarju. Probabbli li bil-*blast* taret minn fuq l-artal u spiċċat ġol-konfessjonarju.

Niftakar li rajt in-niċċa ta' Santa Marija bil-ħġieġa mifqugħa. Kienet ħġieġa waħda ħoxna ħafna, mhux bħal tal-lum. Kont ġbart biċċa minnha u żammejtha tifkira.

Ġejna d-dar u sibna kullimkien ħġieġ imfarrak... It-tifel ta' Ġovanna, li kien fix-xelter magħna, qal: "Min jaf ommi...?" Ommu u żewġ ħutu kienu għadhom fit-triq għal ġox-xelter x'ħin waqgħu l-bombi. Tnejn minnhom, ommu Ġovanna u oħtu Salvina sabuhom mejtin fuq xulxin ġol-ħofra tal-bomba li waqgħet fil-pjazza; l-oħra, Marija, il-*blast* tajjarha għal fuq Santa Katarina. Ħaduha l-għassa u mietet ftit wara għax kienet belgħet ħafna gass. Kellha tarbija ta' xi kuġina fuqha u kull ma ġralha qasmet ftit rasha, imma baqgħet ħajja.



*Il-knisja parrokkjali mġarrfa – 9 ta' April 1942.*

Dakinhar mietu dawk it-tlieta biss, imma setgħu mietu aktar għax qabel il-knisja kienet tkun kollha mdawra bil-karozzi u t-trakkijiet. Konna narawhom x'ħin konna nkunu sejrin għall-ikel mill-*victory kitchen* li kienet fejn illum hemm l-ispiżerija fi Triq Santa Katarina. Kienu jibagħtuhom kollha hawn mill-*airport*. Dakinhar li waqgħet il-knisja ma kienx hemm karozzi madwarha – jista' jkun li mar irraporta xi ħadd biex ma jħalluhomx hekk, ma jmorrux jaħsbu li fil-knisja kienu qed iħallu xi munizzjon jew armamenti. Kieku waqgħet meta kien hemm il-karozzi u t-trakkijiet madwarha kien ikun hemm aktar tifrik.

Kienet *direct hit* u l-bomba li ġiet fuq il-knisja waqgħet fuq in-naħa tal-Kunċizzjoni – fuq in-naħa tar-Rużarju ma ntmess xejn. L-istatwa tal-Kunċizzjoni ntmesset xi ftit, imma l-akbar ħsara saret fuq in-naħa ta' l-artal, għax fuq wara li waqa'. Il-kampnar għamel mod ma waqax. Is-sala waqgħet, u anke s-sagristija, imma l-kappella (tas-Sagrament) ma jidhirlix li waqgħet għax ma tidhirx ġdida. Waqgħet biċċa mill-kor, l-orgni nkiser u ntilef il-maġġur.

Waqgħu aktar minn bomba fil-pjazza dakinhar: waħda fuq il-knisja, waħda fil-pjazza, quddiem fejn illum hemm il-każin tal-Ġilju u l-oħra quddiem fejn illum hemm il-*Youth Centre*. Din li ġiet fil-pjazza l-kbira kissret l-istatwa tal-ġebel l-antika ta' Santa Marija u l-istatwa ta' Sant'Andrija li kien hemm mad-dawra taz-zuntier. Qatlet ukoll lil Ġovanna Busuttil u lil uieħda. Il-bomba l-oħra, li waqgħet fil-fetħa ta' wara l-knisja, sabet il-ħamrija u għamlet ħofra kbira ħafna, tant li s-sorijiet li kienu f'dar Santa Tereża (illum il-*Youth Centre*) ma setgħux joħorġu. Fil-pjazza kienu weġġgħu wkoll xi nies. Wieħed miet xi jumejn wara, u waħda mara tilfet riġlejha t-tnejn.

Ġol-knisja kien hemm Dun Ġerald, Dun ienju – kienu jistaħbew fil-kampnar, mingħalihom li se jeħilsuha – ieħor li kien jiġi minn dawk li joqogħdu quddiemi, la naf Ċensu u lanqas ħuh Karmenu, li kien joqgħod il-Qrendi, u xi ħadd ieħor.[4] Ħarġuhom minn ġo tieqa. Ħadd ma miet ġol-knisja. Il-kappillan, Dun Lawrenz Spiteri, kien ġo xelter, għalhekk ħareġ Dun Ġużepp, bil-ħwejjeġ tas-sodda kif kien, u mar ħareġ is-Sagrament – rajnieh għaddej bih u ħadu d-dar. Hemm min jgħid li ħarġu qabel l-attakk, imma ma naħsibx li kien hekk, probabbli li ħarġu minn taħt xi ġebel.[5]

Biex nisimgħu l-quddies għal xi żmien bdejna mmorru San Bażilju. Imbagħad għamlu xi artal proviżorju ġol-knisja stess u bnew ħajt fil-kursija sakemm inbniet mill-ġdid il-koppla.

## "Tlajt fuq il-bejt u l-koppla ma rajthiex..."

**Persuna li xtaqet tibqa' anonima**[6]

*X'tiftakar minn dakinhar?*

Niftakar li kien fil-bidu ta' April, id-disgħa tax-xahar, binhar. Kont bqajt id-dar u smajt sparaturi u splużjonijiet. X'ħin waqfu tlajt fuq il-bejt u l-koppla ma rajthiex. Għedt "Ara, laqtu l-knisja!" Ir-raġel kien suldat, u x'ħin ġie lura qalli "Marret il-koppla!" U mhux il-koppla biss! Kienet marret nofs il-knisja kważi, xi affarijiet tal-qassisin, xi pjaneti ġodda, li spiċċaw ukoll. Kien telaq l-orgni u kienet waqgħet il-parti fejn hemm il-vara tal-Ġilju. Li kien hemm ġo dik in-naħa kollu mar: it-tużell li kien jintuża f'Santa Marija biss, it-tnax-il appostlu li kienu jintramaw fuq il-maġġur fil-festa... L-ostensorju ta' Santa Marija u l-ventartali jidhirli li salvawhom, imma.




Arcadia,
Gilbiena Street,
Zabbar.
Tel/Fax: 2167 7970

*We Specialize in:*

1. Frame Moulding in different shapes and sizes, Parquet Flooring and Wooden Skirting
2. Furniture Mouldings
3. Kitchen doors in standard measures or in desirable size
4. Panelling in solid Pine





All Selections can be made from a wide selection of wood
(Pine - Oak - Mahogany - Samba)

**PURCHASE DIRECTLY FROM MANUFACTURER AND SAVE MONEY**

**FREE DELIVERY**

# Omajco Cleaners Ltd

*13 Rokku Buhagiar Street – Qrendi*

**We offer these services**

First Time Cleaning, Window Cleaning, Office Cleaning
Street Sweeping, Maid Service, Sofa Cleaning
Contract's Manager Service, All Types of Cleaning
Carpet Cleaning

**The cleaning Shops**

13 Rokku Buhagiar Street – Qrendi *(ħdejn il-knisja)*
70 Sammat Street – Paola *(kantuniera ma' Piccinino)*
Naxxar Road – San Ġwann *(ftit 'l isfel mill-knisja)*
New Street – Luqa *(faċċata ta' Balal Petrol Station)*

**Come and see our incredible prices for cleaning products**
**Free Delivery for Purchases Over Lm5.00**

**Call us now 2164 2343, 2164 1168, 9949 8464**
**E-mail: sales@omajco.com • http://www.omajco.com**

Fil-pjazza kienu mietu xi nies, omm u żewġ ulied. Ġol-knisja jgħidu li kien hemm qassisin u xi oħrajn, imma ma ġralhom xejn għax ħarġu huma minn ġot-tifrik.

*Jiġifieri minn fejn kont toqgħod kont stajt taraha l-knisja?*

Iva, kien minn fuq il-bejt li tlajt biex nara x'ġara.

*Għedtli li r-raġel kien suldat. Dakinhar kien id-dar jew xogħol?*

Kien imissu servizz. Kont waħdi d-dar.

*Fejn kien qiegħed xogħol? Hawn fl-Imqabba stess?*

Le, Delimara. Meta qalulu li l-attakk kien wara l-*airport*, tela' jiġri fuq il-bejt bi tromba u minn hemm ra l-koppla taqa'. B'hekk sar jaf, mhux għax għedtlu jien.

*Wara li waqgħet il-knisja, qatt dħalt hemm ġew biex tara t-tifrik?*

Ma kinux iħalluna għax kien hemm ħafna periklu. Forsi ħaddieħor daħal, imma jiena ma kontx dħalt.

*In-nies x'kienu jagħmlu għall-quddies?*

Morna San Bażilju. Kollox kien isir hemm, anke l-magħmudijiet. Jien għammidt waħda mit-tfal f'Ottubru u hemm kont għammidtha. Kollox baqa' jsir hemm sakemm il-knisja damet imwaqqa'.

## "Kien hemm iz-ziju Ġużepp Busuttil jistaqsi għall-familja tiegħu..."

**Joseph Farrugia**[7]

Nhar id-9 ta' April 1942 wasalt ir-raħal wara x-xogħol f'xi l-5.00pm u bqajt sejjer il-misraħ biex nara x'hemm; sibt kommozzjoni quddiem id-dar taz-zija Anna (Baldacchino) fi Triq id-Duluri: kien hemm iz-ziju Ġużepp Busuttil jistaqsi għall-familja tiegħu. Sirt naf x'ġara d-dar mingħand ommi.

Mill-*craters* tal-bombi naħseb li l-attakk sar minn żewġ ajruplani. Kien hemm ħafna quddiem dik li issa hi Triq il-Madonna tal-Ġilju, waħda quddiem dar il-Kappillan u oħra qudiem iċ-Ċentru A.K. fi Triq San Bażilju apparti l-bomba li waqqgħet il-knisja.

Il-bomba ħabtet fuq il-pilastru maġġuri. Bit-tiġrif sar ħsara lill-kwadru ta' l-Agunija, l-artal tal-Kunċizzjoni, ħsara żgħira lill-istatwa tal-Ġilju u l-pedestall ta' Santa Marija. Il-kwadru tar-Rużarju sofra tiċrita żgħira. Tkisser l-artal maġġur li kellu ħafna *malakite*, l-orgni, it-tużell tal-festa, il-kor u l-korp ta' San Innoċenzju. Mis-sala ntilef l-armar tal-festi, il-bankun tar-Rużarju, il-bandalora tax-Xirka, imma b'xorti tajba kienu salvi l-istandardi tal-fratellanzi kollha. Intilfet il-pittura tal-koppla u tliet Evanġelisti fil-lunetti, xogħol Filippo Venuti.



*Disinn ta' kif kien il-kor qabel ma waqgħet il-knisja.*

## "Ġrejna minn Triq Santa Katarina għall-pjazza tar-raħal f'nofs it-trab u t-tifrik..."

**Saviour Bugeja**[8]

Matul il-gwerra jien kont il-*Company Commander* tal-*Home Guard* ta' l-Imqabba. Dakinhar ma kontx xogħol u waqt l-attakk kont f'xelter. Hekk kif il-*Junkers 87* marru lura lejn il-bażi tagħhom fi Sqallija wara dak il-bumbardament aħrax, jien u xi żgħażagħ oħra ħriġna mix-xelter. Kien għadu lanqas ingħata s-sinjal ta' l-*all clear*. Mill-isplużjonijiet li konna smajna, konna ċerti li ġġarrfu ħafna djar u li kienu mietu jew weġġgħu xi nies. Ġrejna minn Triq Santa Katarina għall-pjazza tar-raħal f'nofs it-trab u t-tifrik. Iċċassajna lejn il-knisja hekk kif il-koppla u t-tambur ma rajnieħomx.

Hekk kif ersaqna lejn il-knisja, mill-bieb miftuħ beraħ bil-*blast*, stajt nara persuna titħabat biex toħroġ minn ġo nofs il-ġebel u t-tifrik. Kien Dun Ġerald Mangion u kien miksi bit-trab. Is-suttana tiegħu kienet tidher bajda. Inzerta kien fil-knisja waqt l-*air raid*. Kellu fuqu xokk kbir tant li bil-kemm seta' jkellimna, imma mill-bqija ma kienx weġġa'. Kien f'kundizzjoni li jmur lejn id-dar waħdu, imma xi nies xorta waħda marru miegħu biex jagħtuh l-għajnuna f'każ li jiġi bżonnha.

Malajr feġġ Dun Ġużepp Xuereb, qassis ieħor mir-raħal, li bla ma qagħad jaħsibha ddeċieda li jmur joħroġ is-Sagrament mill-knisja, jew aħjar minn dak li kien baqa' minnha. Dan kien merfugħ fi gradenzina mħaffra f'wieħed mill-pilastri prinċipali li jrieġu l-parti ta' fuq tal-knisja. Dun Ġużepp staqsa jekk kienx hemm xi ħadd li xtaq imur miegħu biex jgħinu f'każ ta' bżonn. Ċertu wieħed Anthony Galea u jien offrejna li mmorru miegħu.

Kienet deċiżjoni tqila u mgħaġġla. Hekk kif dħalna fil-knisja mġarrfa bdejna mexjin fuq munzell ta' ġebel li bdew jiċċaqilqu taħt saqajna; biċċiet ta' ġebel żgħar u ġir bdew jaqgħu fuqna. L-aktar li bżajt imma kien x'ħin ħarist 'il fuq lejn il-koppla mċarrta u rajt ħafna ġebel kbir fil-periklu li jaqa' ma' l-iċken żiffa riħ. Hemm indunajt sewwasew il-periklu li konna fih, u bżajt tassew.

Ilħaqna l-post fejn kien hemm is-Sagrament merfugħ, bla mittiefes. Dun Ġużepp ħarġu mill-pilastru, u waqt li ħarist lejh stajt nara tbissima ħelwa ta' sodisfazzjon fuq wiċċu. Tlabna talba lil Alla t-tlieta li konna biex jgħinna noħorġu mill-knisja mingħajr korriment. It-talba tagħna nstemgħet.

Mill-għada saru l-arranġamenti



# MANUEL BEZZINA CO LTD

**IMPORT – EXPORT**

ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITA

**LISETA**



BIKRIJA

**DRUID**



ĦAMRA

**AVONDALE**



BAJDA

**CARA**



TA GĦAJNA
ĦAMRA

**SLANEY**



BAJDA

AKTAR TAGĦRIF
**MANUEL BEZZINA CO LTD**
"Springfield" Excelsior Street, Għarghur
Tel: 2141 0204, 9949 7346 • Fax: 2141 2587



*Il-knisja parrokkjali mżejna għall-festa titulari ta' Santa Marija aktarx fl-1897.*

meħtieġa biex tibda tintuża l-kappella ta' San Bażilju minflok il-knisja parrokkjali.

### "Waqgħet bomba ħdejn Santa Katarina u *splinter*...daħlet ġo dahar missieri."

**Rita Mangion**[9]

Dakinhar inzerta jumejn wara li spiċċaw il-kwaranturi, għax l-Għid ħabat fil-5 ta' April. Fil-ħin ta' l-attakk kien hemm Dun Ġerald u Dun Ġienju fil-knisja, fl-inħawi tas-sagristija. Wara kellhom jgħinuhom joħorġu minn taħt il-ġebel għax intradmu fit-tifrik.

Ħuti s-subien kienu kollha mdaħħlin ma' tas-servizzi: wieħed kien jaħdem id-*dockyard* isewwi l-vapuri Ingliżi bbumbardjati; Toni kien surġent tal-pulizija Birżebbuġa; lil Ġanni kienu jċaqalquh ta' spiss peress li kien ta' skola, daqqa l-Kalkara, daqqa Ħaż-Żabbar – dawk l-inħawi kollha darhom; iż-żgħir kien kaporal fuq is-*searchlight*. Missieri nzerta kien jaħdem fix-xelter li kien hemm fil-pjazza quddiem Triq id-Duluri. Ommi tgħidx kemm kienet tibki minħabba fihom.

Fid-9 ta' April jien u hi konna f'wieħed mix-xelters ta' Triq il-Belt, għax dawk kienu l-eqreb lejn id-dar. Ma konniex indumu ma ninżlu wara li nisimgħu t-tvenvin ta' l-ajruplani jew l-*air raid call* għax ommi tgħidx kemm kienet tibża'. Waqt l-attakk, missieri nzerta kien fil-pjazza ma' Pinu tal-Ġendarm u sakemm ġera lejn ix-xelter li kien quddiem il-Każin ta' Santa Marija, bdew neżlin il-bombi fil-pjazza. X'ħin kien nieżel it-taraġ tax-xelter waqgħet bomba ħdejn Santa Katarina u *splinter* minnha qasmet il-pjazza, laqtet lil Pinu f'widintu u daħlet ġo dahar missieri. Kienet l-istess bomba li qatlet lit-tlieta ta' Busuttil.

Wara l-avviż tar-*raiders passed*, ġie z-ziju Pawl ifittex lil ommi fix-xelter u ħadna l-għassa. Kif ħriġna sibna diżastru quddiemna: kullimkien ħġieġ imkisser u frak tal-ġebel. Id-dar ta' quddiemna kienet waħda milli tkissru għal kollox. Lil missieri sibnieh mixħut fuq siġġu jżomm fejn kienet nifditu l-*isplinter*. Ma kienx jidher imweġġa' ħafna, bilkemm kienet ħallietlu marka, imma kienet qatgħetlu l-arterja prinċipali ta' qalbu u kellu emorraġija nterna. Ħaduh malajr l-isptar ta' Bugeja u miet hemm jumejn wara. Anqas ilħaqt rajtu darb'oħra.

L-aħħar memorja li għandi tiegħu hi ta' dakinhar li korra. Filgħodu kont smajtu jgħid lil ommi inkwetat minħabba fija għax kont bajda ħafna. Ġie jtini ftit inbid u dik kienet l-aħħar darba li kellimtu. Għandek tgħid ħuti kienu kollha f'nofs il-periklu u baqgħu ħajjin, u missieri li baqa' hawn intlaqat u miet. Lanqas biss ħaduh bil-karru tal-mejtin għax funerali lanqas kienu jsiru: in-nies kienu jmutu u jidfnuhom bla quddies. Difnuh taħt fejn hemm l-istatwa ta' l-*Ecce Homo* fil-kappellun tal-Kunċizzjoni. Il-funeral għamilniehulu erba' snin wara, meta qalgħuh biex jieħduh fiċ-ċimiterju. Hu u dawk li kienu midfunin dik in-naħa lanqas kienu tmermru, kienu qishom għadhom kemm mietu.

Sirna nafu li waqgħet il-knisja minn xi żgħażagħ li ħarġu mix-xelter qabel ingħata s-sinjal ta' l-*all clear*. Meta niżlu jgħidulna nqala' għagħa kbir. Wara li ħadu lil missieri l-isptar, morna l-pjazza jien u ommi wkoll u sibna konfużjoni kbira. Kien hemm ħafna nies, kulħadd jibki, min għall-knisja, min għall-ħsara ta' daru, min għan-nies li mietu. Ma ħallewniex nidħlu fil-knisja, imma smajthom jgħidu li ntilfu xi kotba tal-knisja, xi arkivji u affarijiet oħra. Ħafna affarijiet ta' fided u armar ma ntilfux għax meta bdiet il-gwerra bdew iqassmuhom għand in-nies li kienu jgħinu fil-knisja, bit-tama li wħud minnhom jiġu salvati. L-għaġeb tiegħi hu kif l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju baqgħet sħiħa ġo nofs dak it-tifrik kollu, għax dik in-naħa kollox kien waqa'. Kien hemm statwa oħra hemm, il-korp sant ta' San Innoċenzju, li kien jintrefa' fl-artal tal-Kunċizzjoni. Tgħidx kemm kien sabiħ. Kien hawn ħafna devozzjoni lejh fl-Imqabba, u kienet issirlu festa sabiħa bil-banda Ħadd fuq Santa Marija. Tfarrak għal kollox u żammew biss xi relikwi minnu.

Kienu żminijiet koroħ ħafna li fihom tlifna ħafna, u allaħares jerġgħu jiġu fuqna!

### "Bħalma l-knisja tista' taqa' bil-lejl, tista' taqa' anke binhar!"

**Patri Karm Zammit O.P.**[10]

*Kemm kellek żmien fl-1942?*

Dik is-sena f'Awissu għalaqt 14-il sena. Kont għadni abbati dak iż-żmien. Il-kappillan kien Dun Lawrenz Spiteri.

*X'tiftakar minn dakinhar tad-9 ta' April?*




# We Leave You Spotless

**SWAN LAUNDRY AND DRY CLEANERS ARE RENOWNED FOR THAT**

OUTLETS AT:

| | | |
|---|---|---|
| Bulebel | B44, Industrial Estate | Tel: 21 691 414 |
| Sliema | 132, Tower Road | Tel: 21 341 896 |
| Balzan | Shop 6, Dolpin Centre | Tel: 21 443 453 |
| Ibrag | Ta' l-Ibrag Road | Tel: 21 370 195 |
| San Gwann | Door D, Bernardette Str., | Tel: 21 378 524 |

SUB AGENCIES AT:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mellieha | Brian's Tailor Shop | 62, G. Borg Olivier Str., | Tel: 21 523 340 |
| Fgura | Cash and Carry | Mahatma Ghandi Str., | Tel: 21 801 355 |
| Zejtun | Michael's Boutique | 51, Mater Boni Consigli Str., | Tel: 21 667 977 |
| Gzira | Hamro | 149, The Strand | Tel: 21 340 131 |
| Rabat | Jane's Boutique | Gorg Borg Olivier Str., | Tel: 21 452 573 |
| Sliema (Ferries) | Square Deal Laundrette | 40, The Strand | Tel: 21 313 127 |

**For Door to Door Collection and Delivery Service Call Freephone on 8007-6614**

SWAN
LAUNDRY & DRY CLEANING CO. LTD.

**Head Office:** B44 Industrial Estate Bulebel
Tel: 21 691 414-5-6 Fax: 21 809 471
E-mail: swan_laundry@kemmunet.net.mt

Dakinhar filgħodu kont għent waqt l-aħħar quddiesa ta' filgħodu, li nzertat kienet l-aħħar quddiesa li tqaddset fil-knisja għal żmien twil. Kienent quddiesa kantata għal ruħ Anna Mallia, oħt Dun Ġienju, li kienet mietet qabel bdiet il-gwerra.

Dak iż-żmien kienet sistema li filgħaxija ma jkunx hemm quddiesa, imma Rużarju u benedizzjoni biss. Wara, is-Sagrament kien jintrefa' f'kapsula antika u jitpoġġa f'armarju f'pilastru, quddiem it-taraġ li jieħu għall-orgni,[11] biex f'każ li tintlaqat il-knisja bil-lejl, is-Sagrament ma jiġrilu xejn.

Ta' tifel li kont, kont nirraġuna li l-knisja tista' taqa' filgħodu wkoll u dakinhar wara l-quddiesa daħħaltha f'rasi li lill-kappillan ngħidlu. U hekk għamilt. Għedtlu: "Bħalma tista' taqa' bil-lejl, il-knisja ma tistax taqa' filgħodu wkoll?" Il-kappillan ma tantx deher li ħa gost għax qalli li dan mhux affarija. Biss qabel nofsinhar ġie Toni s-sagristan u qalli li pperswadih biex jagħmel kif għedtlu jien. Fis-siegħa ta' wara nofsinhar dakinhar stess il-knisja waqgħet u l-artal tfarrak.

*Fejn kont waqt l-attakk u x'tiftakar minn dak il-ħin?*

Kont qiegħed fix-xelter ta' Triq il-Belt, li kien qrib Katarin tal-Mejlaq. Kellu tliet bokok. Smajna sensiela ta' splużjonijiet, u ħafna storbju ta' ġebel jitkisser. Il-*blast* ta' waħda mill-isplużjonijiet ħassejnieh u sabbatna mal-ħajt. Ftit wara ġie raġel u qalilna li waħda mill-bombi laqtet il-knisja.

*Xi ħsara tiftakar li saret?*

Il-koppla telqet kollha, biċċa mill-kor, in-naħa ta' fejn hemm l-orgni telaq ukoll, u anke biċċa mill-kappellun tal-Kunċizzjoni. Xi ġebel li tar mill-koppla u mis-soqfa tal-kor u l-kappellun ġew fuq is-saqaf tad-dar tal-kappillan u sfrundawh. Għal xi żmien mar joqgħod għand waħda mis-sefturi li kellu, ħdejn il-*Youth Centre*.

Kienet saret ukoll ħsara kbira fl-artal prezzjuż ta' l-irħam bil-*malakite*. Kolonna minnu għadha tinsab fil-kantina tal-knisja. L-artal tal-Kunċizzjoni waqa' biċċa minnu u tkisser ukoll l-artal ta' l-Agunija li kienet ta' l-irħam interzjat, bħal tar-Rużarju.

Barra minn hekk, kien hemm kappella żgħira taħt il-kor li fiha kienu jindifnu l-qassisin ta' l-Imqabba. L-aħħar wieħed li ndifen fiha kien Dun Lawrenz Zammit. Meta waqgħet il-koppla, sfrundat l-art tal-kor u l-oqbra tagħhom intradmu. Għadu hekk sal-lum għax ir-radam qatt ma tneħħa.

*Tiftakar xi paramenti u armar li ntilfu dakinhar?*

Kien hemm leġilju kbir fil-kor li kien jintuża għall-kant ta' l-Għasar nhar ta' Sibt u fil-festi li tfarrak. Inkisru wkoll l-appostli li kienu jintramaw fuq l-artal maġġur f'Santa Marija biss. Kienu tnax, mhux sitta. Jidhirli li kienu tal-kartapesta mlibbsin bil-fidda. Intilfu wkoll il-ventartali ta' l-artali kollha tal-festi sekondarji. Dawn kienu bi gwarniċun ta' l-injam u bid-drapp bil-fjuri. Kienu jintużaw fil-festi tal-Madonna tal-Ġilju, f'tal-Madonna tar-Rużarju, fil-Kwaranturi Mqaddsa u fil-festa tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Inqered ukoll it-tużell ta' magħhom u xi lbies liturġiku minn ta' l-istess sett: ħames kapap, il-pjaneti u l-umbrellun tas-Sagrament. Il-baldakkin baqa' sħiħ.[12] Intilfu l-fjuretti tad-drapp ta' l-artali ż-żgħar u ħafna gastri ta' l-alabastru.

Intilfet ukoll l-istatwa bil-ġisem ta' San Innoċenzju. Kien hawn ħafna devozzjoni lejh fir-raħal. Kellu anke xi armar għall-festa tiegħu. L-artal maġġur kien jibqa' armat b'xi armar ta' Santa Marija, imma kien jitpoġġa hu hemm ukoll, f'nofshom. Kellu anke mant tal-bellus aħmar biex jintrama madwaru. Illum jintuża mas-Sepulkru bejn Ħamis ix-Xirka u Sibt il-Għid. Kellu l-gastri tiegħu għal fuq l-artal maġġur. Illum dawn jintużaw fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Kienet issir purċissjoni bil-kapep ħomor u bir-relikwija fil-festa tiegħu, li kienet tiġi ċċelebrata Ħadd wara Santa Marija. Kienu jmorru nies aktar milli jmorru f'tar-Rużarju! L-ispejjeż ta' din il-festa kien iħallashom wieħed jgħidulu Lippu ta' l-Oħxon.

*Qatt dħalt fil-knisja wara li waqgħet?*

Daż-żgur. Konna mmorru kull nhar ta' Ħadd inneħħu t-tifrik minn hemm ġew. Taħt ir-radam ta' l-artal sibna xi kotba liturġiċi. Niftakar li l-istatwi tħallew fil-knisja matul il-gwerra. Lil Santa Marija bnewlha ħajt dobblu; lil tal-Ġilju wkoll bnewlha ħajt sakemm baqgħet fil-knisja, għax il-ħajt tan-niċċa ma waqax. Lil tar-Rużarju ma jidhirlix li bnewlha wieħed peress li dik in-naħa ma kienx hemm ħsarat.

Is-servizzi liturġiċi għal xi żmien bdew isiru f'San Bażilju, u San Mikiel kienet tintuża bħala sagristija. Is-Sagrament kien jintefa' f'toqba fil-ħajt bejn iż-żewġ kappelli – il-kappillan kien tgħallimha l-lezzjoni. Inbena ħajt temporanju fil-kursija tal-knisja parrokkjali u wara xi żmien reġgħet bdiet tintuża għax San Bażilju ma kienx suffiċjenti biex jaqdi r-raħal kollu. Matul il-ġranet tal-festa sakemm reġgħu nbnew il-koppla, il-kappellun u l-kor, l-istatwi kienu jintramaw fil-kursija, quddiem il-bieb tan-nisa bejn l-artali ta' Pentekoste u ta' San Gejtanu u Sant'Antnin.

*Ittieħdu xi prekawzjonijiet biex ma jintilfux aktar affarijiet f'każ li l-knisja terġa' tintlaqat?*

Iva, dak li kien baqa' tqassam fid-djar. Id-damask l-ewwel ittieħed għand wieħed Rokku li kien joqgħod fi Triq il-Parroċċa, wara ħaduh għand Ms. Bugeja, f'remissa fi Triq San Bażilju, fil-post fejn illum hemm ħanut tal-fidda. Ħafna mill-armar ta' Santa Marija: il-kandlieri, ix-xemgħa, il-ventartali, il-kaxxi tal-kanapew il-ġdid u affarijiet oħra ttieħdu għand ta' Parnis, li kienu joqogħdu ħdejn San Bażilju.






The Roadhouse Buskett

*Open for Lunches, Dinner Dances and Discos*

Roadhouse, Buskett, Rabat RBT 09 - Malta
Tel: 2145 4233 / 2145 0161 • Fax: 2145 0070

## Evalwazzjoni tal-Knisja Wara l-Gwerra

Sakemm komplew l-*air raids* ftit li xejn kien hemm tnetattivi biex issir tiswija għax dejjem kien hemm il-periklu li ssir aktar ħsara. La darba spiċċat il-gwerra, fl-Imqabba, bħal f'kull raħal u belt oħra ta' Malta, bdew jaraw xi ħsara setgħet titranġa u x'kellu jsir mill-ġdid.

Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju nżammet fil-kappella tad-Duluri sakemm ittiehdet iż-Żurrieq għand hu Dun Nard Mallia biex isewwilha l-ħsara li kellha f'riġlejha u fuq ras is-serp. Meta tlestiet inġiebet b'karettun sa ħdejn l-istatwa tal-ġebel li hemm f'Tal-Menta u ħarġu n-nies jilqgħuha hemm.[13] Fl-1954, is-sena Marjana taċ-ċentinarju mid-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, iżżanżnet il-bradella preżenti ta' din il-vara. Il-benefattur kien Dun Ġużepp Xuereb. Din il-bradella ħadet post l-oħra ta' qabilha li kienet saret fl-1914 u ntilfet mal-bqija ta' l-affarijiet meta ntlaqtet il-knisja.

Rigward ir-rikostruzzjoni tal-koppla, ta' min isemmi l-għajdut li l-perit kien qed jesperimenta fuq il-kappella ta' Ħal Luqa, waqt li kien hemm kummenti li minħabba l-kwalità tal-ġebla din il-koppla mhix se sservi bħall-oħra.[14] Ta' min josserva kif fl-ispazju intern żgħir tal-koppla nħoloq disinn sabiħ. Madankollu fl-opinjoni tiegħi kienet għażla żbaljata li l-koppla ma nbnietx fuq l-istess disinn ta' dik ta' qabilha. Qabel kienet aktar proporzjonata mal-bqija tal-knisja u l-għoli tagħha ma kienx jaqbeż lil dak tal-kampnar, tant li kellha simetrija eleganti tgħaxxqek tħares lejha. Il-koppla preżenti, għalhemm fiha nfisha hija sabiħa ħafna u fiha xogħol tas-sengħa (minkejja l-problemi li nqalgħulha dan l-aħħar), meta titqabbel mal-bqija tal-knisja tidher kbira wisq u ma taqbel xejn. Xi żmien wara li tlestiet u twaħħal is-salib fuq il-lanterna, għaddew xi ajruplani mill-qrib u tant dehru għaddejjin fil-baxx li min kien fil-pjazza ħaseb li sa jibqgħu deħlin ġol-koppla. Minħabba f'hekk sar rapport u twaħħlet bozza ħamra mas-salib bħala sinjal ta' l-għoli għall-ajruplani.

Żball ieħor kien meta ġie aċċettat li jinbidlu l-arkitettura u l-pittura ta' l-artal tal-Kunċizzjoni. Il-pittura l-antika, apparti l-preġju kbir li għandha minħabba li l-istil tagħha jixbah lil dak ta' l-iskola ta' Mattia Preti, kienet taqbel perfettament fl-istil u fl-ilwien skuri mal-bqija tal-pitturi li jinsabu fil-knisja.[15] L-artal tal-Kunċizzjoni kien l-uniku wieħed li ġġarraf estensivament u li kellu jinbena mill-ġdid. Jibqa' misteru kif ma nbeniex bil-kononni bħall-bqija li baqgħu sħaħ. Kien hemm min qal li nbena b'disinn ta' arzella biex jintrebaħ xi spazju. Il-validità ta' dan l-argument hija dibattibbli ferm.

Sewwa jgħidu li żball jiġbed ieħor, għax wara li tlesta l-bini mill-ġdid ta' l-artal tal-Kunċizzjoni, inbidlet l-arkitettura ta' dak ta' l-Inkurunazzjoni biex iż-żewġ artali jiġu jaqblu. Kien fil-ħsieb ta' Dun Ġużepp Xuereb li l-kwadru jinbidel u jsir ta' San Ġużepp minħabba li l-artal huwa magħruf fost il-parruċċani bħala *ta' San Ġużepp*. Xhieda ta' dan huwa s-soprakwadru li hemm fuq il-pittura prinċipali. Fejn is-soltu s-soprakwadru juri xi ħaġa differenti mill-pittura l-oħra, dak ta' l-artal ta' l-Inkurunazzjoni juri l-Madonna inkurunata mal-Missier Etern. Jingħad li l-pittura ta' San Ġużepp kienet diġà tlestiet imma mbagħad il-permess biex tieħu post l-oħra ma ngħatax.

Skond il-pjan oriġinali l-artal titulari li jinsab fil-kor kellu jitwaqqa' biex jinbidillu l-istil u jkun jaqbel mat-tnejn l-oħra. B'xorti tajba meta beda l-ħatt tiegħu, il-Monsinjuri Ghigo u xi parruċċani oħra infurmaw lill-



*Il-knisja parrokkjali u Misraħ il-Knisja għall-aħħar tas-seklu dsatax.*

# Kristianne

## STATIONERY

Mattia Preti Square, Żurrieq
Tel: 2164 7391 / 2164 9150

*offers*

- Stationery items of top quality
- DMC thread and Knorr wires for Ganutell
- Magazines and books
- Cards and invitations for all occasions
- Toys for all ages
- Gifts
- Haberdashery
- Photocopy service and book binding

Kurja. Interveniet l-awtorità kompetenti u ordnat li l-artal jithalla fl-istil oriġinali tiegħu. Kien laħaq inħatt biss saċ-ċinta ta' fuq il-kwadru. Aktar 'il fuq mill-kwadru tpoġġiet tieqa b'kuruna fin-nofs – din ħadet post pittura żgħira[16] li tidher f'ritratti antiki tal-knisja. Probabbilment il-pittura ta' fuq tħassret meta waqa' l-kor.

Il-pitturi ta' l-Agunija u tal-Lunzjata li jinsabu fuq l-istess artal inbidlu t-tnejn. Il-kbir tpinġa minn Emvin Cremona, l-ewwel xogħol tiegħu li tpoġġa ġo knisja, filwaqt li l-ieħor pinġieh Rafel Bonnici Calì. It-tnejn ftit jew wisq żammew ma' l-istil tal-bqija tal-kwadri. Rafel Bonnici Calì pitter ukoll il-kwadri ta' l-istazzjonijiet I, II, V, VI, XIV tal-Via Sagra, li wkoll kienu ntilfu nhar id-9 ta' April 1942. L-Evanġelisti San Mattew, San Mark u San Ġwann, li jinsabu fil-pennakki tal-koppla, tpittru minn Aldo Micallef Grimaud fl-1959. Ħadu post dawk li kien hemm qabilhom li kien għamel Filippo Venuti bejn l-1896 u l-1897. Micallef Grimaud żamm ma' l-istil tal-pittura ta' San Luqa, li salvat mit-tifrik, imma din bla dubju baqgħet tidher fi klassi għaliha meta titqabbel mal-ġodda.

Madankollu kien hemm numru ta' affarijiet li ntilfu bil-gwerra li baqgħu ma ġewx sostitwiti, jew minħabba nuqqas ta' interess. Fost dawn ta' min isemmi ħafna mill-armar tal-festa titulari. B'xorti tajba l-ventartal u l-kanapew tal-lama rrakkmati bid-deheb ħelsuha mill-qerda. Ma jistax jingħad l-istess għat-tużell, għall-appostli ta' l-artal maġġur u għall-kandlieri u l-fjuretti ta' l-artali tal-kursija. Ta' min jinnota li s-sitt appostli li jintramaw fuq l-artal maġġur fil-festi kollha, qabel kienu jintużaw biss għall-festi sekondarji. Għall-festa ta' Santa Marija u ta' San Innoċenzju, il-patrun sekondarju ta' l-Imqabba, kien hemm sett ta' tnax-il appostlu li kienu jżejnu l-artal. Minn dawn ma baqa' xejn. L-istess jista' jingħad għat-tużell – dak li naraw armat huwa t-tużell sekond. Fl-imgħoddi kien jintuża għal Santa Marija, imma meta sar wieħed ġdid ġie ttrasferit għall-festi sekondarji. Minħabba li l-prim intilef reġa' beda jintuża għall-festi sekondarji. Minħabba li l-prim intilef reġa' beda jintuża għall-festa titulari wkoll.

Il-kandlieri l-primi li jintramaw fuq l-artal maġġur f'Santa Marija, li saru fl-1882 minn Pawlu Bugeja[17], ġew salvati. Issalvaw ukoll il-kandlieri tal-prima u s-sekonda li kienu jintramaw fuq l-artal ta' l-Assunta, imma wara ftehim dawn bdew jintramaw fuq l-artali tal-Viżitazzjoni u tal-Pentekoste fiż-żewġ festi kbar tar-raħal. Għalhekk fil-festa ta' Santa Marija l-artal tal-kor jiġi armat bi tnax-il-kandlier tar-ram li matul is-sena jkunu fuq żewġ artali oħra.

Telfa oħra li probabbilment hi marbuta mat-traġedja tad-9 ta' April 1942, iżda li qatt ma ġiet dokumentata, tirrigwarda t-titular l-oriġinali tal-knisja parrokkjali. Dan il-kwadru, li lanqas jeżisti ritratt tiegħu, jissemma għall-ewwel darba fir-rapport ta' l-1636 ta' Isqof Balaguer, fejn huwa deskritt bħala *kwadru ġdid*. It-titular preżenti, xogħol Filippo Venuti, ħadlu postu fl-1896. Biss, minn tagħrif tal-bidu tas-seklu għoxrin, nafu li l-kwadru l-antik kien merfugħ fis-sagristija l-qadima.[18] Hija ħaġa pjuttost komuni li meta knisja tbiddel il-kwadru titulari tagħha, tpoġġi l-antik fis-sagristija, bħalma għamlu l-parroċċi taż-Żurrieq, tal-Qrendi, ta' Ħal Balzan u ħafna oħrajn. Mill-1927 'l hawn ma nsibu l-ebda referenza għalih. Jekk kien għadu merfugħ fis-sagristija l-qadima, suppost ma ġarrab l-ebda ħsara. Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li matul il-gwerra nsterqu ħafna opri artistiċi mill-knejjes, speċjalment minn knejjes li ġġarrfu. Probabbli li jekk baqa' sħiħ sa żmien il-gwerra, xi ħadd ħadu mill-knisja mkisser u llum forsi jinsab f'xi kollezzjoni privata.

## Għeluq

Tassew li l-knisja parrokkjali tagħna ġarrbet ħafna telf minħabba l-gwerra, iżda xorta waħda hemm il-ġid x'joħroġ. Din l-esperjenza għandha tgħallimna napprezzaw aktar b'għożża dak li għad għandha, b'mod speċjali dak li hu ta' ċerta antikità – xortina setgħet kienet ferm agħar, għax stajna tlifna kollox. Apparti dan, l-opri artistiċi ta' ġol-knisja għandna d-dmir li napprezzawhom u nieħdu ħsiebhom għax huma xhieda tal-qima u l-imħabba li kellhom missirijietna lejn Alla u lejn il-Madonna.

1. Charles Farrugia, *L-Imqabbin jgħixu żmien il-gwerer u l-emigrazzjoni* minn *L-Imqabba mal-Medda taż-żmien*, Malta 1998, 166.
2. Intervista ma' Antonia Zammit 20/06/00.
3. Din l-istatwa kienet tintrama fuq l-artal maġġur flimkien ma' waħda oħra tal-Madonna tas-Sokkors. Din inkisret meta kien qed jintrama xi damask u waqgħet ġebla u ġiet fuq rasha.
4. F'pubblikazzjonijiet li dehru hemm irrappurtati li kienu fil-knisja waqt il-bumbardament Dun Ġerald Mangion, Karmnu Magri u s-sagristan Toni Mallia, (Charles Farrugia *op. cit.*, 167-168), imma milli jidher Dun Ġienju kien hemm ukoll.
5. Matul il-gwerra s-Sagrament baqa' jintrefa' fit-tabernaklu matul il-jum u f'armarju fil-ħajt bil-lejl. Dakinhar però, wara l-quddies ta' filgħodu, fuq suġġeriment ta' Patri Karm li dak iż-żmien kien abbati, is-Sagrament ittieħed fl-armarju u b'hekk ma nqeridx ma' l-artal maġġur (ara l-intervista ma' Patri Karm).
6. Intervista ma' N.N. 17/04/01.
7. Korrispondenza ma' Joseph Farrugia 14/04/02.
8. Korrispondenza ma' Saviour Bugeja 13/05/02.
9. Intervista ma' Rita Mangion 20/05/02.
10. Intervista ma' Patri Karm Zammit 21/05/02.
11. Illum f'dan l-armarju jintrefgħu l-gandlieri ta' Santa Marija.
12. Dan il-baldakkin baqa' jintuża sa xi sentejn ilu fil-festa ta' *Corpus Christi*.
13. Tagħrif mgħoddi minn Antonia Zammit.
14. Tagħrif mgħoddi minn Joseph Farrugia.
15. Din il-pittura għadha merfugħa fis-sala ta' fuq is-sagristija l-ġdida. Għad għandha fuqha l-ħsarat li ġarrbet sittin sena ilu.
16. Fil-viżta pastorali ta' l-Isqof Alpheran de Bussan tissemma pittura tat-Trinità 'l fuq mill-kwadru titulari.
17. Tony Terribile, *L-Imqabba*, manuskritt, art. 45.
18. "[...] Artal, li chien iddedicat lil Assunzioni ta Maria V. u li il quadru ta dan l'artal illum insab icconservat fis-sacrestia il Kadima tal attuali Cnisja Parrocchiali." (Laurenz Zammit, *Descrizioni stoica tal Cnisja Parrocchiali tal Imkabba*, Malta 1927, 12-13).

**John's Butcher**

Misraħ il-Fidwa,
Mqabba - Malta
Tel: 2168 0942

| | |
|---|---|
| Tue: | 7.15 - 11.45 |
| Wed: | 9.30 - 11.45<br>16.00 - 18.45 |
| Thurs: | 6.30 - 11.45 |
| Fri: | 6.30 - 11.45<br>16.00 - 18.45 |
| Sat: | 6.30 - 11.45 |

# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar & Restaurant*

(ta' Rita)
Now Under New Management
Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 9.00 onwards

**TROCADERO**
Pastizzeria & Confectionery

Tel: 2164 7233

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna wkoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

# KML

## MANUFACTURING LTD.

**Kargo Aluminium**

**Mario Bezzina**

'Kargo House',
San Gwakkin Road,
Mrieħel, QRM 09
Tel: 2144 9303
Fax: 2149 3002





# ZIFFA TRANSPORT

*24 HOURS SERVICE*

Noel: Mob. 9945 2990   Sammy: Mob. 9943 2990

# GOLIATH DEVELOPMENTS LTD

**Building & Civil Engineering**
**Turnkey Contractors**
**Alterations**
**Tiling/Paving**
**Maintenance**
**Excavations & Demolition Work**

**6, St. Benedict Street, Kirkop**
**Tel/Fax: 2164 2143**

**New Premises Opening Soon**

**Tel: 2164 0030, 2164 0032, 2164 0033**

# Is-Surmastrijiet Carlo u Frankie Diacono

**Kitba ta' Joseph Farrugia**

L-ismijiet ta' Carlo u ibnu Frankie Diacono huma marbuta mal-mużika, l-iżjed mal-mużika sagra. Biex inkunu nafuhom aktar hawn xi tagħrif fuq ħidmiethom.



## Mro. Carlo Diacono 1876-1942

Is-Surmast Carlo Diacono twieled iż-Żejtun, iben Drazio u Francesca Xaveria Darmanin. Minn età żgħira Carlo ġie mħarreġ fl-arti mużikali minn missieru li kien mużiċista u surmast direttur tal-Banda Beland. Ta' 15-il sena beda jikkomponi. Meta spiċċa l-istudji tiegħu fil-Liċeo Carlo inxteħet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Paolino Vassallo fejn kompla studji fl-armonija, kontrapont, fuga, kompożizzjoni u direzzjoni. Kompla jipperfezzjona fuq id-daqq tal-pjanu u l-orgni. Mill-pinna prolifika ta' Mro. Carlo Diacono nsibu responsorji tal-Ġimgħa Mqaddsa til palestrina, għadd kbir ta' quddies u salmi, ħafna antifoni mill-isbaħ li ġew issa rrekordjati fuq CD u innijiet reliġjużi. Kiteb oratorji fosthom *San Paolo a Naufrago*, it-*Transitu ta' Sant'Antnin* u l-*Cantico di Frate Sole*. Bħala mużika profana Mro. Carlo għandu sinfoniji klassiċi, marċi trijonfali u notturni fost oħrajn. L-opra Lirika tiegħu *Alpino* deħret l-ewwel darba fit-Teatru Rjal ta' Malta nhar is-16 ta' April 1918 b'rappreżentazzjonijiet oħra fl-istess sena. Opra oħra *Villa Azzurro* ma tkomplietx.

Mro. Carlo jibqa' jissemma wkoll bħala pijunier tad-dħul f'Malta tal-mużika *motu proprio* tal-Papa Pio X. Fl-1892 inħatar organista fil-parroċċa taż-Żejtun u surmast direttur tal-Banda Beland u fl-1913 insibuh surmast direttur tal-Banda San Giorgio, Bormla. Fl-1923 intagħżel *Maestro di Cappella* tal-katidral. Kien *Maestro di Cappella* ta' bosta parroċċi f'Malta, il-parroċċa tagħna waħda minnhom. Fl-1932 Mro. Diacono kiteb antifona *Hodie Maria* li ndaqqet l-ewwel darba l-Imqabba fit-tridu ta' l-Assunta fl-istess sena. Antifona oħra, *Beata Mater*, mill-pinna tiegħu ġiet esegwita l-ewwel darba fid-19 ta' Mejju 1935 nhar il-festa tal-Madonna tal-Ġilju.

F'għeluq il-25 sena mill-mewt ta' Mro. Carlo Diacono saret quddiesa *di Requiem in De minore* għal ruħu fil-parroċċa taż-Żejtun nhar is-Sibt 18 ta' Novembru 1967 u l-għada l-Ħadd, inkixef bust tiegħu fil-faċċata tad-dar fejn trabba fi Pjazza Gregorio Bonnici, Żejtun.

**Kummenti minn nies magħrufa:**

"Diacono stess ma jafx kemm jippossiedi talent mużikali." – Mascagni

"Il-mużika sabiħa tiegħek serħitni fin-niket tiegħi." – Lorenzo Perosi

"Diacono huwa lussu kbir għal Malta." – Licino Refice.


**Referenzi:**

Rob. Mifsud Bonnici – *Dizzjunarju Bijo-Bibliografiku Nazzjonali*, pp. 176.

Programm – *Fl-okkażjoni tal-kxif tal-bust tas-Surmast Kompożitur Carlo Diacono* – Nov. 1967




## Mro. Frankie Diacono 1914-2000

Is-Surmast Frankie Diacono, bħal missieru Mro. Carlo, twieled iż-Żejtun nhar il-5 ta' Diċembru 1914 u fil-magħmudija ngħata l-isem Francesco Xaverio. Minn età żgħira beda jistudja l-mużika għand missieru. Meta tħarreġ sew fil-pjanu u l-orgni beda jgħinu f'servizzi ta' mużika fi knejjes żgħar. Taħt it-treġija ta' missieru kompla jistudja l-armonija u l-kontrapont.

F'żogħżitu Mro. Frankie kien ta' għajnuna kbira għal missieru billi jgħalem u jikkunċerta l-kantanti u jissostitwixxi lil missieru f'ħafna parroċċi kull meta kien hemm bżonn. Mill-pinna ta' Mro. Frankie nkitbet mużika sagra fosthom quddiesa ddedikata lil San Mikiel Arkanġlu, Tantum Ergo għal tenur solo, Innu Sant'Anna, Innu San Pawl u oħrajn. Marċa funebri *Tristi Pensieri* ndaqqet mill-Banda La Valette fl-1951.

Mro. Frankie ħarreġ għadd kbir ta' studenti sew tal-vuċi kemm tal-pjanu. Minkejja l-ħidma kbira bħala għalliem dan is-surmast jilħaq l-aqwa tiegħu bħala direttur. Fl-1946 idderieġa b'suċċess l-opra ta' missieru *Alpino* maħdum minn dilettanti Maltin. Bħal missieru Mro. Frankie kien *Maestro di Cappella* f'għadd kbir ta' parroċċi, b'hekk il-mużika ta' missieru nżammet ħajja u għadna ngawdu s-sbuħija tagħha sal-lum. Wara l-mewt ta' martu Mary f'Lulju 1993 Mro. Frankie rtira mid-direzzjoni għal kollox.

# SCICLUNA FLORIST GARDEN CENTRE

**"Cor Jesus" Triq il-Bronja**
**Żurrieq**
**Tel: 2164 9621, 2167 6252**

**Specialists in arrangements of**
**fresh and artificial flowers**
**for Weddings, Engagement Parties and Funerals**

**Accepts orders**
**for printing of invitations.**

**Souvenirs, Tulle and Accessories**
**for all occasions at moderate prices.**

# ELECTROCARE



25, Valletta Road, Kirkop.
Tel: 21640654, Mobile: 9947 7755

Retailer of:

**T.V.s, Video Recorders, Satellites,**
**Hi-Fi equipment, Car Stereos,**
**Speakers, Mobile Phones,**
**and Air Conditioners.**



***We do also REPAIRS,***
***specialising in Videos, T.V.s, Hi-Fi and Faxes***

Fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. Frankie għoġbu jirregala lis-Soċjetà Santa Marija *Ave Maria in D* għal tenur solo u orkestra.



F'Ottubru 1999 is-Surmast għoġbu jagħtina *Ave Maria* oħra għall-orkestra u tenur fit-ton G.

Dawn iż-żewġ kompożizzjonijiet ta' Mro. Carlo Diacono ġew esegwiti nhar il-31 ta' Ottubru 2000 waqt akkademja mużika-letterarja f'għeluq il-festi tal-Ġublew tad-Deheb tad-Domma ta' l-Assunzjoni. Indaqqu mill-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius A. Mus. L.C.M., A. Mus. V.C.M. (Hons.), waħda tkantat mit-tenur Andrew Sapiano u l-oħra mit-tenur Anthony M. Galea, it-tnejn b'affinità familjari ma' l-Imqabba. Il-mużika tinsab miżmuma b'għożża fl-arkivju tas-Soċjetà Santa Marija.



**Referenzi:**


R. Mifsud Bonnici – Mużiċisti Kompożituri Maltin pp. 61-63


# Il-Fidi Salvatni

Isimgħu l-istorja
li llum jien ħejjejt
li ġrat żmien twil ilu;
minn xiex jien għaddejt.

Kien sew żmien l-Assedju,
tal-gżejjer Maltin,
meta qabżu fuqna
l-kiefra Misilmin.

U x'ħerba warajhom
minn kull fejn għaddew;
kemm romol u ltiema
warajhom ħallew!

Kien jum bħal tas-soltu,
għall-inqas hekk ħsibt;
imma mort imqarraq.
Ma' wiċċi jien x'sibt!

Kont sejjer biex naqdi
lil ommi, fil-qrib;
Waq' għamad f'għajnejja,
Kont fl-hemm, fit-tiġrib.

Ħassejt min jorbotni:
kliemhom ma fhimtux,
Min kien dan il-kiefer?
Bl-għamad ma rajtux.

"Ħalluni", għidtilhom,
bil-ħerqa tlabt jiena.
Biss magħhom ħaduni,
b'qalb xierfa, bla ħniena.

Minn mogħdija twila
qalb ġebel u għollieq,
kaxkruni dal-kiefra
b'moħqrija fit-triq.

Niżżluni ġo bajja,
rajt xini fil-bogħod,
bsart x'kien lest għalija,
bkejt f'qalbi, bil-mod.

Bkejt 'l ommi 'l missieri,
lil ħuti ċkejknin,
lil raħal twelidi
fejn trabbejt, għext jien.

Ħassejtni nitbiegħed
minn din Malta tiegħi.
Qtajt qalbi xi darba
inħaddnek jien miegħi.

X'ħin sar il-ħin sewwa,
ommi inkwetat.
"Dak ibni fejn baqa'?...
għaddew wisq sigħat."

U ħarġet imbikkma
tfittex kullimkien,
kull rokna tar-raħal,
sa għand il-ġirien.

Kemm bkiet l-imsejkn' ommi
u għamlet wegħdiet
lill-Verġni glorjuża
u Omm tas-Smewwiet.

"Mur ġibha tarani,"
għidt jien, "f'din is-sura,
kemm iżjed tingħafas
dik qalbha mikstura."

"Biss tama baqagħli
fik, Santa Marija,
biex lili teħlisni
minn din it-tbatija."

U tlabtha bil-ħerqa.
"Int tista', jekk trid
teħlisni mill-jasar,
minn dan it-tiġrib."

"Devot tiegħek nibqa'
sa l-aħħar taż-żmien,
inwiegħdek li nfaħħar
ismek, kullimkien."

U ntlift jien fi ħsiebi,
u nibki jien bdejt;
id ħelwa tmellisni
jien donni ħassejt.

Għollejt niġri ħarsti,
x'ħassejt ma nfissrux,
mhux għax ma rridx jien
li rajt ma ngħidux.

Bħal qawwa li tgħaġġeb
ħallietli l-irbit.
Ħelsitni mill-jasar,
ħelsitni mill-ġdid.

Ħassejt qawwa kbira
terfagħni bil-mod
minn fuq mewġ il-baħar;
ħaditni 'l bogħod.

"Tgħid ħolma din tiegħi,
jew hi realtà?"...
Sibt ruħi fil-knisja.
Din hi l-verità.

Quddiem xbiha sbejħa
mitluq u mixħut;
kif kont fuq ix-xini
tat-Torok marbut.

B'ħarsitha sammritni
ndunajt jien x'kien sar...
u f'qalbi kellmitni
bi kliem jaħraq nar.

"Il-fidi salvatek.
Fija emmen sħiħ.
Min fija jittama,
imħabbti nuriħ."

"O grazzi, Madonna
tal-grazzja li qlajt,
mit-Torok Int ħlistni,
f'arti niġi stajt."

Għand ommi mort niġri,
kemm bkiet din bil-ferħ.
Għannqitni w bisitni
b'qalbha kollha serħ.

U wegħdiet ta' ommi
żammithom sa llum
u tibqa' twettaqhom
sakemm ħajja ddum.

Minn dis-sbejħa storja
u dil-poeżija,
nitgħallmu kemm tħobbna
din Santa Marija.

**Patrick Mallia**
Birkirkara
*27/07/2001*


Armstrong
Designer Ceilings
A wide range to choose from at most competitive prices,
supplied with or without installation
See them at:
APEX
Interiors
Triq iz- Zaghfran, Attard
Tel no 21423835/6
Fax no. 21423837
e-mail: apex@maltanet.net
SOLE AGENTS &DISTRIBUTORS


Ir-Ramla
Bar, Restuarant and Pizzeria
•Franchisers of Southern Style Chicken.
• Take Away Also Available.
Booking for Coffee Mornings are also accepted.
•SUNDAY OPEN ALL DAY and FREE appetizers with drinks.
Pretty Bay, B'Buġa
Contact Victor on:
Tel: 657464
Mob: 0949 3517

# Mill-Għaqda ta' l-Armar

**Jirrapporta Mario Camilleri**

Fattur mill-aktar importanti biex festa tkun suċċess ġej mill-għaqda ta' bejnietna, u mis-serjetà u ħidma siewja li titwettaq matul is-sena mid-diversi oqsma tas-Soċjetà. Ċertament li din is-sena kienet eżempju ċar l-Għaqda ta' l-Armar. Kif sejrin naraw f'dan ir-rapport dawk kollha involuti jisthoqqilhom kull tifhir għall-impenn u l-entużjażmu tagħhom. Fil-bidu ta' Settembru 2001 saret laqgħa mal-Kumitat Eżekuttiv biex niddiskutu xi proġetti biex nagħtu ħajja ġdida lill-Pjazza. Minn din il-laqgħa nnutajt il-ħeġġa u l-volontà ta' diversi partitarji li xtaqu jgħinu f'dawn il-proġetti li ċertament kienu meħtieġa.

L-akbar proġett li twettaq din is-sena kien ir-restawr fuq il-pedestalli ta' l-appostli. Dan il-proġett kien jinvolvi ħafna xogħol fejn il-vażi nbidlu kollha minħabba li ma kinux fi stat tajjeb li jiġu rrestawrati. Dan ix-xogħol sar minn Grezzju Farrugia u Carmel Ellul. Dawn il-vażi ġew ftit modifikati fejn żdiedet xi skultura u tkomplija ta' xi gwarniċ. Fil-kolonni ta' dawn il-pedestalli tbiddel xi njam u anke xi gwarniċ. Ix-xogħol ta' xkatlar u żebgħa bl-*undercoat* sar mill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ fosthom Alex Falzon, Carlo Sciberras, Sandro Ghigo, Chris Galea u Chris Spiteri. L-iskultura kollha ta' dawn il-kolonni saret mis-Sur Michael Ghigo. L-iskultura ħadet ħafna xogħol u żmien peress li nħadmet 'il fuq minn 300 biċċa ta' skultura bil-*fibre*. Dan minħabba li tbiddel anke l-iskultura li kien hemm qabel u nħadmu t-tliet faċċati l-oħra tal-kolonna. Ix-xogħol ta' l-induratura fuq l-iskultura ħadt ħsiebha jien, filwaqt li jiena u s-Sur Pawl Gauci ħadna ħsieb nirħamaw dawn il-pedestalli. Inħadmet xi skultura oħra ta' l-injam li turi simbolu li kull appostlu għandu relatat miegħu. Dawn ġentilment tħallsu mis-Sinjuri Dunstan u Bevil Ghigo.



*Uħud mill-pedestalli ta' l-appostli lesti mill-irħamar u d-dekorazzjoni.*

Proġett ieħor kbir huwa x-xogħol li sar fuq sett ġdid ta' tmien trofej għall-Pjazza. Id-disinn huwa tas-Sur Renzo Gauci filwaqt li x-xogħol ta' l-injam daħal għalih is-Sur Charles Falzon megħjjun minn Ivan Falzon u Joseph Tonna. Ħadna ħsieb li d-disinn ta' dawn it-trofej jikkomplimentaw mal-pedestalli u l-gastri tad-dawl li hemm ġol-Pjazza. Minħabba l-volum kbir ta' skultura li nħadmet din is-sena u x-xogħol kbir li jirrikjedu dawn it-trofej, ġie deċiż li din is-sena jintramaw bl-*under coat* mingħajr l-iskultura u probbabilment mingħajr l-arma minħabba li kienet se tkun wisq vojta.

Is-sena li ġejja għandu jibda xogħol fuq skultura u xogħol ta' rħama u induratura bid-deheb. Minn din il-paġna nixtieq b'mod speċjali nirringrazzja lis-Sur Charles Falzon li b'sagrifiċċju kbir ħadem is-sena kollha biex stajna nżanżnu s-sett kollu. Ċertament la darba jitlestew dawn it-trofej, għandhom ikunu sett verament mill-isbaħ. Hawnhekk ta' min jirringrazzja lis-Sezzjoni Żgħażagħ għall-għajnuna finanzjarja, lil Mario Farrugia (tat-Testa), lil Mario Farrugia (tal-Wilxa) kif ukoll lil Carmel Zahra talli għoġobhom jirregalaw trufew kull wieħed mis-sett li se nżanżnu.

Minbarra l-proġett tal-Pjazza saru wkoll sett ta' għaxar pavaljuni għal Triq il-Parroċċa. Ix-xogħol kollu fuq dawn il-pavaljuni sar mill-partitarji ta' din is-Soċjetà. Id-disinn u sfumar huwa tas-Sur Patrick Ghigo filwaqt li s-Sur Bevil u Pauline Ghigo ħadu ħsieb it-tfassil, tqegħid u tixlil ta' dawn il-pavaljuni. Ix-xogħol ta' ħjata sar minn Doris Camilleri, Anna Mazelli, Franġiska Ghigo, Maria Sciberras, Celina Zammit, Ġulja Farrugia, Ġuża Farrugia, Simone Sciberras u



*Wieħed mill-pavaljuni li se jiżżanżnu ġewwa l-parroċċa.*

# TA' BALAL
## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**

## Dolceria Primavera

***CATERERS FOR ALL OCCASIONS***

***SCHOOL STREET, TARXIEN TEL: 2182 6226, 2167 7098***
***FAX: 2167 6891***

## Pet Guard

Kull ma għandek bżonn għar-raba' u l-ġnien tiegħek, nitrat eċċ.
Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd



Triq ġdida fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba. Tel: 2164 7149



*Is-Sur Charlie Zammit (lemin) jidher jippreżenta cheque bħala sponsor għas-sett pavaljuni ta' Triq il-Parroċċa.*



*Wieħed minn sett ta' tmien trofew, lest mill-ewwel fażi.*

Jacqueline Farrugia. Dan il-proġett ma kienx ikun possibbli li kieku ma kienx fuq inizjattiva ta' Charles Zammit li għoġbu jħallas l-ispejjeż kollha involuti għal dan il-proġett.

Għal din is-sena ħadna ħsieb li niżbgħu l-arbli tal-Pjazza, Triq Karmenu Ciantar u xi arbli oħra li jintramaw fil-jiem tal-festa. Dan ix-xogħol sar kollu mill-ħabrieki s-Sur Frans Sciberras.

Inizjattiva oħra li ħadna din is-sena hija li tinbidel il-liedna kollha ta' Triq il-Parroċċa u Triq Valletta. Dan ix-xogħol sar mis-Sur Raymond Vella.

Xogħol ieħor li sar din is-sena u li ċertament ma kienx f'moħħna huwa konness ma' l-att vandalu li sar fis-16 ta' Awissu 2001 meta trakk qata' tliet pavaljuni fi Triq id-Duluri. Personalment dan is-sett narah bħala l-isbaħ li għandna u kien wieħed mill-ewwel proġetti li jiena flimkien ma' sħabi konna kapaċi nagħmlu. Dawn il-proġetti jsiru b'sagrifiċċji kbar u għalhekk nixtiequ naraw aktar kooperazzjoni.

Din is-sena ħadna ħsieb ukoll li nirrestawraw xi anġli li jintramaw fi Triq il-Parroċċa biex b'hekk jinżammu fl-aqwa kundizzjoni possibbli.

Qabel nagħlaq dan l-artiklu ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li tawna l-għajnuna tagħhom; lill-benefatturi, lis-Sezzjoni Żgħażagħ li kienet il-moħħ wara dawn il-proġetti u lill-Kumitat Eżekuttiv tal-fiduċja u l-kooperazzjoni li dejjem insibu minn għandhom. Dawn il-proġetti kollha huma l-frott ta' tant ħidma li ħafna partitarji għamlu matul is-sena. L-akbar apprezzament tagħkom partitarji għandu jidher speċjalment waqt dawn il-ġranet b'mod partikolari permezz ta' l-għajnuna tagħkom.

Nawgura festa mill-isbaħ lill-Imqabbin kollha.






**Buz Dov**

*Developments Ltd*

'St. Rita', Valletta Rd., Mqabba

*Mobile:* 9942 4724, 9942 6471

*Telephone:* 21 685020

*Fax:* 21 685020

*E-mail:* bluesky@onvol.net

# Mission Statement

## Our Goal

To be the leading provider of value and relationship-Based
**On Construction.**

## Our Mission

We are committed to serve excellence in assisting our customers find the best solutions to their
**Building needs.**

## Our Values

We share Values that both support our mission and commit us to excellence in fulfilling the needs of our customers, people and communities **we serve.**

## Customers

Our customers, be they personal, business or corporate, are our business partners. We strive to understand, friendly, flexible and professional in meeting their needs. We build our future with them through **leadership in value, quality and prices.**

## People

We care for our people. We encourage open communication and personal development and create opportunities based on **performance.**

## Communities

**Our Clients' satisfaction is our priority, Building is our business.**

*Buz Dov*
*Developments Ltd*

***Buz Dov Developments Limited***

# For all your banking requirements



**MORE THAN LOANS WE GIVE HOMES**

**BOV Homelink** success



**Take your pick and note the difference**

BOV Notice Account

306090




BOV TeenSaver Account

**The savings that grow as fast as your kid**



BOV Savings Plan

**The Savings with a bonus!**

BOV

www.bov.com **e-mail:** customercare@bov.com

# Festa ta' Santa Marija - 2002
# Funzjonijiet tal-Knisja

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju – Bidu tal-Kwindiċina
**6.30pm** Quddiesa solenni, talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka.

## It-Tnejn, 5 ta' Awissu
**6.30pm** Quddiesa tal-Kwindiċina bis-sehem taż-żgħażagħ mill-W.Rev. Dun Trevor Fairclough.

## L-Erbgħa, 7 ta' Awissu
**6.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-Nar mill-W.Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo.

## Il-Ħamis, 8 ta' Awissu – Jum it-Tifkira tas-Soċji u Benefatturi
**6.30pm** Quddiesa kantata mill-W.Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo, b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċji u benefatturi mejtin. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu – Ħruġ ta' l-Istatwa
**6.30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka.
**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni ta' l-istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

## Is-Sibt, 10 ta' Awissu – Jum il-Familji
**6.30pm** Quddiesa tal-Kwindiċina bis-sehem tal-familji tal-parroċċa, mill-W.Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo. Talba tal-Kwindiċina u Barka.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awissu – L-Ewwel Jum tat-Tridu
**6.00pm** Quddiesa solenni mill-W.Rev. Kan. John Sultana bl-omelija fuq *Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem*. Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Regina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

## It-Tnejn, 12 ta' Awissu – It-Tieni Jum tat-Tridu
**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kan. John Sultana bl-omelija fuq *Ir-Regalità ta' Marija Santissima*. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## It-Tlieta, 13 ta' Awissu – It-Tielet Jum tat-Tridu
**8.00am** Quddiesa kantata.
**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kan. John Sultana bl-omelija fuq *L-Interċessjoni ta' Marija Santissima*. B'mod speċjali huma mistiedna l-morda u l-anzjani tal-parroċċa għax waqt l-istess quddiesa jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa, 14 ta' Awissu – Lejlet il-Festa
**8.15am** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kappillan Dun Joe Bartolo. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona *Beata Mater*.
**6.30pm** Transolazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija mill-W. Rev. Mons. Girgor Grech. Wara, quddiesa kantata mmexxija mill-istess Monsinjur. Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Ħamis, 15 ta' Awissu – Jum il-Festa
**6.00am, 7.00am, 8.00am** Quddies lett.
**9.15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-W. Rev. Seg. Amm. Mons. Carmelo Curmi.
**11.00am** Knisja, **11.00am** San Bażilju, **5.00pm** Quddies lett.
**6.00pm** Għasar solenni mill-W. Rev. Seg. Amm. Mons. Carmelo Curmi. Salve u Litanija.
**7.15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess W. Rev. Ċelebrant.
**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awissu – L-Ottava tal-Festa
**6.30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u Barka.

**N.B.** Il-mużika tat-Tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast W.R. Patri Salv Galea O.P.

# Programm Festi Esterni

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Il-festa ta' din is-sena tibda permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu: JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Wara, il-Banda mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi.

## Is-Sibt, 10 ta' Awissu: JUM IL-BANDA

**8.15pm** Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel marċ qasir minn fejn il-bini muniċipali tal-Kunsill għall-pjazza tal-Knisja, San Bażilju u l-Pjazza ta' quddiem il-Każin.

**8.45pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-Kummissarju Għoli Ingliż H.J.S. Pearce flimkien ma' mistednin distinti oħra, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-Programm Strumentali u Annwali. Wara jsir riċeviment li għalih mistiedna s-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awissu: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

**8.15pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 12 ta' Awissu: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**8.30pm** Il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tlieta, 13 ta' Awissu: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**9.00pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji.

# F'Ġieħ Santa Marija - 2002

## L-Erbgħa, 14 ta' Awissu: LEJLET IL-FESTA

**7.30pm** Il-Banda San Girgor ta' Kerċem, immexxijja minn Mro. Mark Gauci, tibda marċ minn quddiem il-każin għal madwar it-toroq ta' l-Imqabba.

**8.00pm** Il-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru tar-Rabat, taħt id-direzzjoni ta' Prof. Joseph Vella tesegwixxi programm strumentali ġewwa l-pjazza. Wara tagħmel marċ.

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ minn Triq il-Pal għall-pjazza fejn tiltaqa' maż-żewġ baned l-oħra. It-tliet baned jingħaqdu f'*mass band* fil-pjazza u wara jkomplu marċ alternat sal-każin tas-Soċjetà.

**10.30pm** Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħha Mro. David Agius.

## Il-Ħamis, 15 ta' Awissu: L-GĦID TA' L-ASSUNTA

**10.15am** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro.David Agius, tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal, imbagħad jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. Alfred Farrugia tibda marċ minn Triq il-Valletta sal-pjazza.

**6.00pm** Il-Banda Maria Annunzjata ta' Ħal Tarxien, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Victor Bella tibda marċ minn Triq Santa Katarina sal-pjazza.

**6.45pm** Hekk kif iż-żewġ baned mistiedna jaslu fil-pjazza, ikomplu jdoqqu wara xulxin sa quddiem il-Każin tas-Soċjetà Santa Marija.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia tilqa' l-Istatwa Titulari fuq iz-zuntier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo.

**8.45pm** Malli l-istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħdu sehem il-Baritonu Piju Dalli, it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sur Samuel Bezzina. Wara, l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-bandisti tal-post tal-Banda Re Ġorġ V jagħlqu l-festa b'marċ qasir.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awissu: L-OTTAVA TAL-FESTA

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija fil-pjazza quddiem il-Każin. Għal darb'oħra jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

# *EMANUEL CINI*

For all Machinery & Repair

Meteora Plot 28
Triq il-Konvoj ta' Santa Marija
Mqabba

Tel: 2168 5014
Mob: 9942 6850

## Lorraine's Beauty Clinic

Lorraine Muscat *B. Therapist. Electroligist I.T.E.C.*



9, Karmenu Ciantar Street, Mqabba ZRQ 08. Tel: 2168 9785 / 2164 1263. Mobile: 9945 0647

- Facials
- Specialised Facial Treatments
- Pedicures
- Manicures
- Hand & Foot Treatments with Parafin Wax
- Eyebrow & Eye Lash Tinting
- Eyelash Perming
- Waxing
- Electrolysis
- Sliming Treatments
- Make-up for all occasions
- Make-up lessons (1-1½ hours)
- Aroma Therapy Massage
- Stone Heat Therapy Massage

# Santa Marija
## l-Ifjen Ġawhra

Reġa' wasal dan il-jum O Marija
li hawn niġi ma' ħuti Mqabbin
biex minn qalbi naghtik ġieħ foħrija
b'dawn il-versi ta' mħabba mqanqalin.

U kull meta nitkellem mal-pinna
biex lejk nikteb kliem sew ta' tifħir
kemm nitpaxxa nkun qribek Madonna
inħoss qalbi bil-ferħ trid ittir.

X'ma nghożżukx bħala ġawhra imprezzabbli
u hekk nibqgħu għal tul kollha s-snin
l-aqwa waħda, maħluq' ideali
l-eqdes mara fost nisa mwieldin.

F'nhar il-festa kif tkun waqt mixjietek
idħol fejjaq lill-morda Mqabbin
djarna beraħ, Madonna nifthulek
nistennewk, bil-ferħ fina kull ħin.

Kemm imnikkta ġew għandek Marija
kemm muġugħ u dieqa fil-qlub
resqu lejk bid-duluri mifnija
għax l-hemm tagħhom, dlonk ħdejk, dan idub.

Kemm bnedmin tilfu t-tama tal-ħajja
għax insew li hemm Omm li taf tħenn
dejjem lesta li tħaddan f'dirgħajha
u taħt ħarstha żżommhom għall-kenn.

Int fin-nixfa dlonk tisqi l-ħajjitna
int il-kenn waqt gelgul ta' l-għarar
int it-tama, f'kull għawġ dejjem ħlistna
int il-faraġ, fin-niket, fl-imrar.

Imxi magħna tul triqtna Madonna
ħalli twitti fejn hemm it-taqlib
int it-tama li żgur ittrebbaħna
għax tkun tgħina fil-ġarr tas-salib.

Naqqaxnik mhux biss f'qalbna Madonna
skolpejnik hemm ukoll ġot-triqat
anke f'niċeċ imżejna ma' djarna
tara tiegħek il-ġmiel ta' xbiħat.

Żejjinnielek dat-tempju Marija
fih ninġabru kull jum nagħmlu t-talb
għax fik għandna lkoll fidi qawwija
inti l-Omm li tħobb veru mill-qalb.

Ilqa' Madonna, dil-Bewsa minn qalbna
għalik tbaqbaq u sew taħraq nar
din mhix l-ewwel u lanqas ta' l-aħħar
inħobbuk kemm il-kbar u ż-żgħar.

Int Patruna tar-raħal Imqabba
Int ġawhra fi qlub l-Imqabbin
aħna wliedek mimlija bl-imħabba
lejk Marija, ġieħ naghtu kull ħin.

Qormi
8 ta' Mejju 2002

**Chev. Dr. Carmel Bianchi**


*On your*
*Wedding Day*
*for Professional*
*Photos & Video*




ZAMMIT PHOTO STUDIO
Żurrieq Centre, Żurrieq
Tel: 2164 0010




Timeless
Jewellers

-Silverware
-Silver Jewellery
-Gold Jewellery
-Fine Crystal
-Engraving
-Repairs
-Occasional Gifts
-Special Gifts
-and more..

B'kollaborazzjoni ma'
VASCAS





# Il-Konvoj ta' Santa Marija
## (1942-2002)

**Tagħrif storiku miġbur minn Patrick Mallia**

Kull meta tkun riesqa l-festa ta' l-Assunta, il-ħsibijiet tagħna jmorru ġeneralment fuq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-istess Konvoj li salva lil Malta fl-1942. Għaddew 60 sena minn meta Malta kienet ħadet ir-ruħ meta dan il-Konvoj kien wassal lejn Malta l-proviżjon u munizzjon tant mistenni, li bih tista' tgħid salvat. Tkun ħaġa xierqa kieku kellna niffriskaw il-memorja ta' dawk l-anzjani u fl-istess ħin nagħtu xi tagħrif lil dawk anqas anzjani, fuq dak li għaddew minnu missirijiethom.

Is-sena 1942 għal Malta kienet sena tassew kerha u ma naħsibx li kemm ilu wieqaf il-pajjiż, il-maħbuba Malta tagħna qatt għaddiet minn żmien daqshekk ta' twerwir, ġuħ, għaks, mard, imwiet, feruti, ħsara u dak kollu li ġġib magħha l-gwerra. Insemmu biss li matul il-gwerra kollha kien hemm 3,340 attakk mill-ajru inkella kif kienu magħrufin aħjar *air raids*, li damu għal 2,357 siegħa, u li minnhom kien hemm 2,031 fis-sena 1942.

Malta dejjem kienet tiddependi mill-importazzjoni, għar-raġuni li billi l-pajjiż huwa żgħir ma jkunx possibbli jipproduċi dak kollu għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni, wisq iżjed fil-gwerra meta l-vapuri tal-merkanzija ma setgħux jidħlu fil-port u fil-pajjiż minbarra l-popolazzjoni Maltija, kien hawn ukoll diversi riġmenti Ingliżi u nies tas-Servizzi li komplew iżidu fil-popolazzjoni u l-bżonnijiet ta' kuljum, minbarra l-munizzjoni enormi li kien jinħtieġ tad-difiża ta' Malta. Billi Malta kienet xewka kbira f'dahar l-għadu, allura min-naħa tiegħu għamel kull sforz biex ixejjen jew jeqred għal kollox lil Malta. Il-ħsieb ta' invażjoni ma kienx seħħ, għaldaqstant sar minn kollox biex Malta tiġi newtralizzata bl-attakki qliel mill-ajru. Min-naħa ta' l-Ingliżi, billi s-sehem ta' Malta kien daqshekk kbir, kienu jagħmlu minn kollox biex lil Malta jfornuha bil-provvisti meħtieġa għall għajxien tal-popolazzjoni u tal-gwarniġjon. Għalhekk kienu jibagħtu lejn Malta vapuri tat-tagħbija biex ifornuha bil-ħtiġijiet. Iżda l-affarijiet ma kienux faċli daqskemm wieħed jaħseb, għax min-naħa tagħhom, il-Ġermaniżi u t-Taljani kienu jagħmlu dak kollu possibbli biex din l-għajnuna ma tasalx. Tant hu hekk, li konvoj li kien wasal f'Marzu 1942, qabel dak ta' Santa Marija, minbarra t-telf li ġarrab ta' *destroyer* Ingliża, it-tliet vapuri li kienu waslu hawn Malta, sabu t-tmiem tagħhom, hawn Malta stess, il-Pampas u t-Talabot fil-Port il-Kbir fis-26 ta' Marzu u l-Breconshire fil-port ta' Marsaxlokk l-għada. Is-sitwazzjoni f'Malta kienet tassew imwiegħra u jekk ma kinitx se tasal għajnuna fi żmien qasir, kien hemm pjan li Malta kienet sejra ċċedi għax il-proviżjonijiet kienu mistennija jwasslu biss sa l-ewwel ġimgħa ta' Settembru. L-Awtoritajiet għoljin Ingliżi għalhekk iddeċidew li jibagħtu konvoj lejn Malta fl-iqsar żmien, u biex jasal żgur iddeċidew ukoll li jibagħtu skorta kbira tan-*Navy* Ingliża. Din kienet il-famuża *Operation Pedestal* li baqgħet tissemma fl-istorja Navali għas-sagrifiċċji, qlubija u glorja navali.

Minbarra l-iskorta qawwija tan-*Navy* Ingliża li kienet tikkonsisti f'2 *battleships*, 4 *aircraft carriers*, 12-il *cruiser* u 40 *destroyer*, dan il-konvoj kien magħmul mill-vapuri tat-tagħbija b'dawn l-ismijiet: Deuclaion, Empire Hope u Clan Ferguson, li sfaw imgħarrqa fit-12 ta' Awissu; Waimarama, Almeria Lykes, Wairangi,

# *Where does character come from?*




*An exceptionally high malt content.*

TEACHER'S®

*A measure of character*

Premium Brands from:
ALBERT FS MANDUCA LTD. 229/230, St. Paul Str., Valletta. Tel: 2123 3909, 2123 1787



*L-Ohio (nofs) mgħejjun mill-HMS Penn u HMS Bramham lejn il-Port il-Kbir.*



*Il-Kaptan Dudley Mason li mexxa l-Ohio ġewwa l-Port il-Kbir rikoverat ġewwa l-isptar. Wara rċieva l-George Cross għall-qlubija tiegħu.*

Glenorchy, Santa Elisa u Dorset fit-13 ta' Awissu; u l-Port Chalmers, Rochester Castle u Melbourne Star li daħlu fil-port fit-13 tax-xahar; il-Brisbane Star li daħal l-għada, u fl-aħħarnett it-*tanker* Ohio, li daħal mistrieħ fuq żewġ bastimenti tan-*Navy* Ingliża nhar Santa Marija. Dawn il-bastimenti telqu mill-port ta' Clyde fit-2 ta'Awissu 1942. Il-Ġermaniżi min-naħa tagħhom permezz ta' l-ispjuni li kellhom, kienu jafu li kien se jintbagħat konvoj ieħor lejn Malta u kellhom żmien biżżejjed biex ilestu għalih 21 sottomarin, 19-il *E-boats*, u 540 ajruplani b'armi qerrieda fl-ajrudromi ta' Sardinja u Sqallija. Sa ma wasal Ġibiltà l-konvoj ma ltaqa' ma' ebda għawġ u daħal fil-Mediterran fl-10 ta' Awissu. B'xorti ħażina s-sottomarin Taljan Uarsiek lemaħ lil dan il-konvoj fil-11 tax-xahar.

F'din il-ġurnata beda l-gwaj għall-Ingliżi għax tilfu l-*aircraft carrier* Eagle. Il-konvoj għaddieha lixxa fl-ewwel attakk mill-ajru u anke mill-ewwel attakk li sar l-għada. Fit-tielet attakk iżda, intilef id-Deucalion. Wara li l-konvoj irnexxielu jiskarta n-nasba tas-sottomarini, ġie attakkat ir-raba' darba n-naħa ta' Bizerta fejn intilfet *destroyer*. Wara attakk bis-sottomarini ntlaqtet il-*cruiser* Cairo. It-*tanker* Ohio, li kien il-mira prinċipali, ġie milqut. Fis-sitt attakk mill-ajru l-Clan Ferguson ġie mgħarraq u l-Empire Hope u l-Brisbaned Star intlaqtu serjament.

Fin-nassa minsuba mill-għadu fit-13 tax-xahar mill-*Motor Torpedo Boats*, ġew mgħarrqa l-*cruiser* Manchester u l-vapuri tat-tagħbija Almeria Lykes, Glenorchy, Santa Elisa u Wairangi kif ukoll il-Waimarama li ġie milqut u sploda n-naħa ta' Pantelleria. It-*tanker* Ohio ġie wkoll milqut, u Junker 87, (Stuka) li ġie milqut mill-kanun ta' l-Ohio stess ikkraxxja fuq l-istess Ohio. Fl-attakk ta' wara ġew milquta d-Dorset u Rochester Castle filwaqt li sitt bombi li splodew viċin l-Ohio ikkaġunawlu iżjed ħsara, tant li flimkien mad-Dorset, kellhom it-tnejn jinqatgħu mill-kumplament tal-konvoj. Kellu jkun l-intervent f'waqtu ta' l-i*Spitfires* minn Malta li ħarbtu l-pjanijiet ta' l-għadu. Il-vapuri Melbourne Star, Rochester Caslte u Port Chalmers ġew skortati lejn Malta mill-*minesweepers* stazzjonati f'Malta stess. Id-Dorset u l-Ohio minħabba l-ħsarat li kienu ġarrbu baqgħu lura n-naħa ta' Pantelleria. Id-Dorset reġgħet intlaqtet u l-Ohio ġarrab iżjed ħsarat li kellu jiġi abbandunat mill-ekwipaġġ tiegħu. L-attakki ta' l-għadu mill-ajru komplew, iżda din id-darba kien hemm il-protezzjoni ta' l-ajruplani minn Malta. Ir-Royal Navy wettqet l-impossibbli meta l-Ohio ġie rmunkat lejn Malta għax kien iżomm f'wiċċ l-ilma b'miraklu. Il-mod kif l-Ohio ddaħħal fil-port mistrieħ fuq żewġ bastimenti tan-*Navy* hija paġna glorjuża fl-annali tan-*Navy* Ingliża, għaliex l-Ohio, bi ħsara tant kbira li ma setax jissewwa hawn Malta (tant li fl-1946 ġie rmunkat barra mill-Port il-Kbir u mgħarraq mill-Ingliżi stess) rnexxielu jwassal sal-port iż-żejt tant meħtieġ biex Malta tqum fuq saqajha. Jekk il-wasla tiegħu fil-15 ta' Awissu, jum l-Assunta, ma kienx miraklu, kif ikunu l-mirakli? Għax l-Ohio kien it-*target* ewlieni tal-Luftwaffe u tar-Reġina Aeronautica, ġarrab ħsara estensiva minn diversi attakki ta' l-ajru (tant li ġie abbandunat darbtejn mill-ekwipaġġ tiegħu), ġie rmunkat għal distanza twila minn bastimenti tan-*Navy* u fl-aħħar iddaħħal mistrieħ fuq żewġ bastimenti oħra biex b'hekk wassal l-għajnuna tant meħtieġa f'dawk iż-żminijiet hekk diffiċli fil-ġurnata ta' l-Assunta. Bir-raġun li l-ferħ tal-Maltin u tal-pajjiżi kollha li kien fi gwerra kontra l-qawwiet Faxxisti u Nazzisti kien hekk kbir, u bir-raġun kellhom għalfejn jifirħu l-Maltin għax bis-sehem li tat Malta, il-gwerra ġiet imqassra u bosta ħajjiet li kieku kienu jintilfu, b'hekk ġew salvati.

Churchill innifsu stqarr li fl-aħħarnett kienu ħamsa l-bastimenti tal-Flotta Merkantili minn total ta' erbatax, li bit-tagħbija tagħhom kienu waslu Malta u li t-telf ta' 350 baħħara qalbiena u tant bastimenti tal-Flotta Merkantili kien għoli tassew u li l-prezz imħallas b'dawn is-sagrifiċċji ma kienx għalxejn, u li bil-wasla ta' proviżjoni u munizjon Malta qamet fuq saqajha.

Fl-aħħarnett wara li sirna nafu xi ħaġa iżjed fuq il-Konvoj li salva lil Malta, ejjew niftakru wkoll f'dawn in-nies qalbiena li taw ħajjithom biex isalvaw lilna.




# MOVIE LAND



## Hi-Fi & Video Centre

**Żurrieq Road, Safi**

**Tel: 2164 2460, 7986 1743, 9940 4781**

**E-mail:** *movie_land@hotmail.com*

AGFA



NOKIA
CONNECTING PEOPLE

Professional FILM RENTAL Service including latest
DVD & VHS releases
Sale of Hi-Fi, Video Equipment, Satellite systems,
Mobile phones & accessories
Latest Home Cinema Technology - Sub-Agents for
HUMAX, BOSE, MARANTZ & other brands.
Other products & services available including
REPAIRS & AGFA Film Developing service



BOSE HUMAX marantz

*COME & VISIT US – YOUR ENTERTAINMENT IS OUR CONCERN!!!*



# BLUE CAVE

## *Bar & Restaurant*

**For Fresh Fish and Meat**

Wied iż-Żurrieq, Tel: 2164 7909



# Ġublew tad-Deheb tal-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II (1952-2002)

**minn Antoine Sciberras**

Tradizzjonalment iċ-ċelebrazzjonijiet ta' xi Ġublew Irjali jiġu mfakkra fil-jum tas-suċċessjoni tat-tron. Biss, minħabba li s-6 ta' Frar jaħbat ukoll l-anniversarju mill-mewt ta' missier ir-Reġina Eliżabetta II, ma kinitx ħaġa xierqa li jinżamm dan il-jum. Għalhekk iċ-ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tar-Reġina Eliżabetta II inżammu fix-xahar ta' Ġunju, kif fil-fatt kienu saru wkoll iċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 sena anniversarju ta' l-istess reġina.

Fl-1952, ir-reġina kienet iddikjarat li kienet se tkompli taħdem fuq il-passi ta' missierha, sabiex tkompli tkabbar il-prosperità tal-poplu tagħha. Dan kien kompitu diffiċli speċjalment meta tqis li r-reġina kien għad għandha 26 sena biss. Però r-Reġina Eliżabetta II ma qatgħetx qalbha u wettqet ħidmietha b'għaqal u dedikazzjoni kbira tul dawn il-ħamsin sena.

Is-sinjifikat tal-Ġublew tad-Deheb huwa totalment differenti minn dak ta' l-1977 (Ġublew tal-Fidda). Fejn fl-1977, il-poplu kien irringrazzja lir-reġina għall-ħidma tagħha, illum is-sena tal-Ġublew tad-Deheb, is-sena 2002, hija r-Reġina Eliżabetta II stess li tirringrazzja lin-nazzjon tagħha. Huwa żmien sabiex inħarsu lura u naraw it-tibdiliet kbar u radikali li seħħew matul dawn l-aħħar ħamsin sena ġewwa r-Renju Unit.

Matul dawn l-aħħar 50 sena, ir-Reġina wettqet diversi ħidmiet b'mod speċjali bl-involvimenti tagħha ma' mijiet ta' organizzazzjonijiet. F'din il-ħidma kontinwa tagħha, żgur li ma kienx ikun hemm suċċess mingħajr l-għajnuna kontinwa ta' żewġha d-Duka ta' Edinburgh. Ta' min isemmi li sa mill-1952, ir-Reġina Eliżabetta II tat 380,630 unur u rigal, irċeviet mat-tliet miljun korrispondenza u bagħtet mal-mitt elf telegramma.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba għandha rabta speċjali mal-Familja Rjali, tant li isem il-Banda jmur wara isem ir-Re Ġorġ V li kien wiret it-tron fl-istess sena li twaqqfet uffiċjalment is-Soċjetà. Żgur li kull soċju u partitarju fi ħdan is-Soċjetà tagħna għandu jkun kburi li tul iż-żmien din l-ewwel Soċjetà Mużikali Mqabbija kompliet tikber, tissaħħaħ u tkabbar l-isem tagħha mhux biss f'pajjiżna iżda wkoll barra minn xtutna.



*Laqgħa storika li l-Kumitat kellu mar-Reġina Eliżabetta II fl-1992.*



Prince Philip and I have been deeply touched by the many kind messages about the Golden Jubilee.

This anniversary is for us an occasion to acknowledge with gratitude the loyalty and support which we have received from so many people since I came to the Throne in 1952. It is especially an opportunity to thank all those of you who help others in your own local communities through public or voluntary service. I would like to think that your work will be particularly recognised during this Jubilee year.

I hope also that this time of celebration in the United Kingdom and across the Commonwealth will not simply be an occasion to be nostalgic about the past. I believe that, young or old, we have as much to look forward to with confidence and hope as we have to look back on with pride.

I send my warmest good wishes to you all.

ELIZABETH R.

6th February, 2002.



BUCKINGHAM PALACE

The Queen has asked that her warm thanks be conveyed to you for your kind message of good wishes on the occasion of her Golden Jubilee. Her Majesty received your greetings and congratulations with much pleasure.

Sir Robin Janvrin
Private Secretary to The Queen

May 2002



BRITISH HIGH COMMISSION MALTA

Dear Mr. Sciberras,

Yours sincerely,

High Commissioner



British High Commission Malta

Dear Mr. Sciberras,

Yours sincerely,

High Commissioner

*Korrispondenza mingħand il-Familja Rjali u l-Kummissarju Għoli Ingliż H.J. Pearce li juru ringrazzjamenti għas-sogħba li wriet is-Soċjetà għall-mewt tar-Reġina Omm u għall-awguri tal-Ġublew tad-Deheb.*

# Bjorn Garage

**Tal-Pudina**

**Bjorn's Garage**
**Valletta Road, Mqabba**

Tel: 2164 9784
Mob: 7970 4893





Mechanic,
Panel Beater
& Spray Painting



Enjoy
Coca-Cola
Coke

TRADE MARK REGD.

# Francis Xavier Mangion
## 1912-1975
*Għalliem – Traduttur – Poeta*

**Kitba ta' Joseph Farrugia**



*F.X. Mangion*
*Hajr: J. Zammit Mangion*

Francis X. Mangion twieled l-Imqabba, iben is-Surmast Pawlu u Ġuża née Mangion. Ha l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja tar-raħal, *St. Theresa Central School* u *St. Mary's Training College* ta' l-Università ta' Londra. Kiseb id-Diplomi *Member of the Royal Society of Teachers (MRST)* u *Associate of the College of Preceptors (ACP)*.

Is-Sur Mangion serva fid-Dpartiment ta' l-Edukazzjoni f'diversi lokalitajiet f'Malta u f'Ghawdex, l-ewwel bhala ghalliem fi skejjel primarji (1929-1935), Surmast (1935-1963) u Spettur ta' l-Edukazzjoni (1963-1972). Kien *lecturer* ta' l-Ingliż fl-*Emergency Training College* (1943) u *lecturer* tal-metodoloġija fis-*St. Michael Training College* (1962-1963), eżaminatur tad-Diploma *in Education* ta' l-Università ta' Malta, membru fil-*Board of Education* (1943-1946) u membru fl-i*School Broadcasting Board* (1952) President tal-*Malta Union of Teachers* (1943-1946). Matul il-gwerra (1939-1945) kien *Inspector of Special Constabulary* ghal Fleur de Lys. Kien membru ta' l-Ghaqda Letterarja Maltija u membru akkademiku ta' l-Ghaqda Kittieba tal-Malti. Rebaħ ghadd ta' konkorsi mnedija minn *Il-Pronostku Malti*. Ghal hidmietu ġie onorat bil-*Coronation Medal* (1953).[1]

Hafna studenti ġew ippreparati mis-Sur Mangion b'lezzjonijiet privati ta' l-Ingliż (lingwa u letteratura) ghall-eżamijiet tal-matrikola, *Senior Oxford* u tad-dhul fiċ-Ċivil.

Is-Sur Mangion jibqa' msemmi li qaleb ghall-Malti *Nhar il-Milied*, *Il-Bniedem Ferrieħi*, *Il-Bniedem tal-Ħsieb* u *Licida* ppubblikati fi ktieb wieħed *Erba' Poeżiji ta' Milton* (1967). Ippubblika fl-1970 *Il-Ġenna Mitlufa*: l-ewwel ktieb, it-tieni ktieb, it-tielet ktieb u r-raba' ktieb. L-epika shiha ġiet ippubblikata fl-1973. It-traduzzjoni tad-dramm ta' Shakespeare, *Makbet*, ghad li tlestiet fl-1974 ma laħaqx raħ stampat.

Bit-thabrik tas-Sur Joseph Zammit Mangion, in-neputi li kien tant viċin tiegħu tul dan iż-żmien, Makbet ġie mxandar fuq ir-Radju ta' l-Università u ġie kklassifikat fl-ewwel post fit-taqsima kulturali ta' l-ewwel konkors imniedi mill-Awtorità tax-Xandir f'Ġunju 1995.[2]

Il-parroċċa tagħna hi mogħnija b'żewġ poeżiji ad unur tal-Madonna li ħarġu mill-pinna tas-Sur Mangion. L-ewwel waħda ***Lil Marija**, Patruna ta' l-Imqabba f'jum it-Tlugħ TagħHa fis-Sema, 15 ta' Awissu 1945* ippubblikata bl-inizjali F.M.

L-istil ta' din il-poeżija jikkumpara sew ma' poeżija oħra li ġiet f'idejna dan l-aħħar ***Lil Marija Assunta**, fil-Jum ta' l-Assunzjoni TagħHa* bil-firma F.X. Mangion.

Jekk norbot il-fatt li huh, Dun Ġerald, ha l-pussess ta' kappillan ta' l-Imqabba sewwa sew fil-bidu tal-festi ta' Santa Marija fl-istess sena, iktar għandi għax nattribwixxi l-istess poeżija lis-Sur Mangion.

Il-poeżija ***Lil Marija*** ġiet immużikata mill-kompatrijott tagħna Mro. Leonard Spiteri, FLCM, u l-innu ndaqq l-ewwel darba fuq iz-zuntier mill-Banda Re Ġorġ V bil-kant ta' kor ta' tfajliet mis-Soċjetà Santa Marija waqt ħruġ il-vara nhar il-Ħadd, 9 ta' Awwissu 1964. Wara snin dormanti dan l-innu reġa' beda jindaqq fil-programmi annwali tal-Banda Re Ġorġ V minn nhar il-Ħamis, 10 ta' Awissu 1995 kantat mill-kor Marija Bambina ta' l-Isla f'kunċert kommemorattiv tal-Ġublew tad-Deheb mit-twaqqif ta' l-Orkestra Santa Marija. Il-Mużika tat-tieni poeżija ġiet fdata f'idejn Mro. Fr. Joseph Caruso. B. Mus. (Toronto), LRSM, A. Mus. LCM.

Bid-dedikazzjoni tas-Soċjetà Santa Marija u l-impenn tal-Banda Re Ġorġ V dawn l-innijiet, espressjoni poetika ta' sentimenti reliġjużi li jirriflettu l-imħabba lejn il-Madonna, se jkunu esegwiti għal tul iż-żmien b'ferħ u devozzjoni fil-ġranet festivi ad unur il-patruna ta' raħal twelidna, Marija Assunta.


**Referenzi:**

1 *Maltese Biographies of the Twentieth Century.*

2 Informazzjoni mogħtija mis-Sur Joseph Zammit Mangion, B. Educ., B.A. (Hons.), M. Phil. (Lond.)

# Maypole LTD

**BAKERY**

*Carmel Debono*

14, St. Joseph Street, Qormi
1, Victorja Street, Qormi
Tel: 2148 8992

Erba' Mwieżeb Street,
San Pawl
Tel: 2158 1646



# Opi Nail Technician

*Donna Zammit*

for Acrylic Nail
Extensions

Tel: 2168 9787 Mob: 9986 8622






Nispeċjalizzaw fil-Pasta, Steaks,
Chickens u anke laħam taż-żiemel

**BAR**
**&**
**RESTAURANT**

*St. Thomas Road, Luqa*
*Tel: 2180 0243*

Inservu kull kwalità ta'ikel
bi prezzijiet moderati.

# Lil Marija Santissima

## fil-Jum ta' l-Assunzjoni Tagħha

Imħallta ma' talbna,
Omm tagħna Marija,
Nixtiequ tislima
Tixraqlek naghtuk;
Tislima li biha
Il-milja ta' qalbna
Ta' wliedek maħbuba
Irridu nuruk.

Ghax int, O Marija,
Sabiħa bħall-warda
Li tiftaħ fil-ghodu
Ma' l-ewwel żerniq;
U taqbad fil-qatra
Tan-nida d-dija
Tax-xemx ghadha tielgħa
Fid-difa tar-riq

Ghax int, O Marija,
Nadifa bħall-ilma
Li jġelben mill-blata
Fis-sikta tal-wied;
Int bajda bħall-ġilju,
Bla tebgha, bla htija,
Bħas-silġ tal-muntanja
Li tbus is-smewwiet

Il-fergħa ta' Jesse,
Li ħabbru l-profeti,
Fik werrqet il-ħdura
Li tiftaħ il-ward –
Għaddejt qisek sħaba
Ta' dawl fuq id-dinja
U xħett dik il-manna
Mixtieqa fuq l-art.

Int aqwa minn Esther
Tar-rabta l-qadima
Li ħelset lil niesha
Mill-għajn tal-kefrin;
Int sbaqt lil Ġuditta
Li ġarrfet lill-għadu
Ghax fdejt, mhux le tajfa,
'Mma kollha l-bnedmin.

Int Omm, int Gharusa,
Int Bint, O Madonna,
Ta' Alla li ħalqek,
U ħatrek minn żmien
Sabiex tkun meħlusa
Mill-htija, u għamlek
Sultana tas-sema
Ta' l-art – kullimkien.

F'dal-jum, O Marija,
Li nfakkru t-tlugħ tiegħek
Fis-sema, ħallina
L-imħabba nuruk:
Hallina ngħajtulek
Bi qlubna mimlija,
U s-sbejħa tislima
Ta' wliedek naghtuk.

Is-Sliem, O Marija,
O għajn ta' kull ħniena,
O ħajja, O ħlewwa,
Tamiet il-bnedmin:
Is-sliem, O Sultana,
Bil-grazzja mogħnija,
Omm Alla u Ommna
Għalkemm midinbin.

Ngħajtulek, Sultana
Qaddisa Marija,
O ħelwa, O twajba,
O Verġni u Omm,
Sabiex tibqa' dejjem,
Kemm issa u kemm f'mewtna,
'L uliedek maħbuba
Fi ħdanek iżżomm.

**F.X. Mangion**


# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba
Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*
jfakkru li huma jagħmlu
**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

PREZZIJIET MODERATI

St Peter's Ironmongery

sP

Triq it-Troll, Mqabba ZRQ 09
Tel: 2168 0143, 9949 9721
Fax: 2168 5249



**Fejn issibu:**

Drain Pipes u Fittings (Plastic u Asbestos) Fittings tad-dawl u ta' l-ilma, Cement, Kolla tal-Madum u Grouting Hand tools, Power tools u aċċessorji oħra Cristalite Kitchen Sinks u Geysers, Ilbies Protettiv u Safety Shoes, Tankijiet ta' l-ilma tal-Fibre, Materjal ta' Kisi u fuq il-Fil.
Issibu wkoll 'il fuq minn 5000 Kulur ta' Żebgħa ta' kull tip kemm għal barra u anke għal ġewwa.
Inħalltuha dak il-ħin.

FREE DELIVERY

Opening Hours:
Monday to Friday: 7.00 a.m. - 7.00 p.m.
Saturday: 7.00 a.m. - 3.00 p.m.

Nicole's Salon
Unisex Hairdresser

83, Valletta Road,
Mqabba

Open Days:
Tuesday - Saturday 9.00am - 5.00pm

**Tel: 2164 7247 Mob: 9949 1329**

# Mons. Carmelo Bianco

*S.Th.D., Ph.L., Dip. Lat. Clas. (Greg.)*



Fil-15 ta' Diċembru 2001 inxterdet l-aħbar li kien ħalliena Mons. Carmelo Bianco, Kappillan għal ħdax-il sena ġewwa l-parroċċa tagħna. Naħseb li taqblu magħna li ma nistgħux nippubblikaw dan il-ktieb mingħajr ma nuru l-apprezzament tagħna b'mod speċjali għall-ġid kemm spiritwali kif ukoll materjali li ħalla warajh ġewwa r-raħal tagħna.

Bin Angelo Bianco u Caterina née Bonnici. Imwieled Birkirkara fid-29 ta' April 1934. Mgħammed fil-Parroċċa ta' Santa Venera fit-3 ta' Mejju 1934. Ordnat saċerdot fil-Kon Katidral ta' San Ġwann fit-22 ta' Marzu 1958 mill-Arċ. Mons. M. Gonzi. Mill-1958 sa l-1962 studja Ruma fil-*Pontificia Università Gregoriana* mnejn kiseb dawn il-lawriji: S.Th.L. (Ġunju 1959); Dip. Lat. Clas. (Ġunju 1961); S.Th. D. (Diċembru 1961); Ph. L. (Ġunju 1961). Mill-1960 sa l-1962 kien *vice parroco* fil-parroċċa *La Trasfigurazione di N.S.* f'Monte Verde Nuovo, **Ruma** filwaqt li kien għadu jistudja. Nominat Kappillan tal-parroċċa ta' l-Imqabba mill-Arċisqof Mons. M. Gonzi fis-6 ta' April l-1963. Mexxa l-parroċċa bħala Vigarju Ekonomu sakemm ingħata l-pussess tal-parroċċa ta' l-Imqabba nhar Lapsi, 23 ta' Mejju 1963, mill-Isqof Mons. Emanuel Galea, Vig. Ġenerali. Maħtur Kanonku Onorarju tal-Bażilika Kolleġġjata ta' Birkirkara fl-1 ta' April 1968. Għal diversi snin kien Segretarju tal-Kunsill Pastorali Djoċesan u rappreżentant tal-Kappillan fil-Kunsill Presbiterjali. Kien ukoll membru tal-Kummissjoni li fasslet l-Istatut tal-Kunsill Djoċesan tal-Lajċi.

Fil-bidu tas-sena 1974 irriżejna minn Kappillan ta' l-Imqabba għaliex kien ġie maħtur Kappillan tal-parroċċa ta' Stella Maris, Sliema, fis-26 ta' Frar 1974 u kien mogħti pussess ta' din il-parroċċa nhar Ħadd il-Palm, 7 ta' April 1974, mill-Isqof Mons. Emanuel Galea, Vig. Ġenerali. Fid-29 ta' Jannar 1985 irriżenja minn Kappillan ta' Stella Maris biex jokkupa kariga oħra fid-Djoċesi u b'rikonoxximent tal-ħidma tiegħu pastorali fil-25 ta' Marzu 1985 ġie maħtur *Cappellano di Sua Santità* mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Fl-14 ta' Diċembru 1986 l-Arċisqof Mons. G. Mercieca ħatru Monsinjur Kanonku Onorarju tal-Kapitlu tal-Katidral Metropolitan ta' Malta u fil-Kurja serva fl-Uffiċċju taż-żwiġijiet u għal xi xhur bħala sostitut tal-Kanċellier ta' l-istess Kurja.

Fit-18 ta' Diċembru 1987 l-istess Arċisqof ħatru Monsinjur Kanonku Effettiv ta' l-istess Katidral. Għal dawn l-aħħar erbatax-il sena kien maħtur minn Mons. Arċisqof G. Mercieca bħala Kanċellier tal-Kapitlu tal-Katidral Metropolitan; ta għajnuna pastorali fil-parroċċa tal-Katidral u ħa ħsieb l-istess bini tal-knisja. Dawn l-aħħar tliet snin kien inkarigat mill-Kon Katridral ta' San Ġwann, Valletta fejn ħa ħsieb li saru diversi restawri ta' oġġetti ta' valur kbir.

Matul il-ħidma tiegħu ta' ħdax-il sena fil-parroċċa ta' l-Imqabba, bħala kappillan hu ħadem ħafna biex irnexxielu jadegwa l-parroċċa u l-attivitajiet tagħha fuq il-livelli kollha ma' dak li kien jitlob il-Konċilju Vatikan II. Ħa ħsieb li l-Isqof Em. Galea kkonsagra tliet artali (il-maġġur tal-kor u tal-Kunċizzjoni) u twaħħlet irħama mal-pilastru maġġur li tfakkar dan. Hu svolġa ħafna xogħol pastorali b'dedikazzjoni sħiħa għall-ġid ta l-Imqabbin billi żamm kuntatt kontinwu mal-parruċċani u dejjem żamm ruħu għad-dispożizzjoni tagħhom fil-bżonnijiet kollha tagħhom. Hu kien attiv ħafna bħalma jixhdu l-Għaqdiet li waqqaf (per eżempju l-fergħa ta' l-Azzjoni Kattolika tan-Nisa u l-kor parrokkjali) u t-tisħiħ li wettaq fl-għajnuna tiegħu lill-Mużew tas-subien u tal-bniet u lid-diversi *praesidia* tal-*Legion of Mary*. Irnexxielu wkoll iżomm 'il bogħod mill-parroċċa xi sitwazzjonijiet eċċessi li jġibu magħhom il-piki żejda tal-partiti.

Dejjem sab l-appoġġ u l-għajnuna tal-maġġoranza serja tal-paruċċani li f'kull attività, kemm spiritwali kif ukoll materjali, qatt ma naqsu mill-kooperazzjoni tagħhom. Dan jixhduh il-funzjonijiet reliġjużi li għalihom dejjem ikkonkorrew b'mod numeruż – bħal festi, eżerċizzi spiritwali, sajdiet Mużewmini, il-Missjoni l-Kbira u ż-Żgħira u funzjonijiet oħra ta' matul is-sena. F'dak li hu ta' natura materjali jagħtu hieda għalih l-opri li saru fi żmienu. Hekk per eżempju l-fonti tal-Magħmudija; iċ-ċangar taz-zuntier; il-kisi tal-faċċata tal-knisja; il-qanpiena; l-injam tal-kor u tas-sagrestija; il-gallariji bis-soffitti u l-iskultura tagħhom; il-bankijiet; l-erba' konfessjonarji tal-kewba; żewġ antiporti tal-korsija; il-bankun tal-kewba tal-quddiesa kantata; l-artal mejda tal-kewba; l-induratura tal-prospettiva tal-kor; l-irħam tal-basijiet tal-pilastri u taz-zukklatura flimkien maż-żewġ kredenzi fuq il-kolonni mal-ġenb ta' l-artal maġġur u l-kolonni li jżommu l-ħwat ta' l-ilma mbierek.

Hu ma naqasx li jsib ħin biex imidd idejh ukoll għax-xogħol materjali bħal meta indura l-kapitelli tal-pilastri tal-knisja kollha u għen fit-tqegħid ta' l-irħam tal-basijiet tal-pilastri u taz-zukklatura. Barra minn hekk hu kien ukoll fost il-benefatturi tal-Knisja għaliex, speċjalment fl-irħam, hu ħareġ minn butu l-ispejjeż tal-kolonni ta' l-irħam tal-ħwat ta' l-ilma mbierek u l-ispejjeż tal-kredenzini flimkien mad-dazju li ħareġ minn butu fuq l-irħam kollu u li, wara bidla fil-Gvern, qatt ma ngħatalu lura.

# RAYMOND ABDILLA

## Exporter & Importer

**Seed and Ware Potatoes**



"Le Nid", Triq il-Kuċċard, Safi ŻRQ 11.
Tel: (00356) 21683870, 21436594
Mob: 9949 7980, 9944 9553
Fax: (00356) 21689726

Qed naċċettaw ordnijiet għal dawn il-prodotti

**Arinda** – Patata Bikrija li tinżera' f'Ottubru
**Santè** – Tajba għall-esportazzjoni u tinżera' bikri
**Picasso** – T'għajna ħamra
**Agria** – Ta' qatgħa safra
**Diamant** – Ta' qatgħa safra
**Alpha** – Ta' qatgħa safra
**Banner** – Ta' qatgħa bajda
**Laura** – Ta' qoxra ħamra
**Marfona** – Ta' qatgħa bajda (għall-esportazzjoni)
**Ditta** – Ta' qatgħa safra (għall-esportazzjoni)
**Stirling** – Ta' qatgħa bajda (ma' kull għaxra nagħtu waħda b'xejn)

**NEWS**
**Varjetajiet ġodda**

AGRICO

**Fertilizer Ġermaniż**
**12+12+17+2+6**
**27%**
**21%**

Opri oħra li saru fi żmienu u bit-tħabrik tiegħu kienu:

- Damask ġdid għal żewġ pilastri maġġuri tal-knisja.
- Sett fjuretti ġodda għall-artal tal-kunċizzjoni.
- Żewġ linef tal-kristall għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju.
- Tkabbir taż-żewġ linef il-kbar tal-kappelluni.
- Tnax-il linfa tal-kristall żgħar għal ġewwa l-knisja.
- Brazzi tal-kristall (14) għal ma' ġenb l-artali ż-żgħar eċċ.
- Trasport tar-rakkmu fuq damask ġdid ta' l-istandard tal-Kunċizzjoni.
- Trasport tar-rakkmu fuq damask ġdid ta' l-istandard tar-Rużarju.
- Sett fjuretti ġodda għall-artali: Maġġur, tal-Kor, tal-Kurċifiss, tar-Rużarju, ta' San Ġużepp.
- Terħa tal-belluż irrakkmata bid-deheb għall-artal ta' San Ġużepp.
- Tliet lampieri tal-fidda: fl-artal ta' San Ġużepp, tal-Kurċifiss u tar-Rużarju.
- Pedestall tal-fidda għall-ostensorju tar-relikwija ta' Santa Marija.
- Sett kandlieri (6) tal-fidda għat-Traslazzjoni.
- Żewġ bankuni: wieħed għall-fratellanza tar-Rużarju u l-ieħor tas-Sagrament.
- Kurċifiss u żewġ lanterni tal-fidda għall-Fratellanza tas-Sagrament.
- Trasport tar-rakkmu tad-deheb tad-drapp tat-tużell fuq is-satin.
- Tapit ġdid bid-dininn tal-ward għall-festa titulari.
- Bankun għall-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.
- Restawr ta' l-istatwa ta' Santa Marija.
- Fjuretti ġodda għal fuq il-bradella madwar l-istatwa ta' Santa Marija.



*L-aħħar tislima mill-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fil-knisja parrokkjali ta' Stella Maris, Sliema.*

- Velomeral ġdid tar-rakkmu tad-deheb fuq il-lama tal-fidda.
- Qanpiena ġdida fil-kappella taċ-Ċimiterju.
- Tkabbir ta' xi oqbra fiċ-ċimiterju.
- Terħa tal-bellus irrakkmata bid-deheb għall-kappella taċ-Ċimiterju.
- Xiri tad-dar f'*St. Basil Street* għaċ-Ċentru Parrokkjali.

Ma' dawn l-opri hemm oħrajn li diversi anzjani li kienu midħla tal-knisja żgur li jiftakru. Ċertament li wara dan il-profil wieħed jikkonkludi li għalkemm fi żmien relattivament qasir, saru bosta opri li għadna ngawdu l-frott tagħhom illum. Is-Soċjetà tagħna tingħaqad ma' l-Imqabbin kollha li għandhom għal qalbhom ir-raħal tagħna u għal darb'oħra turi l-apprezzament tagħha lejn dan kollu.

# *Lil Ħabib Kbir Mons. Bianco*

## 15 ta' Diċembru 2001

Kien it-tmienja ta' filgħodu,
Aħbar kiefra, jien irċivejt;
Ħabib tiegħek miet dalgħodu,
Aħbar li qatt ma stennejt.

Mons. Bianco jinsab mejjet,
F'Dar il-Kleru Birkirkara;
Fil-15 ta' Diċembru (2001) elfejn, wieħed
Data Santa Marija, is-sema ttieħed;

Kappillan żmien għamel fostna,
Refagħna mitt darba, mill-għajb u ħtija;
Pariri tajba tana, u għaqlija,
Biex ngħixu tajjeb, ma' Ommna Marija;

Bla piki żejda, u ħbiberija,
Imma mhux morda, issib kullimkien;
Li baqgħu fostna f'kull żmien,
Paċenzja nieħdu, b'sabar, mogħdrija;

Tħabat u stinka,
Bil-Barka, ma' Ġesù ħabbibna;
Qalilna, "Insew kull nuqqas u ħtija;
Biex bl-għaqda, u mħabba l-bqija
Ngħixu fil-paċi u bla tbatija;
u fis-sema mmorru, fejn Ommna Marija."

Isellmulek uliedek Mqabbin,
Itlob għalina, biex nibqgħu tajbin;
Ilqgħu O Alla Missier Ħanin,
Biex igawdi ma' Santa Marija u l-Qaddisin.

**Giovanni Farrugia**
Mqabba

# MARTIN MONREAL IRONMONGERY

Triq il-Bronja, Żurrieq. Tel: 2168 2435 - Mob: 9947 6824

**Għażla kbira ta' dekorazzjonijiet għad-dar bħal rużuni u burduri**

*Kiri ta':*

**Fekruna tat-trinek, Concrete Mixers, Crane Jiggers, Siġġijiet, Imwejjed għall-parties u Dekorazzjonijiet għall-Ġonna**

## Monreal Paint Centre

Over 10,000 colour... All kinds of paint. All Interior Decorations

**Bronja Str., Żurrieq. Tel: 682435 • Mob: 0947 6824**

# Starbrite

## Dry Cleaning

Triq Tas-Sejba, Mqabba
Tel/Fax: 2168 3367

# Concorde Mini Market

Carmelo Ciantar Street, Mqabba

*Mrs. Josette Camilleri*

**Tel: 2168 0922**

**Fejn issibu:**
*General Groceries,*
*House-Cleaning Liquids*
*u Laundry Detergents*

***Fejn tmur***
***u tinqeda malajr u tiffranka l-flus.***

***Nawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd***

# L-Istatwa ta' Santa Marija



## F'għeluq il-50 sena tat-tlugħ tagħha fuq il-Każin Re Ġorġ V

**Kitba ta' Joseph Farrugia**

Meta f'April ta' l-1947 tlestiet ir-rikostruzzjoni tal-knisja tar-raħal tagħna mill-ħsarat tal-gwerra, l-Imqabba bdiet taħseb dwar l-istatwi fil-misraħ li kienu ntlaqtu b'ħidma ta' l-għadu. Għad li Santu Rokku ma kellux ħsarat kbar, l-istatwi ta' Santa Marija u ta' Sant'Andrija sfaw fi stat irriparabbli.



Is-Sur Lorenzo Ellul mill-Imqabba, mgħallem u sid ta' barriera, offra li jagħmel minn butu statwa artistika ta' Santa Marija ta' l-irħam. Issa qam dibattitu jekk din l-istatwa titwaqqafx minflok il-qadima. Sar suġġeriment biex Santu Rokku jieħu post Sant'Andrija fuq iz-zuntier. B'hekk l-istatwa ta' Santa Marija tkun tista' tersaq lura mill-post oriġinali għal skop ta' spazju. F'dan id-dawl, is-Soċjetà Santa Marija f'seduta ġenerali ħadet pożizzjoni u qablet mas-Sur Lorenzo Ellul li l-istatwa għandha tkun eretta fil-post oriġinali.

Iż-żmien kien għaddej bla ebda tama ta' soluzzjoni. Waslet is-sena tad-Domma ta' l-Assunzjoni meta l-bini tat-tieni sular tal-każin kien fi stat avvanzat ta' tlestija. Fi żmien hekk opportun il-Kumitat u s-Sur Lorenzo Ellul qablu li għandha ssir statwa ta' Santa Marija minn ġebla sħiħa għal fuq il-portiku tal-każin.

Is-Sur Marco Montebello, skultur magħruf għax-xeħta devota li kien jagħti lill-istatwi, għamel mudell u meta kien approvat mill-benefattur u l-Kumitat, ingħata l-kummissjoni tax-xogħol. L-iskultur, flimkien mal-President Ġanni Ghigo u s-Segretarju Manwel Zammit, ikkalkulaw il-kobor ta' l-istatwa fuq il-persuna tas-Sur Renè Galea wieqaf fuq il-pedestall mill-misraħ.



F'Jannar ta' l-1952 inqatgħet il-ġebla mill-barriera tas-Sur Ellul f'Wied Qosta – limiti ta' l-Imqabba; il-qisien tagħha kienu 9'0" × 4'0" × 3'0". It-trinka għamilha Ġużeppi (mill-Imtaħleb) waqt li l-kniener u l-qtugħ tat-traversa sar minn Karmenu Ellul, iben il-benefattur u l-kuġini tiegħu Nikol Ghigo u Mikiel Ellul. Il-ġebla ttieħdet għand l-iskultur, u Nikol Ghigo kien spiss imur għandu jgħinu fl-iżmarrar tal-ġebla. Din kienet l-ikbar statwa li kien ħadem l-iskultur sa dak iż-żmien.

Meta l-istatwa kienet lesta nġiebet fil-bitħa tal-każin. Is-Sur Ġeraldu Spiteri, bennej minn Ħal Luqa, ġie avviċinat biex itella' l-istatwa fuq il-pedestall. Ħaseb li jista' jopera mill-bitħa iżda malli ra l-kobor tagħha informa minnufih li ma kellux armar għal dak id-daqs.



B'xorti tajba nstab is-servizz ta' l-Imqabbi, is-Sur Eugenio Sciberras, mgħallem u sid tal-barriera, li kien l-ewwel li għamel użu mekkanizzat f'barriera biex jaqta' trinka b'arja kkompressata. Ġie miftieħem li l-istatwa tittella' minn quddiem il-każin nhar il-Ħadd, 22 ta' Ġunju 1952. L-armar beda minn kmieni filgħodu b'attenzjoni kbira għas-sigurtà. Kienet ġurnata meta kulħadd. President, membri tal-Kumitat, soċji anzjani u soċji żgħażagħ, ta kontribut b'kull mod u ħtieġa b'kooperazzjoni sħiħa mad-direzzjoni ta' Eugenio Sciberras. Il-preparamenti baqgħu sejrin anke fl-eqqel ħin tax-xemx sajfija fis-sigħat ta' nofsinhar. Kien manifest l-impenn li t-tlugħ ta' l-istatwa isir f'dik il-ġurnata.

Biex l-istatwa titmexxa miċ-ċentru tat-tlugħ għal dak tal-pedestall kull vent tal-grabja kellu *chainblock*. Il-vent ta' wara ntrabat ma' xelter tal-gwerra fil-ġardina ta' wara l-każin. Il-vent l-ieħor kien ankrat ma' trakk mgħobbi l-ġebel sorġut ħdejn id-dar Nru. 23 Misraħ il-Knisja.

F'din il-ġurnata kellna l-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Il-Kappillan, Dun Ġerald Mangion, ħaseb biex il-funzjoni tispiċċa kmieni. Waqt il-purċissjoni spiċċaw il-provi li l-armar jaħdem kif previst. Wara l-benedizzjoni, inħarġet l-istatwa mill-każin u ġiet imbierka minn Mons. Isqof Emmanuel Galea. Kien imiss issa kif se tintrabat.

Waqt dan il-proċess Dun Ġużepp Xuereb kien sejjer id-dar, waqaf jara x-xogħol u ta l-opinjoni tiegħu. Is-Sur Sciberras uża *tractor-winch* tiegħu u ħaddmu hu stess. L-ewwel ħa l-piż u żamm l-istatwa hekk sa ma għamel l-aħħar

# TAX-XIHA RESTAURANT

Blue Grotto, Wied iż-Żurrieq




*specialising in:*

**FRESH FISH AND MEAT**

***(A la Carte and Maltese Rabbit also available)***

**AND MANY SPECIAL DISHES**

*For reservations phone 2168 0684*

**Opening Hours (from 1st June onwards)**

**from 9.00am till 11.00pm**

provi ta' l-armar. L-ansjetà issa ħakmet lil kulmin kien preżenti. Meta s-Sur Eugenio tela' fuq il-*winch* u qal "Għal fuq" waqa' skiet perfett; għajnejn kulħadd fuq l-istatwa tiela', tiela', tiela'. Fil-għoli meħtieġ bdiet tersaq bil-mod il-mod għal fuq il-pedestall. Il-bennej Imqabbi, Pawlu Mallia, iċċentra l-istatwa fuq il-pedestall, poġġa t-tajn u għamel sinjal lil Eugenio biex imajna. Malli l-istatwa strieħet fuq il-pedestall, in-nies infexxet f'ċapċipa kbira u marret tifraħ lis-Sur Sciberras li l-operazzjoni mexxiha b'suċċess. Inġieb mid-dar il-benefattur, is-Sur Lorenzo Ellul biex jara mitmuma x-xewqa tiegħu u jkompli jiċċelebra mas-Soċjetà Santa Marija.

Nhar is-27 ta' Ġunju 1952, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi approva r-rebħ ta' 200 jum indulġenza lil min jgħid Salve Regina quddiem din ix-xbiha tal-Beata Verġni Marija Assunta.



**Ħajr:** Lis-Sur Nikol Ghigo għall-informazzjoni indispensabbli.


# Dilja Car Imports Ltd.

IMPORTERS OF JAPANESE CARS

St. Thomas Street, Luqa

Tel: 2180 7999

Mobile: 9947 0988, 9949 4566

# Every moment in life is about trusting... ...Especially people

Peace of mind comes naturally when you know that the people you rely on have the experience, the expertise and the commitment to truly keep your interests at heart.

GASANMAMO INSURANCE AGENCY LIMITED

| | | |
|---|---|---|
| HEAD OFFICE: Msida Road, Gzira | | Tel: 2134 5123 |
| BRANCHES | | |
| Valletta: | 173, Old Bakery Street | Tel: 2123 2666 |
| Mellieħa: | 23, G. Borg Olivier Street | Tel: 2152 3672 |
| Paola: | 124, Antoine de Paule Square | Tel: 2166 2815 |
| B'Kara: | Brared Street | Tel: 2149 6235 |
| Qormi: | 160, Pinto Street | Tel: 2148 7118 |
| Sliema: | Il-Piazzetta, Tower Road | Tel: 2134 2211 |
| **Mqabba:** | **34, St. Catherine Street** | **Tel: 2182 3392** |

Gasan Mamo Insurance AGENCY LIMITED

www.gasanmamo.com

email: insurance@gasanmamo.com

# F & R SCHEMBRI

## SWEETS & CIGARETTES
## CIGARS & TOBACCO

"Frarene", St Edward Street, Qormi.
Tel: 2144 1453 / 2144 9938

# RENO FARRUGIA TRANSPORT

For the best service in:
Transport, Mini Buses & Buses
(24 hour service Day & Night)
**Reno Farrugia**
*'Emerald',*
*Triq il-Konvoj ta' Santa Marija,*
*Mqabba*
*Tel: 2164 0869*
*Mobile: 9949 1477*




# PALMA GARAGE

**Valletta Road - Mqabba**
**Tel: 2168 0089 – Mob: 9944 9461**

**Professional Panel Beating**
**Jig Body Alignment**
**Spray Painting**
**Concept Spray Painting - Dry Booth**

# Programm Vokali u Strumentali

**Data: 10 ta' Awissu 2002**

**Ħin: 9.00pm**

| | | |
|---|---|---|
| Marċ | **Zahal** | Y. Talmi |
| Incidental Music | **Festive Scenario** | Elliot Del Borgo |
| Concert Polka | **The Nightingale**<br>(Solista: Michael Pulis) | H. Moss |
| Selection | **Music from Gladiator** | H. Zimmer<br>Arr. J. Wasson |
| Selection | **The Phantom of the Opera** | A. Lloyd Weber |
| Selection | **Rapsodia Napoletana**<br>(Tenuri: Brian Cefai, Andrew Sapiano, Joe Aquilina) | Mro. Rocco Cristiano |
| Overture | **Orpheus in the Underworld** | J. Offenbach |
| Innu | **Banda Re Ġorġ V** | A. Camilleri |

Surmast Direttur: **Mro. David Agius**
Preżentaturi: **Joyce Guillaumier u Patrick Mallia**





Msida multi-level intersection



Msida multi-level intersection



Piling works for Enemalta, gas turbine foundations



Plaza Commecial Centre, Sliema



St. James Art Centre, Valletta

Ballut Blocks Ltd is one of the leading companies in Malta, in the manufacture of all types of building materials. It provides a comprehensive and high quality range of services and materials for all your building construction needs from excavation, rock cutting, piling works to the manufacture of concrete blocks, ready mixed concrete, prestressed roof slabs and precast concrete beams. Ballut Blocks has the technical know-how and man power to deliver high quality products economically and on time.

**BALLUT BLOCKS LTD.**

PRECAST CONCRETE & CIVIL ENGINEERING WORKS

Ballut Blocks Limited, Wied Filep, L/O Naxxar • Tel: (356) 57 30 93, 57 26 66 • Fax: (356) 57 55 62

# Pedina Importanti fi ħdan is-Soċjetà

Erġajna qegħdin f'dan iż-żmien hekk sabiħ u tant mistenni biex flimkien niċċelebraw festa oħra ad unur il-patruna tagħna l-Imqabbin, Santa Marija.

Għaddiet sena oħra fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ reġgħet għamlet passi ta' ġgant, passi ferm importanti fl-istorja tagħha. M'aħniex ħa noqogħdu nidħlu fid-dettal dwar l-attivitajiet li ġew organizzati matul din is-sena imma jekk inħarsu x'għamlet is-Sezzjoni Żgħażagħ, naraw li l-attivitajiet ma naqsu qatt iżda komplejna u żidna fuq tas-snin li għaddew. Ta' min jgħid li kull attività li tellajna mhux biss kienet ta' livell għoli iżda kienet ukoll oriġinali għall-aħħar, fejn l-element żagħżugħ, mimli b'entużjażmu u b'ħeġġa, dejjem iddomina!



*Il-preżentazzjoni tat-tazzi ta' l-attività sportiva annwali 'n-Nardu Farrugia Cup'.*

Dan mhux qiegħed jingħad biss bil-kliem, iżda wkoll bil-fatti. Fatti li kull sena jagħtu prova ċara li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna hija sezzjoni attiva, kapaċi u serja sa mill-bidu li ġiet iffurmata. Ta' min jgħid, mingħajr ftaħir żejjed, li s-Sezzjoi Żgħażagħ tagħna tħaddan fiha numru sabiħ ta' membri li kull sena qiegħed dejjem jikber.



*Mument indimentikabbli, il-ftuħ ta' l-imrewħa għall-ewwel darba waqt il-marċ ta' l-aħħar Tridu.*

Ma nistgħux ma nsemmux l-ispettakli kbar ta' briju li s-Sezzjoni Żgħażagħ tat fil-marċi tas-sena l-oħra, speċjalment f'dak ta' l-aħħar, fejn fost affarijiet oħra, iddominat l-**imrewħa** artistika u spettakolari li ġiet inawgurata mis-Sezzjoni Żgħażagħ wara sena ta' ħidma kontinwa li fl-aħħar mill-aħħar irriżultat bħala l-*unika* ġewwa raħalna.

Ta' min jgħid li marċi bħal dawn, ta' livell daqshekk għoli, qatt ma saru ġewwa l-Imqabba minkejja li saru sforzi li rriżultaw kollha f'paganiżmu sfrenat.

Ma ninsewx ukoll li s-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna kienet l-ewwel Sezzjoni Żgħażagħ li ħarġet CD brijuż ġewwa l-Imqabba. Dan is-CD, li jġib l-isem *Ċelebrità*, intlaqa' tajjeb mill-partitarji u kien suċċess kbir.

Bħal kull sena, u aktar minn kull sena, għamilna sena ta' ħidma bla waqfien fuq ħafna xogħol ta' armar ġdid, li jekk Alla jrid se jiżżanżan kollu din is-sena. Fosthom insemmu sett ta' tmien **trofej** u erbatax-il **pedestall** li se jintramaw fil-Pjazza tar-raħal, u sett ta' għaxar **pavaljuni** li se jintramaw fi Triq il-Parroċċa. Barra minn hekk, inħadmet ammont kbir ta' liedna u saru festuni għal madwar ir-raħal. Ta' min ifaħħar dan it-talent Imqabbi li jeżisti fis-Soċjetà tagħna!

Minn hawnhekk nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw minn qiegħ qalbna lill-benefatturi tagħna għall-għajnuna finanzjarja li għoġobhom jagħtuna. Nirringrazzja ukoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kienu involuti fix-xogħol li semmejna sabiex dawn l-opri hekk sbieħ setgħu jsiru realtà. Mill-ġdid **grazzi**!

Nagħlqu billi nirringrazzjaw ukoll lill-Kumitat Eżekuttiv, lill-Għaqda tan-Nar u lill-Kumitat tan-Nisa

# Zneiber

Confectionery & Pastizzerija

*Orders accepted for*
*Weddings and All Occasion Parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999
Mobile: 9949 3692

St. George's Street, Luqa
Tel: 2167 7230

# TOPS 'N' TAILS

YOU DESERVE THE ELEGANCE OF A NEW RANGE OF CLOTHES ON YOUR SPECIAL OCCASIONS.



*To look smart and elegantly dressed, why not visit us for wide selections of Tails, Dinner Jackets, Spencer and Morning Suits*

*Even Coloured Suits available at:*

***51, MARINA STREET,***
***PIETÀ***
***TEL: 2123 5666***

*Prop. Mr M. Cassar*

*No connection with any other shop*

tal-kooperazzjoni u l-għajnuna li dejjem tawna tul dawn l-aħħar snin.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, nixtiequ nuru l-apprezzament tagħna lejn din is-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdan l-ewwel Soċjetà Mużikali ġewwa l-Imqabba, tax-xogħol u s-sagrifiċċju kollu li jsir ad unur il-festa tal-Patruna ta' l-Imqabba, Santa Marija.

**Nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.**

**Viva Santa Marija.**



*Sehem iż-żgħażagħ waqt programm televiżiv, f'Jannar 2002.*


# Victor's Take Away

**Bar, Restaurant, Cafeteria**

*Specialising in Fresh Fish, Maltese Food & Parties*

**Dun Ġużepp Zammit Str., Żurrieq**

*(Next to Bus Terminus and near the Żurrieq School)*

Noffru servizz lill-każini f'dak li hu kiri ta' platti, kikkri, frieket, skieken, eċċ...
Inbid Home made bi prezz speċjali għal BBQ's u attivitajiet oħra. (Fliexken jew Ġarar)

**Tel: 2164 1033 • Mob: 9947 4249**




# JOSEPH CINI MARBLE WORKS

Specialising in Monuments & Memories
Tel: 2164 9161
Mobile: 7905 6170
cinimarbleworks@hotmail.com

# Xuereb Installations Ltd.

IMPORT, SUPPLY & INSTALLATION
OF SOFFITS & GYPSUM BOARDS



IMPERIAL HOTEL
DINING ROOM



PRESIDENT HOTEL



MID-MED BANK
- OFFSHORE OFFICES



SEABANK HOTEL



NATIONAL LABOUR CENTRE



CORINTHIA PALACE HOTEL



DOLMEN HOTEL

SUPPLIERS & INSTALLERS OF
• MINERAL SOFFITS • DEMOUNTABLE PARTITIONS • GYPSUM SOFFITS AND BULKHEADS •

**Tel: +356 21 495799, +356 21 495972, +356 21 495836, +356 21 495792 Fax: +356 21 495834**
**E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com**

# Il-Ġemellaġġ

## mill-Kumitat Eżekuttiv


Telephone No: 224002, 220451 (Police H.Q. Exchange)

All communications should be addressed to the Commissioner of Police, and not to individual Officers by name or appointment

POLICE GENERAL HEADQUARTERS
Floriana,
Malta.

August, 2001

Our Reference No. CID/940/E/01
Your Reference No. ..........

Our Lady of Lilies Band Club
"Palazz il-Ġilju"
Parish Square,
Mqabba ZRQ 08

Attn: Benny Briffa
Secretary

**Re: Alleged fraud & misappropriation by the Mayor of Mqabba & committee of St. Mary Band Club of Mqabba**

Sir,

Reference is made to your letter, dated 1st November 2001, regarding the captioned subject.

Please note that the case has been exhaustively investigated and there is no evidence of any fraud or misappropriation

The Attorney General's office has also been consulted

Regards,

Michael Cassar
Assistant Commissioner
Drugs, Vice & Econ/ Crime

Ministry of Justice & Local Council
The Mayor, Mqabba
Secretary, King George-V Band Club, Mqabba

MC/ac

Ma' dan l-artiklu qegħdin nippubblikaw ittra ffirmata mill-Assistent Kummissarju, li kellha tkun ippubblikata fil-ktieb tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju 2002, anke wara talba bil-miktub li saret min-naħa tal-konsulent legali tas-Soċjetà tagħna. Ittra li għal darba oħra turi biċ-ċar li dak kollu li sar matul il-ġemellaġġ, sar b'mod trasparenti u regolari.

Wara d-diversi attentati sabiex jitħammeġ isem is-Soċjetà tagħna bħal artikli f'ġurnali lokali, pubblikazzjonijiet fil-ktieb tal-festa u saħansitra domandi parlamentari, sfaxxaw fix-xejn, f'Novembru 2001 il-kumitat tas-Soċjetà tal-Ġilju taw ittra lill-pulizija sabiex jibdew proċeduri ta' investigazzjoni fuq frodi u miżapproprjazzjoni ta' flus kontra s-Sindku u l-kumitat tas-Soċjetà tagħna. Wara li l-pulizija interrogaw liż-żewġ partijiet konċernati, fejn min-naħa tagħna ġew ippreżentati d-dokumenti kollha rigward il-ġemellaġġ, irriżulta li ma kien hemm xejn.

(Referenza għall-ittra) Mossa kappriċċuża li seta' kellha konsegwenzi koroh fuq dawk involuti. Stennejna li wara dan kollu għall-inqas se jkun hemm xi forma ta' apoloġija min-naħa ta' dawk responsabbli ta' dan l-aġir. Minn dan ma rajna xejn.

Ċertament li attitudni bħal din iżżomm ferm 'il bogħod l-Għaqda li tant hi mixtieqa fir-raħal tagħna.

Nieħdu din l-okkażjoni sabiex għal darba oħra nirringrazzjaw lil kull min tana s-*support* f'mumenti ta' tensjoni. Nerġgħu ntennu li minkejja dan kollu aħna ninsabu lesti li nagħtu kull għajnuna possibbli lil kull min irid jagħmel inizjattiva bħal din tal-ġemellaġġ sabiex l-ewwel u fuq kollox ngħollu isem ir-raħal ta' l-Imqabba.




*"Kif jirriżulta minn din l-ittra li l-Assistent Kummissarju Michael Cassar bagħat lill-Każin tal-Banda tal-Madonna tal-Ġilju, il-Pulizija, anke bl-assistenza ta' l-Avukat Ġenerali, investigat fil-fond l-allegazzjoni ta' frodi u miżapproprjazzjoni li dak il-Każin għamel kontra l-Kumitat tas-Soċjetà tagħna u kontra s-Sindku ta' l-Imqabba, u rriżulta li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' frodi jew miżapproprjazzjoni."*

**Dr. Marse-Ann Farrugia**
*CDF Advocates*

# FrameMaker

*Prop: Christian Caruana*

**FOR ALL TYPES OF FRAMES RELIGIOUS STATUES**

57, St. Catherine Street,
Mqabba

Tel: 2168 3308

# Bibas

Hompesch Rd., Fgura Tel: 21 691269, 21 672896 Fax: 21 802727

Casual Textiles
Ready Made Clothing for all ages
Curtain & Upholstery Fabrics
Bed Linen, Towels & Carpets
Haberdashery
Flag and Banner Material
& Accessories

additional outlets

Bibas ladies fashion
Bibas juniors
Bibas classic & bridal textiles

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS
PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL: 2161 1647, 2164 7235 FAX: 2168 2245**

# Divertiment għall-Familja Kollha

# *Il-Kumpanija Aurora u t-Teatrin fl-Imqabba*

**Kitba ta' Carmen Lia B. Ed. (Hons.), B.A.**



*Il-kumitat ta' Mqabba Aurora Dramatic Company.*
*Ħajr: J. Mizzi*

Lejn is-snin ħamsin insibu numru kbir ta' kumpaniji teatrali fil-gżejjer Maltin, ħjiel tal-ħeġġa teatrali li kien hawn f'dawn iż-żminijiet. Ħafna kumpaniji teatrali kienu assoċjati mal-każini filarmoniċi li kienu b'saħħithom ferm u kont issibhom fil-maġġoranza ta' l-ibliet u l-irħula Maltin. Membri tal-każini filarmoniċi stess kienu jkunu jiffurmaw parti mill-kumpanija teatrali u kienu ħafna l-każini li kellhom is-sala fejn kienu jsiru r-rappreżentazzjonijiet. Wieħed irid jgħid li l-poplu Malti, sew fl-ibliet u sew fl-irħula, kien iħobb jiltaqa' fil-każin tal-banda. Hemmhekk ta' kuljum l-irġiel kienu jiltaqgħu, jitkellmu u jiddiskutu l-ħtiġijiet u l-problemi tar-raħal jew belt kif ukoll tal-pajjiż, u hemmhekk kont tkun taf kif taħsibha n-nies. In-nisa qatt ma kienu jitħallew jidħlu jixorbu u jgħaddu l-ħin f'ħafna mill-każini filarmoniċi. Din is-sitwazzjoni llum qed tispiċċa f'ħafna mill-każini filarmoniċi fejn huwa rikonoxxut il-kontribut li tagħti l-mara u b'hekk qed naraw in-nisa jieħdu parti attiva. Dan ma jfissirx li matul il-ġimgħa naraw in-nisa jixorbu fl-istess każin fejn ikun hemm l-irġiel. Fl-irħula dan għadu jitqies bħala *taboo*.

Sa wara l-gwerra ma kienx hemm teatru jew teatrin fl-Imqabba. Fil-bidu tas-snin ħamsin fil-Każin Re Ġorġ V bdew jiġu kumpaniji teatrali minn postijiet viċin bħas-Siġġiewi u ż-Żurrieq biex jagħmlu xi rappreżentazzjonijiet fil-każin tal-banda stess. Dak iż-żmien kollox kien isir b'mod elementari u sempliċi. Per eżempju, dawn il-kumpaniji ma kellhomx xi grupp mużikali tagħhom u għalhekk il-mużika għall-intervall kienet tindaqq minn fuq id-diski. Però t-teatrini bdew jintlaqgħu tajjeb għaliex dak iż-żmien la kien hemm televiżjoni u lanqas ċinema fir-raħal. Il-mezzi tat-trasport kif ukoll il-finanzi kienu limitati u għalhekk ħafna nies kienu jmorru jaraw dawn it-teatrini fir-raħal stess.

Wara xi żmien beda jinbet it-talent lokali ġewwa l-Imqabba u għalhekk xi membri dilettanti xtaqu li jwaqqfu kumpanija teatrali tagħhom fil-Każin Re Ġorġ V. Bħala riżultat ta' dan, aktarx fl-1953, twieldet l-i*Mqabba Aurora Dramatic Company* li matul iż-żmien dehret f'diversi postijiet f'Malta u Għawdex. L-*Aurora* hija l-ewwel kewkba li tidher fis-smewwiet u forsi kien minn hekk li ħareġ l-isem tal-kumpanija *Mqabba Aurora*. Id-direttur ta' din il-kumpanija teatrali kien Johnny Douglas mill-Isla iżda li fiż-żmien il-gwerra kien joqgħod l-Imqabba u sar partitarju tal-każin ta' Santa Marija. Minbarra li kien id-direttur, Johnny Douglas kien jagħmilha ta' mastrudaxxa wkoll. Kien ipinġi xeni, jlesti affarijiet għal fuq il-palk u kien ta' kull sena jaħdem is-salib ta' l-injam biex jintuża fid-dramm tal-Passjoni. Joseph Sammut kien l-assistent direttur tal-kumpanija u bħala kaxxier kien hemm Emanuel Psaila. L-aħwa Karmnu u Gerald Camilleri kif ukoll Joseph Mizzi kienu lkoll membri fil-kumitat ta' l-i*Mqabba Aurora*. Kien hemm ukoll diversi nies li kienu jieħdu sehem bħala atturi jew bħala daqqaqa.

Il-kumpanija kienet tippreżenta drammi, fares, kummiedji, bozzetti, *vaudvilles*, ilkoll bil-Malti u wara kull rappreżentazzjoni, varjetà ta' kant ġdid. Ta' interess kbir huwa l-fatt li ħafna minn dawn ix-xogħlijiet kienu jiġu maqlubin għall-Malti minn uħud mill-atturi stess jekk mhux ukoll miktubin minnhom. Irrid insemmi wieħed partikolari għax kien fost l-aqwa xogħlijiet li kienet ittella' din il-kumpanija. Dan kien id-dramm tal-Passjoni, kitba oriġinali ta' Anthony Micallef. Dan




*Ir-rappreżentazzjonijiet kienu jsiru fuq palk fis-sala tal-Każin Re Ġorġ V.*
*Ħajr: J. Mizzi*


ISSA Tista` Tirbaħ
Lm 40,000
jew aktar meta taqta'
5 minn 42 numru
SUPER 5
4
42
Hemm ukoll garantita
s-somma ta' Lm10
għal min jaqta' bi tliet numri
3
Tlugħ kull nhar ta' Erbgħa fis-7.15pm.

id-dramm kien isir darbtejn kull sena minħabba d-domanda kbira. Inħadem l-ewwel darba fl-Imqabba iżda mbagħad fis-snin ta' wara sar ukoll f'Ħal Luqa u anke fid-*Deporres Hall*, Tas-Sliema. F'dan id-dramm, fost atturi oħra, kienu jieħdu sehem Charles Sciberras bħala Kristu u Joseph Mallia bħala Nikodemu.

Il-kwalità tad-drammi li l-i*Mqabba Aurora* kienet tippreżenta fuq il-palk kienet waħda għolja. Insibu drammi storiċi bħat-*Tosca*, naturalment maqluba għall-Malti. *Il Barbiere di Siviglia, Rigoletto, Norma* u *Otello*. Insibu drammi oħra, kummiedji soċjali, fares u opri serji fosthom *La Forza del Destino*, *Lucia ta' Lammermoor*, *Iż-Żewġ Surġenti*, *L-Għanja ta' Lourdes* u *Il-Midfun Ħaj*. L-atturi kienu jaħdmu l-parti tagħhom tajjeb ferm u kienu jdaħħlu lill-udjenza fl-ispirtu ta' l-istorja. Mhux l-ewwel darba li fi dramm serju ta' xi tliet atti, kien ikun hemm xi ħadd mill-udjenza, speċjalment min-nisa, li kienet toħroġlu xi demgħa. Il-*vaudvilles*, fosthom *Il-Markiż Tomba* u *Id-Dverna tas-Sejjieda* kienu jkunu sbieħ u milqugħa tajjeb ħafna. Dawn kien ikun fihom ħafna kant bil-Malti fuq mużika ta' operetti popolari. L-ilbies sabiħ u kkulurit u ż-żfin ma kienx jonqos ukoll. Imbagħad il-fares kienu jifqgħu lil kulħadd bid-daħk. Biżżejjed ngħidu li meta Joseph Mizzi kien jidher fuq il-palk bħala kummidjant, l-udjenza kienet tibda tidħak mhux ftit anke qabel ma jkun lissen kelma. Kull lejla teatrali kienet tispiċċa billi l-atturi u l-attriċi tal-kumpanija jkantaw żewġ kanzunetti, bl-Ingliż, bit-Taljan jew bil-Malti. F'kull serata, l-udjenza kienet twieġeb b'applawsi kbar u bi kliem ta' tifħir għall-kumpanija. Fl-aħħar ta' kull programm, il-membri kollha tal-kumpanija flimkien mad-direttur, kienu joħorġu fuq il-palk u jkantaw l-Innu *Mqabba Aurora*, kliem u mużika ta' Leonard Farrugia. Dan l-innu kien jikkonsisti f'dan il-kliem:

*Sejrin intemmu l-programm tagħna*
*Il-għaliex sar ħafna ħin.*
*Nirringrazzjawkom għan-nom tad-direttur*
*Għax bil-preżenza tagħkom lilna għamiltu unur.*



*L-orkestra ta' Mqabba Aurora.*
*Ħajr: J. Mizzi*

*Bl-'Mqabba Aurora' ma tixbgħu qatt*
*Tidħku xi daħka billi taraw*
*Drammi sbieħ serji nippreżentaw*
*U xi makjetta wkoll taraw.*

*Għalhekk kif aħna hawn miġburin*
*Sew sew minħabba li sar il-ħin,*
*Minn qiegħ qalbna nixtiequlkom*
*Il-lejl it-tajjeb lil kulħadd.*

L-istaġun teatrali ta' *Mqabba Aurora* kien jibda minn Settembru u jibqa' sejjer sa Ġunju. Ir-rappreżentazzjoni kienet issir is-Sibt u kienet tibda f'xi s-sitta u nofs ta' filgħaxija u tispiċċa xi l-għaxra u nofs ta' bil-lejl. L-atturi mill-ewwel ħasbu għall-palk u għalhekk sar palk imdaqqas fis-sala spazjuża u sabiħa li hemm fl-ewwel sular tal-każin. Kienet inbniet gallarija ta' l-injam mad-dawra tas-sala tal-każin biex ikunu akkomodati n-nies bilqiegħda iżda kien ikun hemm bilwieqfa wkoll. Hekk kif kien jiftaħ il-*booking* mill-bar tal-każin, in-nies kienet tmur bi ħġarha tixtri l-biljetti biex ma tibqa iddiżappuntata.

Għal xi żmien il-kumpanija teatrali kienet komposta biss minn ġuvintur dilettanti, ilkoll mill-Imqabba. L-impressjoni tiegħi hi li kemm jista' jkun kienu jevitaw partijiet tan-nisa, ħaġa li baqgħet issir anke għal ħafna snin wara. Dak iż-żmien fil-każini tal-baned ma kontx issib ħlief irġiel, speċjalment f'każini ta' rħula bħall-Imqabba fejn ħafna nies kienu jibżgħu mill-għajdut tan-nies. Bħala atturi prinċipali rġiel kien hemm Joseph Sammut li ġeneralment kien ikollu l-parti ta' tirann. Ġerald Camilleri u Ronnie Camilleri kważi dejjem kellhom il-parti ta' amorużi u Joseph Mizzi ta' kummidjant. Charles Sciberras, li għal xi żmien kien president ta' l-istess każin, kien irsista ħafna kemm bħala kantant kif ukoll bħala attur; qrib u aktar tard kien hemm Anthony Micallef. Kien hemm xi ħmistax jew għoxrin ġuvni ieħor li jieħdu xi partijiet żgħar imma essenzjali fid-drammi – partijiet ta' xi pulizjotti, suldati, servi, żeffiena u poplu. Dawn il-ġuvintur kienu wkoll jagħtu daqqa ta' id fit-tlugħ u l-inżul tax-xeni u anke fil-ftuħ u l-għeluq tal-purtiera tal-palk. Fosthom insibu lil Leonard Psaila, Ġiġi Camilleri, Feliċ Camilleri, Nazzareno Sciberras, Ċensu Mangion, Lolly Camilleri, Gianni Galea, Ċensu Zammit, Toni Ellul, George Psaila, Joseph Mallia, Pawlu Ghigo, Albino Borg u oħrajn. Ġieli kienu jinkrew xi atturi minn barra r-raħal biex jieħdu sehem mal-kumpanija u fosthom jissemmew żewġ Bormliżi, Tony Gouder u ċertu Karmenu mlaqqam *Sosa*.

F'xi każijiet ta' bżonn li xi parti tinħadem minn mara, l-għażla kienet taqa' fuq xi attriċi minn barra r-raħal bħal Mary Ripard jew Vitorin Galea, nisa magħrufa ferm fid-dinja



For a professional job in

# Aluminium & Metal works

contact

***Mizzi Joseph***

*give us a call for a free estimate on:*

***Tel: 2164 2955 Mob: 9944 5686, 9982 3971***

Manufacturers of
all types of Aluminium & Iron Works
in different colours

including:

| | |
|---|---|
| Showroom Facades | Handrails |
| Partitioning | Insect Screens |
| Soffit Ceilings | Adjustable Louvers |
| Balconies | |
| and more… | |

*With Competitive Prices*

*Latest Aluminium Profiles Available On Market*



# Ta' Ġienju Garage

*(Prop. Paul Sciberras)*

**Wedding Cars for Hire**

**24 Hour Taxi Service & Mini-Buse for Hire**

Fully Airconditioned



**Office: 62, Valletta Road, Mqabba • Tel: 2168 5731, 2164 1011 • Fax: 2164 7496 • Mob: 9949 0353**



*Waqt serata divertenti.*
*Hajr: J. Mizzi*

tal-palk. Dawn l-attriċi kienu jithallsu ta' xogħolhom.

Il-kumpanija ma kellhiex il-vestwarju tagħha u għalhekk dan kien jinkera minn xi kumpanija teatrali oħra jew minn xi ħwienet li jikru l-ħwejjeġ ta' ċerta epoka.

Biex il-kumpanija tkun kompluta, Rita Tonna kienet tieħu ħsieb il-ħjata, l-ornamenti għar-ras u l-irtokk tat-tfajliet. Id-drapp kien jinxtara minn flus it-tfajliet stess li kienu wkoll jgħinu fil-ħjata tal-ħwejjeġ.

L-atturi u l-attriċi kien ikollhom jiltaqgħu kważi kuljum biex jipprattikaw u jagħmlu l-kunċerti, u s'intendi jistudjaw il-parti li jkunu se jirreċtaw. Ir-reċti kienu jsiru bis-serjetà u dan jidher mis-suċċessi tal-kumpanija stess. Kull darba li l-kumpanija kienet ittella' rappreżentazzjoni f'post ieħor, dejjem kienu jinġabru żewġ *privates* nies biex jakkumpanjaw lill-kumpanija. Dawn tant kienu jieħdu pjaċir li n-nies għadhom sa llum isemmu u jgħidu xi pjaċir kienu jieħdu.

L-ewwel rappreżentazzjonijiet tal-kumpanija jidhru li kienu ntlaqgħu tajjeb ferm. In-nies kienet tmur bi ħġarha għal dawn l-imberkin teatrini iżda madankollu ftit kien jinstab qliegħ wara li jinqatgħu l-ispejjeż kollha. Għalhekk għall-aħħar tal-ħamsinijiet l-assistent direttur Joseph Sammut avviċina lil Mary Mallia, Jane Camilleri u lil Liza Camilleri, tfajliet mimlijin b'talent kbir, biex jibdew jieħdu sehem fid-drammi u l-fares tal-kumpanija. Dawn kienu aċċettaw u b'hekk il-kumpanija ftit ftit ħadet is-sura proprja tagħha. Wara kienu żdiedu l-aħwa Lizzie u Mary Camilleri kif ukoll Mary Gauci. Meta kien ikun hemm bżonn li jidhru xi nisa *extra* fix-xena, kienu jidħlu l-aħwa ta' l-istess attriċi li s-soltu jieħdu sehem.

Il-kumpanija laħqet il-quċċata tagħha meta ngħaqad grupp mużikali bl-isem *Aurora*. Din l-orkestra kienet taħt it-tmexxija ta' Leonard Farrugia li kien jakkumpanja lill-istess atturi u attriċi waqt xi varjetà li kien ikun hemm fl-aħħar ta' kull programm. Dan il-grupp kien jinkludi diversi mużiċisti Mqabbin. Kien hemm Leonard Farrugia jdoqq il-kurunetta, Joseph Farrugia jdoqq il-vjolin, Ġużi Camilleri jdoqq id-*drums*, l-aħwa Mikiel u Ġużepp Zammit idoqqu l-pjanu u l-*accordion*, Joseph Gauci jdoqq il-kitarra u Nazzareno Galea jdoqq is-saxophone. Ġieli wkoll akkumpanja bl-*accordion* Nikola Galea (ħu Nazzareno). It-tfajliet kienu jieħdu ħsieb jixtru l-mużika ta' kanzunetti popolari u Leonard Farrugia kien jieħu ħsieb jagħżel il-kantanti.

Għat-tfassil tax-xeni u l-pittura tax-xenarju, il-kumpanija *Mqabba Aurora* kellha lil Nazzareno Baldacchino. Is-*sound effects* għal waqt il-programm kien jieħu ħsiebhom id-direttur bl-għajnuna ta' xi oħrajn, u kienu jsiru minn kamra ma' ġenb il-palk li kienet isservi wkoll bħala *dressing room* għall-irġiel. In-nisa kienu jieħdu ħsieb jiktbu l-partijiet ta' kull attur separatament.

Fil-bidu, bħala suġġerituri kien hemm Giuseppe Ghigo, George Busuttil, Maria Magri née Mallia u Lisa Buttigieg née Camilleri. Mill-1956 'il quddiem bħala suġġeritur, il-kumpanija kellha lil Anthony Micallef mis-Siġġiewi iżda li kien jgħallem fl-iskola primarja ta' l-Imqabba.



*Mqabba Aurora fin-Nadur, Għawdex, fl-1956.*
*Hajr: G. Camilleri*

Din il-kumpanija Mqabbija kienet tagħmel unur lir-raħal. Harġet taħdem ukoll barra mill-Imqabba fosthom fin-Nadur, Għawdex, bid-dramm *Genoveffa* li kien sar fl-iskola tal-Gvern; fl-Oratorju ta' Ħal Luqa bil-*vaudville* id-*Dverna tas-Sejjieda*, f'Ħal Kirkop, fis-swali parrokkjali tal-Gudja u taż-Żurrieq, fl-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù l-Mosta, fil-każin tal-banda tar-Rabat, fl-iskola tal-Qrendi u anke fl-Ingiered, illum Ħas-Serħ. L-i*Mqabba Aurora* ħadet fama tajba ħafna ma' Malta kollha u ħadet sehem f'konkorsi ta' kanzunetti fir-Rabat u anke f'konkors ta' xogħlijiet teatrali fis-sala tal-knisja ta' l-Imġarr. Il-kumpanija dejjem ħarġet sodisfatta bir-riżultati li kienet tieħu. Kull darba li l-kumpanija kienet

# COMBINED TRADES CENTRE

SALJATURA STREET, MQABBA

(wara Celest il-Mechanic)

Fejn issibu: varjeta ta' għodda fosthom

Welding Sets, Battery Chargers, Boosters, Tapes & Dies

Metric, UNF, UNC.

High Pressure Washers, Pompi ta' l-ilma għad-dar

Boldijiet B.S.W., B.S.F., U.N.F., M.M.

Kiri ta' Chaser Speċjali għat-tħaffir tat-trinek tal-kanen tad-dawl.

Ħinijiet tal-ftuħ: Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mill-4.00 - 7.00p.m.

Is-Sibt mit-8.00a.m. - 12.30p.m.

# ĦAĠAR QIM

*Bar & Restaurant*

Prop. J. Cini

Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb

għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.

Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)



# VIERGE

Unisex Hair Salon *by Sonia*

## The Salon for a New Look

**St. Innocent Street, Mqabba**

*For Appoitment Call:*

Tel: 2168 3175

Mob: 7920 8040

*Opening Hours:*

Mon: Closed

Tue, Thur, Fri & Sat: 9am - 7pm

Wed: 9am - 2pm



*Is-Sur Charles Sciberras jippreżenta.*
*Ħajr: J. Mizzi*

tmur taħdem reċta post ieħor, dejjem kienu jinġabru xi żewġ *privates* nies biex imorru ma' l-atturi.

Din l-Għaqda Teatrali *Aurora* baqgħet attiva fiż-żmien diffiċli ferm għall-każin, peress li l-festa tal-parroċċa ma kinitx issir fis-snin ħamsin minħabba kwistjoni mal-Kappillan Dun Ġerald Mangion dwar ir-reffiegħa ta' l-istatwa ta' Santa Marija waqt il-purċissjoni f'jum il-festa tagħha. Din l-Għaqda Teatrali kellha importanza kbira għax biha u permezz tagħha l-każin tal-banda żamm l-eżistenza u l-popolarità tiegħu man-nies tar-raħal u b'hekk ma sfaxxax fix-xejn. Jidher ukoll li dan it-teatru jew/u teatrin fl-Imqabba kien wieħed mill-akbar attività soċjali li baqgħet għaddejja għal madwar seba' snin sħaħ. Kien mod onest kif l-Imqabbin kienu jallegraw lin-nies tar-raħal stess. Għalhekk kienet verament ħasra li din il-kumpanija sfaxxat fix-xejn fi tmiem is-sena 1962 għax ħafna nies għadhom jiftakruha b'ċertu nostalġija. Xi wħud meta intervistajthom qalu li kienu jieħdu pjaċir immens f'dawn it-teatrini u xi wħud bdew ukoll ikantaw l-innu.



*Id-dramm tal-Passjoni.*
*Ħajr: G. Camilleri*

Ir-raġuni prinċipali għalfejn żarmat din il-kumpanija tidher li kienet l-emigrazzjoni. Lisa Buttigieg spjegat hekk it-tmiem tal-kumpanija: *Dnub li l-kumpanija sfaxxat. Dan ġara minħabba li l-biċċa l-kbira ta' l-atturi prinċipali u anke tal-grupp mużikali u anke Rita Tonna, il-ħajjata, siefru għall-Awstralja. Dan kellu jkun id-destin ta' l-iMqabba Aurora u għalhekk b'dispjaċir ikolli ngħid li l-iMqabba Aurora kellha tieqaf għal kollox fi tmiem 1962.*

## Is-Song Contest ta' l-1960

Fis-sena 1960 il-każin tal-Banda King George V fakkar il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tiegħu bħala każin soċjali b'festa sabiħa. Dak iż-żmien il-festa esterna ta' Santa Marija ma kinitx issir.



*Is-song contest ta' l-1960.*
*Ħajr: C. Sammut*

It-*Times of Malta* ta' dik is-sena kitbet hekk dwar dan:

*The Feast of the Assumption – known as Santa Marija – has always been a popular feast in the Maltese Islands. There are eight parishes in Malta and one in Gozo, and the Gozo Cathedral dedicated to the Assumption, Attard, Dingli, Għaxaq, Gudja, Mġarr, Mosta, Mqabba and Qrendi, and Żebbuġ in Gozo. The feast will be celebrated today in all the above-mentioned parishes with the exception of Dingli and Mġarr in Malta and Żebbuġ in Gozo which celebrate the feast next Sunday. At Mqabba, there will be only internal festivities.*[1]

Għalhekk, il-każin organizza xi festi li bdew il-Ġimgħa s-16 ta' Settembru ta' l-1960 fis-6.30 ta' filgħaxija u komplew sal-Ħadd 18 ta' Settembru meta l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Isqof Emanuel Galea, Vigarju Ġenerali, bierek lapida kommemorattiva fil-każin.[2]


JB
STORES
JB STORES L-Iklin Road, Lija
Tel: 21437312/3, 21435537, 21425491
Fax: 21435475
JB CARPETS Ponsomby Street, Mosta
Tel: 21437506 Fax: 21437507
FASHION fabrics
Home Textiles and Carpets
HABERDASHERY & ACCESSORIES
Home Styles
Ready Made Garments
Curtains & Furnishings
Shoe Stores
Wall to Wall Carpeting

Il-Ġimgħa 16 ta' Settembru kien organizzat *song contest* għat-talent lokali, organizzat mill-kumpanija *Mqabba Aurora* li sar fis-sala tal-każin stess. Ħadet sehem l-orkestra *Aurora* tal-każin tal-banda taħt it-tmexxija ta' Leonard Farrugia u li kienet akkumpanjata fuq il-pjanu minn Mary Flores. Is-sala kienet imballata bin-nies li f'dik il-lejla kienu ħadu pjaċir tassew. Il-*judges* kienu Mro. George Martin A. (Mus.) L.C.M. u s-Sinjorina Victoria Briffa. Kien preżenti wkoll il-Kappillan Dun Ġerald Mangion li fl-aħħar qassam il-premjijiet. L-ewwel premju ħadu Ronny Camilleri bil-kanzunetta *Ue, Ue che femmina*; it-tieni premju ngħata lil Mary Mallia li kantat *Splende l'Arco Baleno* u t-tielet premju ngħata lil May Gauci li kantat *Falling in Love With You*. Kien hemm tazza għar-rebbieħ jew rebbieħa. Din it-tazza ngħatat lill-kumpanija *Aurora* minn Emanuel Buttigieg, illum is-Sindku tar-raħal u li dak iż-żmien kien għadu joqgħod il-Ħamrun. Il-konkorrenti rebbieħa min-naħa tagħhom irregalaw it-tazzi li rebħu lill-każin biex jinżammu bħala tifkira. Il-kappillan ippreżenta wkoll rigali lill-*judges*. Is-Surmast Martin ingħata kartiera tas-sigaretti tal-fidda, waqt li s-Sinjorina Victoria Briffa ngħatat sett magħmul minn ġiżirana u par imsielet kif ukoll *juke box* żgħira forma ta' pjanu. Fit-tmiem is-serata Victoria Briffa u l-kompetituri kantaw kanzunetti oħra.

[1] *Times of Malta*, Monday, 15th August, 1960.
[2] *Il-Berqa*, Il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru, 1960.

Ringrazzjament lil Lisa Buttigieg, Anthony Micallef, Ġiġi Camilleri u lil Joseph Mizzi (illum mejjet) għal ħafna mill-informazzjoni u għar-ritratti li silfuni.

## Xi Tifkiriet dwar it-Teatru/Teatrin

**Anthony Micallef:**

Kien fis-sena 1956 meta ltqajt mas-Sur Charles Sciberras waqt li konna t-tnejn ngħallmu fl-Iskola Primarja ta' l-Imqabba. Is-Sur Sciberras kien President tal-Każin King George V u kien jieħu sehem ferm attiv fil-kumpanija teatrali *Aurora* li kienet fergħa mill-organizzazzjoni tal-każin tal-Banda King George V. Charlie kien attur u anke kantant fil-kumpanija teatrali... Diversi nies kienu jieħdu sehem... insemmi fosthom lil Żużu Sammut... Hu kien il-*factotum* tal-kumpanija *Aurora*. Is-Sur C. Sciberras sar jaf li jiena kont dilettant ħafna tat-teatrin u kien stedinni sabiex ningħaqad magħhom bħala suġġeritur... Qabli kienu qed jissuġġerixxu Mary née Mallia u Liza née Camilleri, illum il-mara tas-Sindku s-Sur Emanuel Buttigieg. Fl-istess ħin dawn kienu wkoll atturi u kantanti fl-Għaqda. Għadd kbir ta' nies oħra ħadu sehem mal-kumpanija *Aurora*.

**Lisa Buttigieg:**

Il-kumpanija kienet talbet ftit ta' l-apprezzament lill-Kumitat Eżekuttiv tal-każin, biex bħala gratitudni lil min kien qed jaħdem it-teatrin, isir speċi ta' *party* żgħir fi żmien il-Milied. Però din it-talba ma ġietx milqugħa. Għalhekk fis-26 ta' Diċembru 1959 il-membri rġiel ftiehmu u għamlu *Christmas Party* bi flushom għall-membri kollha ta' l-i*Mqabba Aurora*. Kulħadd ħa pjaċir ħafna.

Il-profitt li kienet tagħmel il-kumpanija teatrali *Mqabba Aurora* kien imur għall-każin. Fil-fatt bil-flus li daħħlet il-kumpanija nxtraw numru kbir ta' siġġijiet li kienu jservu għall-udjenza. Dawn is-siġġijiet jew parti minnhom għadhom jeżistu fl-istess każin. Il-kamra tal-*billiard* inbniet bil-flus li daħħlu bit-teatrin u l-bqija ngħataw lill-każin u għall-festi ta' Santa Marija ta' kull sena.

**S & L IMP/EXP Ltd.**

"Wilġa Store", Wilġa Street, Luqa, LQA 02 Malta
Tel: 2189 7912 Fax: 2169 0685



Timber & Plywood Importers
D.I.Y.: Electrical & Plumbing
Building Materials
Tools

die ECKE

Mons. M. Azzopardi Street, Siġġiewi
Tel: 2146 3403

Seven










Enjoy shopping at ***die Ecke***

*You can find a large selection of:*

BOOKS, MAGAZINES, CARDS, STATIONERY,
EDUCATIONAL TOYS, SOFT TOYS, PLAY STATION GAMES
HI-FI, WATCHES, HOUSEHOLD AND GIFTS.

mita®

Your **PHOTOCOPYING** and **BOOK BINDING** services are also offered at **die Ecke**

*Also in stock* GARDEN FURNITURE, BAR-B-QUE SETS,
PICNIC COOLERS, UMBRELLAS and CHARCOAL.




***DISCOUNT*** ALL THE YEAR ROUND

***We offer these Services***

***Photocopying, Book Binding, Passport Photos, Film Developing & Quick snap Photos***

# C&G Hardware Store

(Julian Camilleri)

*Fejn isisbu:*

**Power Tools u Aċċessorji...**
**Varjetà ta' Fittings tad-Dawl u Ilma, Aerials...**
**Injam, Siment, Kolla tal-Madum, Kolla tal-Grouting...**
**Safety Shoes u Ilbies Protettiv...**
**Barbeque Sets u Għamara tal-Ġnien...**
**Katusi tad-Drenaġġ...**
**Tankijiet ta' l-Ilma, Stainless Steel Sinks, Geysers...**
**Materjal għall-Kisi u Fuq il-Fil...**
**Affarijiet utili għad-Dar u għall-Kċina...**
**Kull Tip ta' Żebgħa...**

***5,000 Paint Colours to Choose & Mix***
***10% Discount on Paints and Power Tools***

**45, Triq Karmenu Ciantar, Mqabba • Tel: 2168 3166 • Mob: 9988 5491**


A complete range of Services executed with years of experience in Travel
AIR & SEA TICKETS
HOTEL ACCOMMODATION
GROUP TOURS
COACH HOLIDAYS
INSURANCE
and all your travel requirements.
BSL
BRITANNIA TOURS
173, Melita Street, Valletta.
Tel. 238039, 245418
Lic. E/5
IATA


TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry
As FARSONS AGENTS and Wholesalers, we stock a large selection of Wines, Spirits and Alcholic Beverages together with a variety of Snacks, Confectionery, Tobacco Products, Soft Drinks, Mineral Water, Juices and Mixers.
Ice Cubes & Flakes
FREE DELIVERIES
OPENING HOURS:
Mon - Fri: 8.00 am - 7.00 pm
Sat: 8.00 am - 1.00 pm
TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry
Vincenzo Ciappara Street, Rabat. Tel: 21 454876, 21 459925 • Fax: 21 451079

# PET CARE

*Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba, sustanzi eċċ.*
*Għall-pets mediċini għall-annimali kollha.*
*Ġwies u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,*
*ħniex ta' Limperjal ta' barra u reels,*
*qasab, snanar u swivels u*
*kaxxa tal-plastic tas-sajd, eċċ.*
*Lanza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful, eċċ.*

**Qrendi Road, Żurrieq   Tel: 2164 9727**

MED LENS
OPTICAL CLINIC




**Sunglasses by CORNING OPTICS**

## OPTICIANS
## CONTACT LENSES
## SPECTACLES

Large range of the very latest designer brands spectacle frames and sunglasses, full range of contact lenses including sterilising of all types of contact lenses. Tinting and anti-reflective coatings. Special hard coating of plastic lenses to avoid scratching.

24 hour service on most prescription lenses including photochromatic lenses.

*So why not drop in or give us a call on*
**Sliema Road, Gżira GZR 04 Tel: 2131 5730**
**55, New Street, Luqa LQA 02 Tel: 2167 3238**

***EYE SPECIALIST IN ATTENDANCE***

# A. Ferriggi

## Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 65, Triq Ġużè Abela, Żejtun.
Tel: 2167 3719 Mobile: 9947 5154

TIFKIRA

# Mro. Chev. George Martin

*A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.*

**Kitba ta' Joseph Farrugia**

Fil-Programm Festa Santa Marija 1997 deher profil mill-pinna tas-Sinjura Joyce Guillaimier fejn tatna espożizzjoni mill-isbaħ dwar il-ħajja ta' l-għażiż missierha, Mro. Chev. George Martin. Minħabba żviluppi ġodda xtaqt li, waqt li nsemmi punti saljenti fuq l-attivita ta' dan is-surmast, inżid dak li segwa l-mewt tiegħu.

Il-qawl *il-ġurnata turi minn filgħodu* jgħodd sew għas-Surmast Martin. Wara li ta' 8 snin ħareġ idoqq il-kornu mal-Banda Sengleana Queen's Own beda jistudja għand Pro. Mro. R. Caffarelli. Bħala bandist kien imfittex għal servizzi ta' bosta baned. Studja għand Mro. Carmelo Pace u fl-1950 resaq għall-eżami u għadda bl-unuri għad-Diploma A. Mus. L.C.M. Fl-1943 iżżewweġ lis-Sinjorina mill-Birgu Connie Coleiro u kellhom ħames ulied, Joyce, Norman, Marija li mietet tarbija, Charlie u Alfred.



*Mro. Chev. George Martin ma' martu Connie fil-jum tat-tieġ.*

Karigi: Assistent Surmast mal-Banda Duke of Connaught,
Surmast/Direttur tal-Banda Vilhena
Surmast/Direttur tal-Banda San Leonard (1952-1972) u
Surmast/Direttur tal-Banda Re Ġorġ V (1956-1991).

B'għarfien għal hidmietu fil-qasam mużikali Mro. Martin ġie maħtur fl-1974 Kavallier de Grazzia ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalem; kien membru tal-*Performing Rights Society* u ismu hu rreġistrat fid-*Dictionary of International Biographies*.

Mill-volum kbir ta' mużika mill-pinna ta' Mro. Martin insibu żewġ innijiet kbar li se jibqa' mfakkar għalihom. L-ewwel kiteb l-*Innu lil San Leonard Abbati* (1960). L-ieħor, *Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema* ġie miktub għas-Soċjetà Santa Marija. Dan l-innu ta' madwar 20 minuta ndaqq l-ewwel darba nhar it-13 ta' Awissu 1963 mill-Banda Re Ġorġ V diretta minnu. Ħadu sehem it-tenur France Frendo u l-baritonu Joe Bezzina ma' kor ta' tfajliet mis-Soċjetà Santa Marija mgħallma mill-Assistent Surmast is-Sur Leonard Farrugia. F'nofsinhar ta' jum il-festa, l-innu u sett marċi – *recording* tal-Banda Re Ġorġ V – ġew imxandra minn fuq ir-Redifussion. Filgħaxija l-innu ġie esegwit mill-Banda Queen Victoria. Dan l-innu jindaqq kull sena waqt il-purċissjoni meta l-istatwa ta' Santa Marija tasal ħdejn il-każin u f'okkażjonijiet speċjali ad unur ta' Marija Assunta.



*Il-Banda Queen's Own.*
*George Martin jidher fl-ewwel ringiela t-tielet mil-lemin.*

L-aħbar tal-mewt ta' Mro. Martin ħasdet lil kulħadd. Bi ftehim mal-familja, is-Soċjetà Santa Marija organizzat il-funeral fl-Imqabba nhar it-Tlieta, 26 ta' April 1991 fit-tmienja ta' filgħodu. Meta l-funeral wasal Diamond Jubilee Square, il-Banda Re Ġorġ V, kif xtaq is-Surmast, laqgħetu bil-marċ brijuż tiegħu *L-Ommna Marija*. Il-korteo kompla b'marċi funebri minn Triq Santa Katerina għal Misraħ il-Knisja. Quddiem il-każin


FGP
The Garage Door People
We supply ALL types of doors in PVC coated and galvanised steel and AUTOMATE them with REMOTE CONTROL, MAGNETIC KEY and CARD ACCESS systems
FGP LIMITED - GARAGE DOORS & ROLLER SHUTTERS
49, VALLETTA ROAD, LUQA LQA 05 TEL: 2166 7107-8, 2167 3627 FAX: 2167 5384


Green Supplier Ltd.
Flower & Plants Growers
Director: Wigi Micallef
PANORAMA BAR
FROM MOSTA
† Church
TO MOSTA
FOOTBALL CLUB
WATER PUMP
WE ARE HERE
FROM NAXXAR
Mdawra Road,
Burmarrad, SPB 08 - Malta
Tel: (+356) 2157 1428,
Res: (+356) 2157 9690
Valletta: 2122 4887
Fax: (+356) 2157 4879
Mobiles: 9947 2401 Sales: 9949 8316

ingħata salut u kompla bis-servizz funebri fil-knisja parrokkjali. Id-difna saret fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata b'forma privata. Bl-approvazzjoni tal-familja l-fdalijiet ta' Mro. Martin ġew trasferiti għall-qabar tas-Soċjetà Santa Marija fiċ-ċimiterju ta' Ġesù Nazzarenu nhar id-19 ta' April 1997.

Is-Sinjura Connie Martin, li kienet tkun magħna kull festa, gawdiet nhar Santa Marija 1997 sa tard bil-lejl. Fis-sigħat bikrin ta' l-għada l-Mulej għoġbu jsejjħilha għat-tgawdija eterna. Kif kien xieraq, il-fdalijiet tagħha ġew ukoll trasferiti nhar it-28 ta' Frar 2000 mill-Addolorata biex jistrieħu fl-istess qabar tal-maħbub żewġha, Mro. George Martin. B'hekk, din il-koppja wild il-Kottonera, tinsab miżmuma b'għożża fl-Imqabba, ir-raħal li tant ħabbew.

L-aħwa Martin, b'għarfien ta' l-istima li s-Soċjetà Santa Marija dejjem tat lil missierhom u 'l ommhom, waqqfu fi ħdan is-Soċjetà l-fondazzjoni Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M., O.S.T.J. biex ikun ippreżentat kull sena lill-membru nnominat mill-kumitat li, fil-fehma ta' l-istess kumitat, ikun iddistingwa ruħu bħala *L-Attivist tas-Sena*.

**Ħajr:** Lis-Sinjura Joyce Guillaumier u s-Sinjur u s-Sinjura Norman Martin, ulied Mro. George u s-Sinjura Martin, għall-informazzjoni u għajnuna.





26, "Margaret"
Triq. Mazzepol Square,
Qormi, QRM 04
12 t' Awwissu, 2001

Segretarju,
Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V,
Mqabba.

Sinjur,

Trofew Chev. George Martin
A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.

Nixtieq nirringrazzja lill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija għar-rakkomandazzjoni li ġentilment għoġobhom jagħmlu għat-Trofej Chev. George Martin waqt li nuri apprezzament lill-familja Martin, fundatriċi, għall-preżentazzjoni





# L-Attivist tas-Sena

## *(Trofew Chev. George Martin)*

### mill-Kumitat

Għat-tieni sena konsekuttiva, fuq inizjattiva tal-familja Martin ġie onorat l-attivist tas-sena. Dan il-premju jingħata lil dak/dik li b'xi mod ikun iddistingwa ruħu għall-ħidma tiegħu matul is-sena. Għas-sena 2001 kien imiss lis-Sur Joseph Farrugia. Joseph, ex-president ta' l-istess Soċjetà, għadu ferm attiv fis-Soċjetà kemm fil-qasam letterarju kif ukoll f'dak mużikali. Fil-fatt f'din l-istess pubblikazzjoni nsibu għadd ġmielu ta' artiklu li ħarġu mill-pinna tiegħu. Artikli li jqanqlu memorji u nostalġija lil dawk xi ftit anzjani u ta' interess kbir lil dawk ta' età iktar żgħira. Minbarra li Joseph huwa involut fil-qasam letterarju, baqa' jħobb ukoll il-mużika u l-banda. Nistgħu ngħidu li bis-saħħa tiegħu, il-Banda Re Ġorġ V akkwistat għadd ġmielu ta' mużika sagra u innijiet Marjani. J'Alla fil-futur ikollna aktar kontribuzzjonijiet bħal dawn min-naħa tas-Sur Joseph Farrugia, u niehdu l-opportunità sabiex nerġgħu nifirħulu ta' dan l-unur meritat.



*Is-Sur Joseph Farrugia jidher jirċievi r-rikonoxximent 'L-Attivist tas-Sena'*

# Valentina Hair Care
# Unisex Salon

Mqabba - Tel: 2164 0215

*by joanne* A young qualified professional hairdresser offering all you need in




Opening Hours
Monday Closed
Tuesday to Sunday: 9.00am to 5.00pm
For an appointment phone: 2164 0215

- Child cut
- Men cut
- Men wash/cut/rinse
- Women cut
- Women sh. wash/cut/blow/dry
- Women short blow dry
- Women long blow dry
- Colour roots
- Colour whole head
- Straightening short
- Straightening long
- Hair treatment
- Cap lights
- Foil lights short
- Foil lights long
- Up styles
- Perms



SOUTHERN FRIED
Lip Licking Flavour
# Chicken

**For the Best Southern Fried Chicken in Malta**
**available from**

**B'Kara M'Scala B'Buġa Ħamrun**

# Il-Missirijiet tal-Knisja u l-Assunta

**Kitba ta' Joe Chetcuti**



Fiż-żminijiet tal-lum qed isiru aktar sforzi ekumeniċi biex ir-rwol tal-Verġni Mbierka Marija, fid-diversi knejjes u denominazzjonijiet, ikun aktar magħruf. Għal dan il-għan qed isiru aktar diskussjonijiet bejn il-kattoliċi u d-diversi denominazzjonijiet protestanti. Ġeneralment, dawn id-diskussjonijiet jiffokaw fuq il-Vanġeli u fuq il-ktiba li ħallewlna s-Santi Padri (il-Missirjiet tal-Knisja) dwar il-Madonna.

Il-kitba l-aktar bikrija dwar il-Madonna, barra fl-Iskrittura Mqaddsa, insibuha fl-opri ta' San Ġustinu Martri u San Irinew. Dawn iż-żewġ Missirijiet tal-Knisja tkellmu dwar il-paralleliżmu, jew aħjar, dwar il-kuntrast li jidher ċar bejn l-ewwel mara ta' l-Antik Testment, Eva, u l-ewwel mara tal-Ġdid Testment, Marija. Dan il-kuntrast juri l-aspett negattiv ta' Eva mqabbel ma' l-aspett pożittiv ta' Marija fl-istorja ta' l-umanità.

L-Appostlu San Pawl diġà kien għamel l-istess ħaġa meta qabbel lill-ewwel raġel, Adam, ma' Adam il-ġdid, jiġifieri Kristu. Is-Santi Padri bnew l-argumenti tagħhom dwar Eva l-qadima u Eva l-ġdida fuq l-argument ta' San Pawl. Nistgħu ngħidu, li mill-kitba u t-tagħlim ta' San Ġustinu u San Irinew bdiet it-teoloġija, id-duttrina, Marjana.

Naturalment, l-ewwel konsiderazzjoni dwar il-Madonna kienet jekk il-Verġni Mbierka kinitx *Theotokos* (Omm Alla). Din id-domma, l-ewwel waħda fost it-tliet dommi Marjani, ġiet ipproklamata mill-Konċilju ta' Efesu fis-sena 431. Imma sa ma ltaqa' l-Konċilju ta' Efesu, kien sar bosta u bosta tagħlim u tagħrif mis-Santi Padri dwar il-Madonna.

Wieħed mill-eqdem Santi Padri kien San Injazju ta' Antijokja (bejn is-sena 100 u 107 W.K.). Dan ħadha qatta' bla ħabel kontra l-ereżija tad-Doċeti li kienu jiċħdu li l-Verġni Marija kienet Omm Alla, għax huma kienu jsostnu li Ġesù ma kienx bniedem bħalna, ġisem u ruħ ta' bniedem; kien fantażma, u allura l-Madonna mhix Omm Ġesù! Madwar is-sena 250, il-wisq imsemmi Origene ta' Lixandra kiteb serje ta' omeliji dwar il-Vanġelu ta' San Luqa. Issa, San Luqa huwa l-kittieb *per eccellenza* dwar il-Madonna. Origene saħaq fuq li saħaq dwar il-maternità divina tal-Madonna.

Origene kien mill-knisja tal-Lvant. L-istess għamel Tertuljanu li bejn wieħed u ieħor kien jgħix fl-istess żmien ta' Origene, imma fil-Knisja Latina tal-Punent. Dan ukoll iffoka dwar in-natura doppja ta' Ġesù (Alla u bniedem), bil-konsegwenza li l-Madonna hija Omm Alla.

Milli jidher, id-diskussjonijiet tas-Santi Padri dwar l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem ma bdewx qabel is-seklu 6. San Girgor ta' Tours li beda jippriedka dwar l-Assunta f'dan is-seklu (Lib. de Glor.Mart. C4). L-istess għamel San Idelfonzu, dejjem fil-Knisja tal-Punent (Setrm. 6. de Assumptione). Fis-seklu 7, l-għaref Andrea ta' Kreta ukoll kiteb omeliji ta' tifħir għat-tlugħ glorjuż ta' Marija fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem (Or.2, de laudibus Assumptae Virg. p132).

Forsi xi ħadd isaqsi: "Imma għaliex id-duttrina dwar l-Assunta bdiet tiġi pproklamata xi ftit aktar fl-era Kristjana, kemm fil-Knisja tal-Lvant kif ukoll fil-knisja tal-Punent?" Ir-risposta hi waħda sempliċi u ovvja. It-Tlugħ tal-Verġni Marija bir-ruħ u l-ġisem fis-sema qatt ma ġie kkontestat. Ma jidhirx li kien hemm xi kontroversi kbar dwar l-Assunzjoni.

Sa mill-bidu nett tat-Tradizzjoni Appostolika, l-insara kienu jżommu t-tagħlim sod li Alla l-Imbierek irxoxta l-ġisem ta' Marija wara tlett ijiem li Hi kienet mietet, u dan il-ġisem glorjuż tagħha ġie meħud fis-Sema bi privileġġ speċjali u singulari permezz ta' l-anġli.

L-insara minn dejjem kienu jemmnu bil-kbir li dak il-ġisem sagru ta' Marija, li fih tnissel ~~u tlaħham~~ l-istess Iben ta' Alla, ma seta' qatt iġarrab il-korruzzjoni u jara t-taħsir bħalma jġarrab il-ġisem tal-bnedmin l-oħra kollha tad-dinja.

Għandna nifhmu li din ukoll kienet ir-raġuni li d-domma ta' l-Assunta damet daqshekk ma ġiet ipproklamata. Fil-fatt, id-Domma ta' l-Assunta ġiet ipproklamata ftit aktar minn ħamsin sena ilu, fl-1 ta' Novembru 1950.

Madankollu, biex inkunu għedna kollox, tajjeb li nsemmu li kien hemm żmien meta nqalgħet daqsxejn tal-polemika, speċi ta' kontroversja, jekk il-Madonna mititx tassew jew sempliċi raqdet (*dormitio*). Fost xi wħud li kienu jżommu din l-aħħar teżi, insemmu lil San Epifanju, wieħed mill-Missirijiet tal-Knisja. Dan il-qaddis isostni li l-Madonna ma mititx.

Raqdet għal tlett ijiem u f'dan l-istat ta' rqad tpoġġiet fil-qabar. Wara tlett ijiem, Hi qamet u ġiet meħuda fis-Sema bir-ruħ u l-ġisem (S. Epiph. haer I XXVIII c. 11 u XXIII pp 1034-1035). Naturalment, xi marjoloġisti oħra jsostnu li l-Madonna mietet tassew (*La Ġesù miet tassew, Ommu Marija mietet ukoll*). Imma polemika żgħira bħal din, bl-ebda mod ma teħodha kontra, jew iċċajpar kemmxejn it-twemmin sħiħ, twemmin sod u kostanti, li l-Verġni Mbierka, Marija Santissima, ġiet mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem.


St. Mary Fireworks Group - Mqabba
Santa Maria Convoy Simulation
SPECTACULAR
FIREWORKS
SHOW
Mqabba – 14th August, 2002
9.45pm
DAY FIREWORKS Show
15th August, 2002 @ 7.15pm



# Messaġġ mill-Kamra tan-Nar

**Joseph Camilleri Licensee**

Għeżież Soċji u Partitarji,

Insellmilkom. Għaddiet sena oħra u qed nerġa' nwasslilkom fi djarkom, permezz ta' din il-pubblikazzjoni ferm mistennija minnkom, tagħrif dwar x'ħejjiet il-kamra tan-nar din is-sena għall-festa tant għażiża u popolari, il-festa ta' Santa Marija.



*Ritratt meħud mill-ajru tal-post tan-nar.*

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u bħas-snin preċedenti jekk Alla jrid għandna programm pirotekniku kbir imħejji għalikom. Għadna niltaqgħu man-nies li bħalna huma dilettanti tan-nar u jsemmu l-wirja li offrejna matul il-jiem tal-festa tas-sena l-oħra, b'mod speċjali f'lejlet il-festa. Tifhmu li huwa ferm diffiċli li ta' kull sena tipproduċi dak li jagħmel id-differenza sabiex iżżomm dejjem livell hekk għoli. S'issa naħseb li nżamm dan il-livell u permezz tal-programm pirotekniku li għandna mħejji għal din is-sena, ninsab persważ li għal darba oħra se noffru spettaklu uniku.

Appena għaddiet ġimgħa mill-festa tas-sena l-oħra, fassalna programm għal matul is-sena u bdiet il-ħidma bi grupp ta' nies ferm ħabrieka. Programm li bħas-soltu jiftaħ fid-9 ta' Awissu bil-ħruġ tal-vara fuq iz-zuntier li fost l-oħrajn jinkludi murtaletti bil-logħob, blalen, sfejjer, beraq pront, murtali tal-kulur, kaxxi infernali tal-bomba u tal-kulur, nar ta' l-art, ftuħ tal-bebbux u xi sorpriżi oħra ġodda. Bħal snin oħra, il-qofol jintlaħaq lejlet il-festa permezz tax-*show* ta' nar sinkronizzat mal-mużika li jitħaddem permezz ta' *panel* magħmul mill-istess Għaqda tan-Nar. Minbarra dan kollu jekk Alla jrid din is-sena għal nhar il-festa, minbarra l-murtaletti kbar bil-logħob, se nassistu wkoll għal kaxxa infernali fil-ħruġ li se tkun akkumpanjata minn diversi settijiet ta' baraxxijiet u se tkun simili għax-*show* ta' lejlet il-festa.



*Pauline Farrugia – waħda mill-ftit nisa li jaħdmu n-nar ġewwa Malta.*

Bħalma tistgħu taraw din is-sena sar ħafna xogħol li żgur ma kienx ikun possibbli li ma kienx għal koordinament u l-kollaborazzjoni tal-membri kollha fi ħdan din l-Għaqda. Membri li ġejjin minn kull settur tal-ħajja, saħansitra membru attiva Ms. Pauline Farrugia li qiegħed tistudja fl-Università ta' Malta u li taħdem ġewwa l-kamra tan-nar u tagħmel il-murtali tal-beraq pront. Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil sħabi kollha li jaħdmu n-nar u lill-familji tagħna tas-sagrifiċċji li jagħmlu għalina sabiex inkunu nistgħu nippreparaw dawn l-ispettakli kbar matul is-sena. Nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li tawna kemm għajnuna manwali kif ukoll finanzjarja u li ċertament mingħajr il-kontribut tagħhom ma kienx jintlaħaq il-livell mixtieq. Il-materjal dejjem jogħla fil-prezz u l-ispejjeż dejjem jikbru, għaldaqstant nitlobkom sabiex għal darb'oħra tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom. Hawnhekk nieħu l-opportunità biex f'isem l-Għaqda tan-Nar nirringrazzja lil min ħa ħsieb l-arbular tan-nar, lis-sidien ta' l-għelieqi li nużaw ir-raba' tagħhom waqt il-ħruq, lill-Kumitat Eżekuttiv, lill-i*sponsors* u lil dawk li jgħinu permezz tad-donazzjonijiet tagħhom. F'isem il-membri ta' l-Għaqda tan-Nar, nixtieq il-festa t-tajba lis-Soċji, partitarji, benefatturi, lill-Imqabbin kollha u lill-eluf li jżuruna matul il-jiem tal-festa. Però l-aħħar u l-ikbar grazzi tmur lil Ommna Marija li bħal dejjem tkun lesta b'idejha miftuħa sabiex teħlisna minn kull tiġrib.

Grazzi ta' kollox Sultana ta' l-Univers Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabba. Żomm idejk fuqna u ħarisna tul ħajjitna kollha.

# La Gatta

**Women & Men's Wear**
**Teenage Look**

## EXPLOSIVE LINGERIE

**for Male & Female**

*Mqabba Road, Żurrieq (near Day Care Centre)*

*'Blue Grotto Avnue, Żurrieq ZRQ 11*
*Tel: 2164 1417 – Fax: 2164 1418*

*Żaren Dalli Stret, B'Buġa*
*Tel: 2165 7639*



# BELLIZZI

## TRAVEL AND INSURANCE

"El Paradiso", Matteolo Saliba Street, Żurrieq. ŻRQ 02. Malta

**Tel. No. (+356) 2164 2519**

**Fax: (+356) 2168 9791**

**Għal kull tip ta' insurance: Karozza, Dar, Ħanut, Safar, Kaċċa, Personal Accident, eċċ...**

**Għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mas-safar: Tours, Biljetti ta' l-Ajru, Katamaran, Lukandi, Coach Tours minn Londra, eċċ...**



# Programm tan-Nar

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju: Bidu tal-Kwindiċina

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, isir ħruq ta' murtali tal-bomba u musketterija.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu: Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ ta' l-istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtaletti tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awissu: L-Ewwel Jum tat-Tridu

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-Barka jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## It-Tnejn, 12 ta' Awissu: It-Tieni Jum tat-Tridu

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## It-Tlieta, 13 ta' Awissu: It-Tielet Jum tat-Tridu

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa, 14 ta' Awissu: Lejlet il-Festa

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħroġ it-Transulazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzati mal-mużika, settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat.

## Il-Ħamis, 15 ta' Awissu: L-Għid ta' l-Assunta

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjati mid-daqq tas-sirena segwita mill-ħruq tal-murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-istatwa meraviljuża u artistika ta' omnna Marija jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Patruna tar-raħal, Santa Marija toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali li se tkun tinkludi ħafna baraxxijiet. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni.

## Il-Ħamis, 22 ta' Awissu: L-Ottava tal-Festa

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.

**Nota mill-Bord Editorjali:**
Bħas-snin ta' qabel dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Aħna, f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kulmin għenhom sabiex dan il-programm hekk vast seta' jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt hidmiethom fil-kmamar tan-nar u waqt il-ħruq.

# GOLD LADY JEWELLERY

## GOLDSMITH & SILVERSMITH




MANUFACTURER & REPAIRS

Shop: 08.30 - 12.00  16.00 - 19.00 p.m.

**Sir Paul Boffa Avenue,**
**Zejtun.**

**Tel: 673928**

# Ir-Repubblika Ċeka

## Ġita Oħra Memorabbli

**minn Joe Sciberras**

Il-ftit ġranet ta' mistrieħ 'il bogħod minn gżiritna, wara li tkun għaddiet il-festa grandjuża ta' Santa Marija, issa ndraw sew u għalhekk grupp imdaqqas sew ta' partitarji tas-Soċjetà Santa Marija erħewlha għall-belt maestuża ta' Praga, il-kapitali tar-Repubblika Ċeka. Din is-safra, barra li kienet mimlija b'avvenimenti ppjanati, kien fiha wkoll oħrajn li kienu imprevvisti għall-aħħar.

Għal darb'oħra għażilna lill-*Brittania Tours* u t-*tour leader* kien is-Sur Maurice Siracusa. F'nofs il-ġita, minħabba raġunijiet mediċi, ġie wkoll is-Sur Joe Camilleri. Tlaqna nhar l-Erbgħa 5 ta' Settembru fis-2.00am fuq it-titjira KM 536 u wasalna fi Praga fil-5.00am. Mill-ewwel morna fil-lukanda fejn wara ftit mumenti ta' mistrieħ ħadna l-*breakfast* u ltqajna mal-gwida tal-lokal. Sa mill-bidu nett din il-gwida kienet mimlija b'entużjażmu biex iddawwarna ma' din il-belt tad-deheb u tgħidilna l-istorja tagħha.

Id-dawra ta' Praga qsamnieha f'żewġ partijiet – in-naħat ta' Hradcany u dawk ta' Mala Strana u Stare Mesto. Għalkemm kellna nuqqas kbir ta' rqad xorta waħda sibna l-enerġija meħtieġa biex nagħmlu l-ewwel mixja tagħna. Għedt mixja għaliex proprju fil-ġurnata tal-wasla tagħna kien hemm strajk mill-ħaddiema Ċeki u t-trasport kien ipparalizzat. Bdejna minn fuq għolja minn fejn d-dehra panoramika ta' Praga ħallietna msaħħrin bis-sbuħija ta' din il-belt – il-Kastell, ħafna kampnari u koppli, il-pontijiet li jgħaqqdu ż-żewġ naħat tax-xmara Vltava, l-għoljiet ta' dan ir-reġjun Bohem, kienu kollha qegħdin jistidnuna biex inżuruhom. Matul il-mixja twila tagħna żorna l-Palazz ta' Czernin (illum il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin), il-Loret bil-kampnari imponenti tiegħu u li għandhom 27 qanpiena li kull siegħa jdoqqu f'ġieħ il-Madonna, il-pjazza sabiħa ta' Hradcanska li hi mdawra b'bini barokk fosthom il-Palazz ta' l-Isqof (Kurja) u l-Palazz Schwarzenberg (illum il-Mużew ta' l-istorja militari). Din il-pjazza dlonk waslitna għall-bini grandjuż u maestuż tal-kastell, wieħed mill-ikbar kastelli tad-dinja. Il-katidral ta' San Vitu, li għalkemm beda jinbena fis-seklu 14 tlesta fl-1929, impressjonana bil-ġmiel ta' l-arkitettura, rikkezzi u pitturi, u l-qobra ta' San Vitu u San Ġwann Neponuk (tal-fidda). Dawra mal-palazz irjali u l-ġonna imperjali komplew jinżlulna għasel għalkemm l-enerġija bdiet tmajna bil-kbir.

Iżda għal ħafna minna dilettanti tal-ballun il-mistrieħ ma konniex nafu x'inhu. Bl-inizjattiva tal-ħabrieki Segretarju, is-Sur Carmel Ellul, morna Treplice biex nassistu għal-logħba ta' kwalifikazzjoni għat-Tazza tad-Dinja 2002 bejn ir-Repubblika Ċeka u Malta. L-għajjat tal-partitarji Ċeki



*Xena minn fuq 'Charles Bridge' fejn jidhru l-'Old Town Towers'.*

# REA

## CERAMICS

Suppliers of Tiles, Skirting, Bathroom Suites & Fittings

Tiling • Plumbing • Drain Laying
• Palstering • Painting • Decoration Works

**76, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa**
**Tel: 2165 1583 Mob: 9949 2469 Fax: 2165 8539**

# Patrick Cellars
**LIMITED**



**Birżebbuġa Square, Birżebbuġa**
**Tel: 21650810 Mob: 9947 8708**
**(Opposite Parish Church)**
*Contact Vince Cachia*



• Spirits • Wines • Beers • Minerals
• Tobacco • Cigarettes • Sweets • Wholesalers

Suppliers to: Bars, Restaurants & Confectionery Shops
Accepts orders for: Weddings, Engagements & Parties

**Free Delivery**




***Uħud mill-grupp (supporters) mal-banner li lestejna ġewwa l-ground ta' Teplice waqt il-logħba Repubblika Ċeka - Malta.***

hekk numerużi kien qiegħed jirbombja ma' kullimkien. Iżda hekk kif skurjaw il-Maltin leħinna malajr instema' u waħħalna *banner* kbir mal-*fence* bħala nkoraġġiment lill-*players*. Iċ-Ċeki baqgħu mistgħaġba mhux ftit u l-*crew* tat-televiżjoni tawna *coverage* mhux ħażin. Fl-intervall u wara l-logħba daru magħna u malajr għamilna ħbieb ġodda.

Il-Ħamis tlaqna lejn il-muntanji Ċeki. L-arja friska tal-muntanji mżejna bis-siġar u ħxejjex kienet tinħass madwarna u mlitilna l-pulmuni b'enerġija kbira. Permezz tal-*cable car* tlajna sa fuq il-quċċata tal-muntanja Jested fejn ħadna *snack* bil-kwiet għax it-temperatura kienet friska mhux ħażin. Peress li kien l-irxiex, il-viżibilità kienet baxxa ħafna u għalhekk ma stajniex ingawdu waħda mill-isbaħ xeni tal-kampanja – veduta li kienet twassal sal-fruntiera mal-Polonja. Ovvjament dan kien xi ftit ta' diżappunt għalina! Matul il-ġurnata t-temp beda joqgħod u għalhekk żorna l-belt ta' Liberic li offritilna wkoll spettaklu għaliex inzerta kien hemm festival. Aħna u sejrin lura lejn il-lukanda battalna l-bwiet bix-xiri li għamilna fil-*Hypernova Shopping Arcade*. Filgħaxija ħriġna lkoll flimkien nieklu. X'kien hemm aħjar minn ikel tipiku Ċek u xarba birra? Il-mużika melodjuża bl-*accordian* u t-trumbetta kompliet tifthilna l-aptit u żiedet ma' l-atmosfera ta' ferħ, biex id-diżappunt ta' filgħodu malajr intesa! Komplejna bl-attivitajiet sa tard bil-lejl għax wara morna Vystatiste biex naraw il-*Musical Dancing Fountains*. L-ilma mdawwal bl-ilwien sbieħ żifen sew mal-mużika u reċtar tal-*Hunchback of Notre Dame*. Ix-xeni maħluqa mill-ilma kienu xi ħaġa ta' l-iskantament.

Triq twila li kważi twasslek sa l-Awstrija għaddietna minn qalb l-kampanja bl-isbaħ xenarju u rħula fin-Nofsinhar tal-Bohemia. Waqafna ġo Cesky Krumlov li hija belt antika mimlija storja u sbuħija. It-toroq dojoq, il-bini antik u l-ħoss tax-xmara Vltava flimkien mal-mawra tagħna fil-kastell għamlu din il-ġurnata memorabbli. Minn fuq l-għolja tal-kastell stajna naraw dehra panoramika ta' din il-belt hekk sabiħa. Filwaqt li ġewwa stajna nitpaxxew bir-rikkezzi ta' għamara, fajjenza, pitturi u murali. Sthajjilna qegħdin ngħixu fiż-żminijiet imbiegħda peress li l-kmamar kollha għadhom armati bħalma kienu fiż-żmien l-antik. Fostl-affarijiet li laqtuna l-aktar kien hemm karozzella indurata kollha deheb u li ntużat darba biss fis-sena 1638 minn Jan Antonin ta' Eggerberk biex wassal ir-rigal li l-Imperatur Ferdinand III bagħat lill-Papa Urbanu VIII.

Is-Sibt filgħodu għaddejnieh ġo Vltavsk *Flea Market* jew kif inhu magħruf aħjar bħala s-suq tal-Vjetnamiżi. Kienet esperjenza sabiħa fejn il-prezzijiet kienu qishom biċċa lastiku – min jiġġebbed l-aktar biex jieħu l-orħos prezzijiet u jkun jista' jiftaħar li kien hu li għamel l-aqwa *bargain*! Filgħaxija x-xmara Vltava fil-qalba ta' Praga pprovditilna, permezz ta' *boat trip*, l-ambjent ideali għall-ikla tajba. Stajna naraw il-belt tixgħel bil-lejl u d-dwal ta' fuq il-kastell u l-pontijiet kienu xi ħaġa tal-ġenn.

Il-Ħadd filgħodu komplejna l-mixja ġo Praga, in-Naħa ta' Mala Strana u Stare Mesto. Żorna l-Bażilika ta' San Nikola, l-Ambaxxata ta' l-Ordni ta' San Ġwann ta' Malta, u naturalment il-knisja tal-Madonna tal-Vittorja fejn stajna naraw il-famuża statwa tal-Bambin ta' Praga – statwa magħmula mix-xemgħa u miġjuba minn Spanja. Ftit



***Il-kastell ta' Cesky Krumlov.***



***Il-knisja ddedikata lil San Nikola.***

# MANGION BROS.

## *(ID-DIELJA)*

ŻURRIEQ TELEPHONE: 2164 9590





**Manufacturers of fine quality bricks and interlocking paving system to a variety of designs and colours. this is operated by a computerised controlled plant capable of producing 8000 hollow concrete bricks a day.**

**Suppliers of concrete mix, capable of producing 80 cu. metres per hour.**

**Suppliers of steel rods and straps. The company undertakes all construction, civil engineering and excavation works.**





*Il-kastell ta' Troja u l-ġonna ta' madwaru.*

mumenti ta' skiet u talba żgħira kienu propizji quddiem din l-istatwa hekk sabiħa u ta' devozzjoni għall-eluf ta' pellegrini. Biex nibqgħu fuq noti Maltin, kilna l-ikla ta' nofsinhar fir-restoranti biswit Pjazza Malta. Il-mixja kompliet għal fuq il-famuż Charles Bridge fejn rajna t-tletin statwa li jżejnuh (l-iktar waħda popolari hi dik ta' San Ġwann Nepomuk). It-torri fit-tarf tal-pont ħadna lejn il-belt il-qadima jew aħjar Stare Mestro. Il-pjazza kbira hija l-qalb ta' Praga l-qadima u ġo fiha (kif ukoll fi pjazza Wenceslas) seħħew avvenimenti kbar fl-istorja ta' Praga, fosthom *Prague Spring* ta' l-1968 u l-*Velvet Revolution* ta' l-1990 meta waqa' d-dittatorjat komunista. Ma nistgħux insemmu l-bini kollu li rajna għax dan kien qatigħ, iżda wieħed bilfors irid isemmi l-*Old Town Hall* bit-torri tagħha li fih l-*Orloj* jew aħjar l-arloġġ astronomiku (kull siegħa mad-daqq tat-tokki ta' l-arloġġ joħorġu l-appostli fi proċessjoni), il-knisja tal-Madonna ta' Tyn, il-monument ta' Jan Hus, il-*Powder Tower* u ħafna oħrajn. Filgħaxija żorna din il-pjazza kemm-il darba għax bil-lejl issaħħrek bil-ġmiel tagħha. Hekk ukoll in-New Town jew Nove Mesto, bil-pjazza ewlenija tkun Pjazza Wenceslas li tidher iktar bħala *Boulevard* milli pjazza. Fiha għadd kbir ta' ristoranti u kafetteriji, ħwienet lussużi, gallariji, *cinemas* u *clubs,* inklużi dawk għall-adulti. Però l-aktar ħaġa imponenti huwa l-monument ta' San Senceslas, il-Qaddis Patrun tal-Bohemia, rikeb iż-żiemel. Fl-isfond tiegħu hemm il-Mużew Nazzjonali u quddiemu hemm mafkar żgħir u sempliċi ddedikat lil Jan Palach u Jan Zajic, iż-żewġ studenti li kkommettew suwiċidju minħabba li l-libertà kienet maħkuma.

Wara nofsinhar, fuq l-inizjattiva tal-gwida, morna l-Palazz ta' Troja, xi ħaġa li kienet barra l-programm. Kienet għażla għaqlija għax għajnejna u moħħna ma setgħux ilaħħqu ma' l-affarijiet li rajna u smajna. Wieħed ma jistax jiddeskrivi l-murali mpinġija minn Abraham Godyn fil-*Grand Hall*, il-kollezzjoni ta' armi antiki, l-għamara orjentali jew l-istatwi skolpiti f'ġieħ l-allat u karattri oħra tal-Mitoloġija Griega.

Peress li ridna mmorru Dresden fil-Ġermanja, it-Tnejn bakkarna kmieni filgħodu għax kellna triq twila quddiemna u dewmien fuq il-fruntiera. Matul it-triq rajna xeni mill-isbaħ tal-kampanja Ċeka kif ukoll dik Ġermaniża. F'din il-belt żorna l-attrazzjonijiet prinċipali li għadhom jeżistu peress li l-parti l-kbira tagħha nqerdet għal kollox fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Kellna wkoll ħin biex nagħmlu l-passiġġati tagħna u naturalment ix-xiri mill-ħwienet kbar ta' Dresden. Ħaġa li laqtitna ħafna kienet il-mod kif jarmaw il-monti b'ħafna gabbani ornamentali u mżejna bil-fjuri.

Iż-żmien ma jaħfirha lil ħadd u l-aħħar eskursjoni tagħna kienet ġo Karlovy Vary. Il-ġurnata kienet it-Tlieta 11 ta' Settembru. Fi triqitna għaddejna minn ħafna rħula żgħar fejn kellna waqfa qasira fil-ħwienet tal-porċellana u *Bohemian glass*. Anke hawnhekk ix-xiri baqa' għaddej b'ritmu mgħaġġel. Għamilna passiġġata sabiħa f'din il-belt li hi l-aktar magħrufa għan-nixxiegħat sħan li għandha. Il-*Grand Hotel Pupp* fejn ix-xmara Teplà hija wisq lussuża, filwaqt li l-knisja ta' Maria Maddalena hija waħda mill-isbaħ. Naturalment mawra sal-bini Sprudel kienet opportunità unika biex nixorbu mill-ilma famuż ta' din il-belt. It-temperatura naturali ta' kull nixxiegħa hija differenti mill-oħra u dan l-ilma jintuża għall-fejqan ta' bosta ilmenti mediċi.

Filwaqt li konna qegħdin nammiraw din il-belt hekk sabiħa ftit kien qiegħed jgħaddilna minn moħħna x'kien qiegħed jiġri madwar d-dinja – id-diżastru tat-*Twin Towers*! L-aħbar kerha li ġara xi diżastru tagħtielna l-gwida fi triqitna lura lejn Praga iżda ħadd minna ma stħajjel il-kobor tiegħu. Lura f'kamartna stajna naraw minn fuq it-televiżjoni xeni mill-aktar koroħ ta' dak li ġara. Iżda l-aspett u l-konsegwenzi ta' dawn il-mumenti ta' dwejjaq ma stajniex napprezzawhom fil-kobor tagħhom peress li moħħna kien fuq l-ippakkjar tal-bagalji għax proprju f'dak il-lejl kellna nbakkru kmieni biex nibdew il-vjaġġ lura lejn Malta. Fl-ajruport ta' Praga sibna sigurtà stretta tant li kull *hand luggage* kien eżaminat bir-reqqa u xi wħud minna kellhom ineħħu xi affarijiet. Iżda bil-kalma kollha tlaqna minn Praga nhar l-Erbgħa 12 ta' Settembru fil-5.30am fuq it-titjira KM 537 u wasalna Malta għall-ħabta tat-8.30am.

Għal darb'oħra kellna ġita sabiħa mimlija daqs bajda b'attivitajiet organizzati bir-reqqa mis-Soċjetà għażiża tagħna Santa Marija. Il-moral tagħna kien għoli u l-ispirtu ta' ħeġġa kien kbir. Il-kalendarju ta' l-attivitajiet kulturali u divertimenti barra minn Malta issa qabad ritmu tajjeb u għas-sena 2002 żgur li mhux se jieqaf għax hemm safra oħra ppjanata – din id-darba l-għadajjar u muntanji Awstrijaċi tat-Tirol. Narawkom!



*Parti mill-grupp ġewwa Karlovy Vary.*



# Spoil yourself for choice on your Dream Day.



## BIG BUN CATERERS...

**By Gerald Fenech**

The art of catering requires the utmost abilities to impress and satisfy all those who are to experience your product. Just off the centre of Zabbar you will find the aptly named 'Big Bun', which is slowly making its name as one of the best on the island. Two young and enthusiastic men who glow with positive enthusiasm run the setup. Kevin Camilleri and Victor Sant have thrown their heart into this business and their fruits are beginning to take shape. Obviously they are outside caterers and also deliver to various shops during the week; this makes a staple diet of cakes and gateaus constantly in evidence! A visit to the kitchen will prompt even the most pernicious of individuals to ask for a taste of all the products on offer which smell so good that they make the mouth water. However, the guys at Big Bun are geared to provide a wedding reception of the highest order. The endless list of products available make the mind (and the stomach) boggle! The usual array of aperitifs and starters are served with the utmost care and dedication. Dishes of stuffed artichokes, mushrooms, prawns and fish nuggets are just the tip of the iceberg. All these are designed to create an artistic effect. For Big Bun is not your normal tedious caterer. Kevin and Victor take a personal interest in their clients. This service includes the team viewing the wedding hall and providing sound advice for the best possible ideas. After all no one would like his/her special day to turn out sour! The variety of hot dishes is also quite amazing. The oriental flavor of spring rolls blends with the local delicious 'qassatat', both designed to please the eye (and all!). Sweet & Sour Pork goes together with Meat Balls which roll on in a never-ending stream of delicious aromas! In fact I was positively captivated by the various scents and tastes that beckoned before me. However, the real masterpiece must be the tables selection. Big Bun is truly first class in this respect. The normal Maltese table includes the usual 'bebbux', 'hobz biz-zejt' and other local traditions such as 'fazola' and most of all the tongue licking 'gbejniet tal bzar'. We moved on to the Meat and Fish Table, which was another masterpiece. The various qualities of beef, pork, chicken and salami were arranged to the highest order with delightful designs. The same could be said for the even more impressive marine selection. The mouth wateringly arrangement of king prawns, mussels, salmon roulettes, octopus and 'clamari' was indeed a sight for sore eyes! Other tables of note are the Chinese Table which has the finest dumplings on the island and the Fruit table which is impressive in the flesh and in the wide variety on offer. And there's much much more of these finely prepared products which you may want to see (and taste) for yourselves. I don't know if I'm getting married yet (hopefully!), but I'm definite that if I do, my catering will be in the hands of Kevin and Victor at Big Bun. We all deserve the best don't we!



**Shop:**
**Sir Ugo Mifsud Street, Luqa**
**Tel: 2180 8493**
**Mobile: 9947 3682**
**Dolceria:**
**Triq Id-Dukkar, Zabbar Tel: 2180 3547**

Big BUN Caterers
CATERERS FOR ALL OCCASIONS



## Festa 2001

# Żjara mill-Banda ta' Kfar Saba, Iżrael

**Jirrapporta s-Sur Alfred Galea**

Għaddiet kważi sena mill-ewwel Festa ta' Santa Marija tal-Millennju l-ġdid. Kienet festa oħra kbira. Tista' tgħid suċċess minn kull lat. Parti mis-suċċess ta' din il-festa kienet bla dubju żjara ta' banda oħra barranija mistiedna tas-Soċjetà tagħna, il-ħames waħda mill-1997 'l hawn. Wara l-Banda Taljana minn Santa Vittoria in Matenano, il-Banda Ġermaniża Jugend Blasorchester Leipzig, il-Banda Griega Filarmonica Larissa u l-Banda Iżraeljana Kyriat, is-sena l-oħra kellna l-unur nospitaw il-Banda mill-Belt ta' Kfar Saba, Iżrael. Permezz ta' dan l-artiklu sejjer nirrakkontalkom fil-qosor kif żvolġiet iż-żjara ta' din il-Banda f' Malta.

Iż-żjara bdiet eżattament fil-jum ta' l-aħħar Tridu tal-Festa 2001, nhar it-Tnejn 13 t'Awissu fid-disgħa ta' filgħodu permezz tal-wasla tat-titjira KM817 minn Tel Aviv, Iżrael. Dakinhar l-ajruport flimkien miegħi kien hemm xi membri tal-Kumitat jilqgħu lil din il-Banda. Wara li mingħajr problemi ngabru l-bagalji kollha flimkien ma' l-istrumenti, il-bandisti flimkien mas-Surmast ġew introdotti lilna mis-Sinjuri Elazar Sheffer u Zahava Oliker illi magħhom konna diġà ltqajna f'Mejju ta' qabel waqt żjara ta' familjarizzazzjoni li huma għamlu ġewwa Malta. Hekk kif għabbejna l-istrumenti u l-bagalji kollha, il-Banda qabdet it-Triq għall-Qawra lejn il-lukanda Suncrest fejn il-kontinġent ġie alloġġjat waqt iż-żjara. Wara l-mistrieħ dovut, minħabba li l-ħbieb tagħna kienu ilhom jivvjaġġaw minn kmieni filgħodu, tard wara nofsinhar il-Banda rħitilha lejn l-Imqabba. Wara ftit ħin li matulu l-grupp kellu ċ-ċans igawdi l-atmosfera tal-pjazza armata għall-festa, il-każin tas-Soċjetà u fuq kollox il-knisja, fejn dak il-ħin kienet għaddejja ċ-ċelebrazzjoni tat-Tridu.

L-ewwel impenn uffiċjali tal-Banda kienet żjara ta' kortesija għand il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba. Wara li s-Surmast u l-membri tal-Banda ġew introdotti lis-Sindku u l-Kunsilliera, saru diskorsi qosra u wara bdil ta' rigali bejn iż-żewġ naħat. Eżattament wara, il-Banda ta' Kfar Saba tat bidu għal Kunċert ta' mużika leġġera tradizzjonali Iżraeljana fuq il-palk ġewwa l-pjazza ta' quddiem il-każin. Matul dan il-kunċert spikkat il-preparazzjoni tal-Banda qabel ma ngħata bidu għad-daqq tal-mużika, speċjalment waqt l-intonazzjoni tal-Banda mis-Surmast. Eżatt kif spiċċa l-kunċert, il-Banda Re Ġorġ V kienet lesta sabiex tagħti bidu għall-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar Tridu. Bħala sens ta' għaqda, iż-żewġ baned taw bidu għal dan il-marċ flimkien bid-daqq ta' l-Innu Marċ Marija Assunta li ġie mmexxi mis-Surmast tal-Banda Re Ġorġ V Mro. David Agius, fuq insistenza tas-Surmast Direttur tal-Banda Kfar Saba, Mro. Nachman Yariv.

Filwaqt li l-Banda Re Ġorġ V kompliet bil-marċ madwar it-toroq tar-raħal, il-membri tal-Banda Kfar Saba kienu mistiedna għal ikla offruta mis-Soċjetà. Eżattament kif spiċċaw mill-ikel, il-membri tal-Banda Kfar Saba



*Il-Banda ta' Kfar Saba waqt programm strumentali fil-pjazza ta' l-Imqabba.*

# TAR-ROBBA LIMITED
## CONCRETE BATCHING PLANT




Tar-Robba L/O Kirkop ZRQ 10, MALTA
Tel: (+356) 2168 3558, 2168 5332
Fax: (+356) 2164 2834

kellhom iċ-ċans jassistu għall-qofol grandjuż tal-marċ ta' l-aħħar Tridu.

L-għada t-Tlieta 14 t'Awissu filgħodu, il-Banda kellha dawra bil-*pullman* madwar il-Mosta, l-Imdina u r-Rabat, u wara l-grupp kollu rikeb il-lanċa għal dawra mal-Port il-Kbir. Filgħaxija mbagħad kien imiss it-tieni kunċert tal-Banda ġewwa l-Imqabba, din id-darba fuq laqta aktar uffiċjali. Quddiem għadd ta' mistednin distinti, flimkien ma' folla mdaqqsa ta' nies li nġabret fil-pjazza, il-Banda ta' Kfar Saba tat kunċert ferm tajjeb imżewwaq b' mużika popolari u tradizzjonali. Waqt dan il-kunċert, spikka l-ftehim kollettiv tal-bandisti flimkien mas-Surmast, filwaqt li spikkaw numru ta' bandisti individwalment. Ma nistax ma nsemmix lis-Sinjorina Iris Yablonka fuq ix-Xylophone u lis-Sinjuri Shimon Golan u Rachel Bolle fuq il-Klarinett li wrew l-abbiltà individwali tagħhom bħala solisti waqt dan il-kunċert. Qabel ma ndaqqu l-Innijiet uffiċjali ta' l-Imqabba, Malta u Iżrael, sar bdil ta' rigali bejn il-Banda Kfar Saba u s-Soċjetà. Hekk kif spiċċa l-kunċert kellna l-ispettaklu uniku pirotekniku bil-mużika organizzat mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija, spettaklu li gie segwit b'attenzjoni kbira u mfaħħar ferm minn dawn il-mistednin tas-Soċjetà tagħna. Wara ikla oħra offruta mis-Soċjetà, il-kontinġent ta' Kfar Saba kellu ċ-ċans jassisti għall-ispettaklu tan-nar ta' l-art fi Triq il-Madonna tal-Ġilju.


*Is-Surmast Nachman Yariv jidderieġi l-banda.*

Matul il-Jum tal-festa ta' Santa Marija, filgħodu il-Banda ta' Kfar Saba għamlet żjara ġewwa Wied Iż-Żurrieq fejn ħafna mill-bandisti ma tilfux l-okkażjoni li jmorru dawra bid-dgħajsa ġewwa l-*Blue Grotto*. Wara żjara qasira ġewwa r-raħal pittoresk ta' Marsaxlokk, il-Banda rħitilha lura lejn il-Lukanda għal ftit mistrieħ qabel ma tard wara nofsinhar reġgħu ġew lejn raħalna sabiex jassistu għall-qofol tal-festa tagħna, jiġifieri għall-purċissjoni bl-Istatwa ta' Santa Marija. Fil-programm oriġinali taż-żjara ma kienx hemm programmat daqq għal din il-Banda matul dan il-jum tal-festa. Dan sabiex nagħtu ċans lil dawn il-ħbieb tagħna jassistu għall-qofol tal-festa tagħna. Iżda billi dakinhar l-attività tal-festa ġiet imxandra b'mod dirett fuq it-televiżjoni, ħsibna li kellu jkun xieraq illi l-Banda Kfar Saba tipparteċipa b'mod dirett waqt din it-trasmissjoni. Fil-fatt il-Banda daqqet l-Innu Marċ Marija Assunta waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni u aktar tard matul ix-xandira, is-Surmast tal-Banda Nachman Yariv, flimkien mal-koordinatur prinċipali s-Sur Elazar Sheffer, ġew intervistati b'mod dirett waqt il-programm. Il-kumplament tal-lejla, il-kontinġent Iżraeljan għaddieh jassisti għall-purċissjoni. Ma naqsux numru mhux ħazin ta' ritratti quddiem l-istatwa ta' Santa Marija. Wara d-dħul tal-vara fil-Knisja, element mill-Banda Kfar Saba kompla jallegra lin-nies miġbura quddiem il-każin permezz ta' daqq ta' mużika leġġera flimkien ma' daqq ta' taħlita ta' mużika tradizzjonali Maltija u Iżraeljana. Kienet ferm sabiħa l-atmosfera ferriħija li nħolqot meta l-ħbieb tagħna minn Iżrael bdew jiżfnu quddiem il-każin flimkien ma' għadd ta' Mqabbin li ngħaqdu magħhom.

Wara l-esperjnza tal-festa, il-Banda ta' Kfar Saba kompliet tiskopri l-gzejjer tagħna permezz ta' żjajjar ġewwa l-Belt Valletta, it-tlett ibliet tal-Kottonera u l-gżira ta' Għawdex. Nhar il-Ħamis 16 t'Awissu imbagħad il-Banda ta' Kfar Saba tat kunċert ġewwa r-raħal tal-Mellieħa. Matul dan l-avveniment, il-Banda kellha wkoll laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kif ukoll ma' l-għadd ta' għaqdiet mużikali li hemm ġewwa dan ir-raħal. Sar ukoll bdil ta' rigali bejn il-Banda, il-Kunsill u dawn l-għaqdiet mużikali Mellieħin. Kunċert ieħor tal-Banda Kfar Saba sar nhar is-Sibt 18 t'Awissu 2001 ġewwa l-bitħa ta' Palazzo Vilhena l-Imdina. Għal dan il-kunċert, li matulu kelli l-unur indoqq ma' din il-Banda, attendew numru sabiħ ta' nies u kien kunċert apprezzat u mfaħħar ferm minn kulmin kien preżenti. Wara l-kunċert, il-Banda Kfar Saba kienet il-mistiedna ta' l-unur għand il-Kunsill Lokali tal-Belt l-antika ta' Malta, l-Imdina. Waqt riċeviment li sar fis-sala ewlenija ta' Palazzo Vilhena, sar ukoll bdil ta' rigali bejn il-Kunsill Lokali ta' l-Imdina u l-Banda ta' Kfar Saba flimkien mas-Soċjetà tagħna bħala tifkira u apprezzament għal din is-serata.

Ma nistax ma nsemmix il-jum tal-Ġimgħa 17 t'Awissu 2001. Matul il-lejla ta' dan il-jum konna mistiena mill-membri tal-Banda ta' Kfar Saba sabiex din id-darba nassistu għal xi ħaġa tradizzjonali tal-poplu Iżraeljan. Wara li apprezzaw ħafna l-fatt li ġew mistiedna Malta sabiex jipparteċipaw u jassistu għal xi ħaġa reliġjuża/tradizzjonali bħalma hi l-festa Maltija, dawn il-ħbieb tagħna ħasbu sabiex jistednuna nipparteċipaw u nassistu għal xi ħaġa reliġjuża/tradizzjonali tagħhom. Waqt il-lejla tal-Ġimgħa kellna l-pjaċir naraw għall-ewwel darba dak li tradizzjonalment il-Lhud jagħmlu sabiex jagħtu merħba lill-jum tas-Sibt, jew aħjar is-Sabbath, kif jissejjaħ bl-Ebrajk. Waqt din il-lejla, wara ikla tradizzjonali Iżraeljana, in-nies jinġabru flimkien mal-familjari u ħbieb tagħhom sabiex jagħtu merħba lill-jum tas-Sabbath permezz ta' talb, kant fuq il-ferħ u l-paċi, u qari ta' peożiji. Kif spjegali Shmuel Shohaam, l-aktar membru anzjan li jdoqq il-flawt mal-Banda ta' Kfar Saba, il-Lhud jikkunsidraw il-jum tas-Sibt bħala l-jum l-aktar qaddis tal-ġimgħa. Għal-Lhud skond it-testment il-qadim, is-Sabbath huwa rigal mingħand Alla bħala jum ta' mistrieħ mix-xogħol kemm għan-nies kif ukoll għall-annimali. Fl-ewwel kapitlu tal-Ġenesi, il-ħolqien huwa spjegat u maqsum fuq is-sebat ijiem tal-ġimgħa. Insibu li kull ġurnata waqt il-ħolqien hija deskritta li tibda f'inżul ix-xemx, ("U b'hekk dalam u sebaħ it-tieni jum"). Huwa għalhekk illi l-Lhud jemmnu li l-ġurnata tibda ma' nżul ix-xemx tal-ġurnata ta' qabel. Għalhekk is-Sabbath għal-Lhud jibda

**The Quality in People Award** was awarded to Elbros Construction Ltd. in October last year.

The Award confirms the Company's commitment to its human resources and has consolidated further its impressive achievements.

AWARD

QUALITY IN PEOPLE

**Elbros Construction Ltd.** - *the Company which puts people FIRST.*

## EBCON GROUP OF COMPANIES

*(the leading Companies: Elbros Construction Ltd., Elbros Concrete Ltd., PPB Malta Ltd. and Malta Fishfarming Ltd.)*




Awarded the 1995 Euromarket Award by the European Market Research Centre in Brussels for being outstanding in management, quality, technical innovation, service, business level and prestige in the European market




EBCON Group of Companies
Triq l-Industrija
Kirkop ZRQ 10
Tel: (356) 21249999
Fax: (356) 21685075



*Uffiċjali mill-Banda ta' Kfar Saba, uffiċjali mis-Soċjetà Santa Marija flimkien mas-Sindku u Kunsilliera ġewwa l-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba.*

ma' nżul ix-xemx tal-Ġimgħa. Tradizzjonalment il-familji Lhud jiċċelebraw il-wasla tal-jum tas-Sibt (Sabbath) permezz ta' ikla tradizzjonali flimkien mat-tfal u t-tfal tat-tfal, wara li jkunu rritornaw id-dar mis-sinagoga, proprju bħalma nagħmlu aħna l-insara permezz ta' ikla wara l-quddies tal-Ħadd filgħodu. Matul din il-lejla tradizzjonali, li għaliha konna mistiedna, ma naqasx il-qari spontanju ta' poeżiji miktubin dak il-ħin minn numru ta' membri tal-banda li fihom esprimew dak li ħassew u esperjenzaw waqt din l-avventura tagħhom fil-gżejjer Maltin. Ma naqasx ukoll illi aħna l-Maltin, wara li ġejna mgħallmin mużika tradizzjonali Iżraeljana, irreċiprokajna billi bdejna ngħallmu lill-ħbieb tagħna xi mużika folkloristika Maltija, bħal 'Lanċa ġejja w oħra sejra' u kanzunetti tradizzjonali oħrajn. Kienet serata verament ħelwa li fiha tgħallimna xi ħaġa tradizzjonali/reliġjuża tal-poplu Lhudi.

Iż-żjara tal-Banda minn Kfar Saba ġiet fi tmiemha il-Ħadd 19 t' Awissu 2001 fil-kwarta ta' filgħodu, meta numru mhux ħażin ta' partitarji flimkien mal-Kumitat, sellimna lil dawn il-ħbieb tagħna minn Iżrael ġewwa d-*departures* ta' l-ajruport waqt li kienu sejrin sabiex jaqbdu t-titjira numru KM816 li ħadithom lura lejn Tel Aviv. Iżda dan ma sarx qabel ma bdilna l-ingravati tas-Soċjetà tagħna ma' dawk tal-membri tal-Banda ta' Kfar Saba bħala ġest ta' għaqda u ħbiberija bejnietna. Qabel ħallewna, il-membri kollha tal-Banda Kfar Saba rringrazzjawna ta' l-ospitalità filwaqt li d-diriġenti tal-Banda wrew ix-xewqa tagħhom illi xi darba l-Banda tagħna tiġi ospitata ġewwa l-belt sabiħa ta' Kfar Saba. Naturalment, id-diriġenti u l-membri ta' din il-Banda qalulna li jifhmu l-fatt li għalissa dan huwa xi ftit diffiċli li jsir minħabba s-sitwazzjoni politika preżenti xejn pjaċevoli ġewwa arthom. Iżda qalulna li huma jemmnu fil-paċi u li dejjem jitolbu u jittamaw illi l-paċi ma ddumx ma tibda terġa' tirrenja f'pajjiżhom. Għalhekk talbuna nwegħduhom illi appena s-sitwazzjoni ġewwa Iżrael tkun waħda ta' paċi bħal qabel, aħna minnufih nonoraw l-istedina tagħhom. Aħna min-naħa tagħna wegħedna li nżommu dan f'moħħna u meta jkun il-waqt opportun, il-Banda tagħna tirreċiproka bi żjara ġewwa Iżrael.

B'hekk nistgħu ngħidu li ntemm kapitlu ieħor fl-istorja riċenti ta' relazzjonijiet internazzjonali għas-Soċjetà tagħna. Iż-żjara tal-Banda minn Kfar Saba żiedet ħolqa oħra fil-kullana ta' suċċessi fl-isfera internazzjonali għall-Banda u s-Soċjetà tagħna. L-ewlieni fosthom ikun il-Ġemellaġġ tagħna li wassal għall-unur uniku f'Malta u Għawdex *Etoile d'Or du Jumelage* li aħna rċevejna mingħand l-Unjoni Ewropea f'Novembru ta' l-1998. Ma nistax nagħlaq dan l-artiklu mingħajr ma' nirringrazzja lil dawk kollha li kienu ta' għajnuna għalija waqt il-ħidma tiegħi sabiex din iż-żjara seta' jkollha s-suċċess meħtieġ. Nirringrazzja lis-Sinjuri Jenny Adams u Lawrence Attard Bezzina (President Għaqda ta' Ħbiberija Malta-Israel). Il-membri ta' l-S.A.G. fi ħdan il-Korp tal-Pulizija li ħadu ħsieb joffru sigurta' 24 siegħa kuljum mal-kontinġent ta' Kfar Saba waqt din iż-żjara. Lill-Kunsilli Lokali ta' l-Imqabba, Mellieħa u Mdina li għoġobhom jospitaw lill-Banda ta' Kfar Saba fil-muniċipji rispettivi tagħhom. Lill-Kumitat tas-Soċjetà tagħna li għal darb'oħra tani l-appoġġ totali tiegħu sabiex stajt norganizza dan l-avveniment. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas nirringrazzja lill-partitarji tagħna u lill-poplu Mqabbi in ġenerali ta' l-interess li wrew f'din il-Banda u għall-id ta' ħbiberija li offrew meta l-Banda kienet ġewwa raħalna.

Fl-aħħar tajjeb li nagħmel ħsieb ċkejken. Naħseb illi kulmin qiegħed jaqra dan l-artiklu huwa konxju mis-sitwazzjoni politika xejn sabiħa ġewwa l-art minn fejn ġejjin dawn in-nies; sitwazzjoni li forsi tista' tpinġi koroh lil dawn in-nies. Nagħmilha ċara li jien ma għandi l-ebda ħsieb illi niġbed lejn xi naħa jew oħra f'dan ir-rigward. Anzi naħseb illi l-ħażin ġej miż-żewġ naħat involuti fis-sitwazzjoni. Madankollu ninsab ċert illi l-maġġoranza tan-nies li jgħixu ġewwa Iżrael huma favur il-paċi. U dan stajna nikkonfermawh waqt is-sebat ijiem li qattajna flimkien ma' din il-Banda ġewwa Malta s-sena l-oħra. Żgur illi jekk il-maġġoranza tan-nies li hemm jgħixu ġewwa Iżrael huma bħal dawk il-ftit li ospitajna aħna, il-paċi f'din l-art ma ddumx f'din ma tirritorna. J'Alla dan il-ħsieb tiegħi jseħħ ma' jdumx biex b'hekk l-art li fl-aħħar mill-aħħar hija art qaddisa għalina wkoll isseħħ paċi dejjiema li fiha jkunu jistgħu jgħixu f'armonija waħda kemm nies Lhud, kemm Għarab u kemm Insara. Min jaf. Forsi Santa Marija ma ddumx ma tippermettix li l-paċi sseħħ ġewwa Iżrael sabiex aħna nkunu nistgħu nżuru l-post tant għażiż minn fejn Hi telgħet is-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

# EuroCaterers

*For all kinds of Confectionery*

*Also caters for Parties,*

*Hotel & Restaurant Desserts, etc...*

**Slush Machines - Sales & Rentals**

**Testaferrata Str., Żurrieq**

**Tel: 2164 2647 • E-mail: temp00@nextgen.net.mt**

# MAŻINI

**AUTOPARTS & ACCESSORIES**

*Prop. Noel Camilleri*

Qrendi Road, Żurrieq ZRQ 04

*(Ħdejn l-Armerija)*

**Tel/Fax: 2164 2465**



# Sena ta' ħidma kontinwa

Santa Marija reġgħet magħna! Festa sabiħa u maħbuba mill-kattoliċi kollha. Festa li ġġib magħha ferħ kbir għaliex ikun qed jiġi ċċelebrat it-tlugħ fis-sema ta' Marija Verġni, fejn marret tgawdi lil Binha bir-ruħ u l-ġisem.

Din is-sena, bħas-snin l-imgħoddija, aħna n-nisa kellna sena oħra ta' xogħol fejn ġbarna fondi biex dejjem inkomplu nsebbħu l-każin maestuż tagħna u ngħinu f'affarijiet ta' l-armar bħall-planċier u opri oħra.

Din is-sena diġà xtrajna żewġ kradenzini għal ġos-sala prinċipali tal-każin u se ngħaddu somma sostenzjali lill-Kumitat Eżekuttiv għall-bini mill-ġdid tal-proprjetà li xtrajna ħdejn il-każin.

Nixtiequ nirringrazzjaw lis-soċji u partitarji nisa ta' l-attendenza fl-attivitajiet kollha li nagħmlu, bħal *Coffee Mornings* u lotteriji. Nirringrazzjaw ukoll lil shabna membri tas-sotto-kumitat u xi nisa oħra li matul is-sena jagħmlu sagrifiċċji kbar biex jiġbru l-flus u jbigħu l-biljetti tal-lotteriji u *Coffee Mornings*. **Din is-sena ngħidu grazzi speċjali lil grupp żgħir minn dawn in-nisa għas-sagrifiċċju li qed jagħmlu fil-ħjata tal-pavaljuni ta' Triq il-Parroċċa.**

Filwaqt li nappellawlkom għall-parteċipazzjoni tagħkom f'kull attività li ssir sew fil-knisja kif ukoll barra, nitolbukom li dejjem inżommu d-dekor tagħna, ħaġa li aħna magħrufin għaliha.

Nerġgħu nħeġġukom biex f'dawn il-ġranet ta' ferħ, u li huma wisq għeżież għalina, nersqu iżjed lejn il-qrar u t-tqarbin biex il-festa tkun iżjed bis-sens u b'hekk inqimu lil Ġesù u lil Ommu Marija.

Minn qiegħ qalbna ngħidu:

Viva Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabbin.

CJP
CJP CONCRETE SERVICES
Siġġiewi Road - Ta' Kandja l/o Mqabba - Malta
Tel: 2164 1600, 2164 0957
Mob: 9942 4689
Fax: 2164 1601






# Mallia Petrol Station

*Pjazza San Nikola, Siġġiewi Tel: 2146 7764*

Għal kull bżonn fil-karrozza tiegħek, asal wasla s'għand **Mallia Petrol Station**
fil-Pjazza tas-Siġġiewi fejn issib kull ħaġa li tinħtieġ għall-karozza tiegħek,
u issa jixtiequ jħabbru li għandhom batteriji ta' barra għall-karozzi kollha
li jibdew bi prezzijiet ta' Lm18.50.

*Kif ukoll:*

Silencers għall-karrozzi kollha
Crash Helmets kbar u żgħar
Kull kwalità ta' żjut
Tyres ġodda ta' kwalunkwe daqs
Għodod
Tiswija ta' Tyres fil-pront b'apparat modern
Aċċessorji u 'spare parts' ta' kull kwalità
Għandek issib ukoll muturi u karrozzi għall-bejgħ

**Self Service**

Mit-Tnejn sas-Sibt sa l-10.00p.m. — Ħdud u Festi sa 12.00p.m.



# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

* Food processors, coffee and tea makers
* Kettles, toasters and irons
* Washing machines (automatic and twin-tub)
* Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
* Refrigerators and freezers
* Televisions and video recorders/ playbacks
* Hi-fi equipment and satellite receivers
* Vacuum cleaners
* Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
* Pots, pans and cutlery sets
* Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

St. Thomas Street, Luqa LQA 05. Tel/Fax: 2180 3017



# Messaġġ

**Anthony Ellul Direttur**

Għat-tielet sena konsekuttiva mess lili sabiex permezz ta' dan l-artiklu nirrapporta x-xogħol li sar matul din is-sena fis-sede tagħna. Però bħas-soltu qabel xejn nixtieq insellem lill-membri kollha b'mod speċjali lil dawk li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba tul din is-sena. Flimkien magħhom insellem ukoll lil dawk il-koppji u famiji li għoġobhom jiġu jabbitaw ġewwa r-raħal tagħna. Fl-istess ħin lilkom kollha sabiex iżżuru l-każin b'mod speċjali matul il-jiem tal-festa u tapprezzaw aktar il-ġid li qiegħed isir minn sena għall-oħra.

Bħas-snin preċedenti saret il-kanutenzjoni li kull sena l-proprjetà dejjem tikber titlob. Ħadna ħsieb sabiex il-bejt tal-każin jingħata żebgħa li tipproteġi mill-penetrazzjoni ta' l-umdità u l-ilma tax-xita sabiex tiġi ppriservata kif inhu xieraq is-sala prinċipali li bla dubju hija l-ġojjel tas-sede tagħna. Minħabba l-bżonn dejjem jikber ta' kurrent elettriku ġewwa l-każin nbidlu xi *wires* u nbidel il-*main switchboard* sabiex ikun jiflaħ aktar. Ħassejna wkoll li jkun xieraq li l-każin tagħna jkun protett kemm bin-nhar u kemm bil-lejl. Għaldaqstant installajna *security system* mill-aktar moderna li jekk Alla jrid tkun amalgamata wkoll ma' l-etensjoni tal-każin li se ssir fil-futur.

Semmejna l-estensjoni tal-każin u nistgħu ngħidu li l-kumitat qiegħed jagħti prijorità lil dan l-aspett. Fil-fatt wara li s-sena l-oħra ġiet finalizzata l-*area* sħiħa tal-proprjetà l-ġdida, din is-sena sar *survey* dettaljat tal-każin flimkien ma' l-istess proprjetà. Is-Sur Omar Caruana ħa ħsieb dan is-*survey*. Ġiet stabbilita kif se jiġu amalgamati s-sit l-ġdid mal-każin.

Ġie maħtur ukoll is-Sur Vince Centorino sabiex jieħu ħsieb id-dettall tal-faċċata b'mod speċjali fejn jidħol ix-xogħol tal-lavur. Bħalissa permezz ta' koordinazzjoni bej il-kumitat, l-arkitett tal-każin, is-Sur Caruana, u s-Sur Centorino wasalna biex noħorġu l-pjanti finali li se jitressqu għall-approvazzjoni tal-membri. Bla dubju tkun inkitbet paġna storika oħra fis-Soċjetà tagħna.

Qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi nixtieq nappella sabiex nibżgħu għall-proprjetà tagħna l-aktar fil-jiem tal-festa, u fl-istes ħin inħeġġeġ lil dawk kollha li matul is-sena jkunu jistgħu, sabiex jagħtu daqqa ta' id fejn ikun hemm il-bżonn. Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha, flimkien magħna lil dawk il-ħafna bliet u rħula, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex li bħalna qegħdin jiċċelebraw il-festa tal-Patruna tal-gżejjer Maltin, Santa Marija.


FRIDA TRANSPORT SERVICE

Valletta Office:
64-Liesse Hill
Tel:/Fax: 21230448
99497332 / 99495671 / 99490332

# Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days

# D'AMATO FINE TUNES

Piano & Pipe Organ: Servicing,
Rebuilding, Tuning: Supply & Rental

Sonata Building, Bronja Street, Żurrieq, Malta
Tel/Fax 2168 5326 Mobile 9949 5828



# Alf. Gatt Auto Parts



Saltofix & Maxi Car Motor Panels

*Luqa Road, Qormi & Mdina Road, Qormi*
*Tel: 2148 8653, 2144 9821*

# Il-Qima lejn l-Assunta f'Birkirkara

**Kitba ta' Patrick Mallia**

Meta wieħed jimxi mit-toroq tagħna u jara dawk in-niċeċ kollha ddedikati lill-Madonna, inkella knejjes jew kappelli ddedikati wkoll lilha, malajr jinduna x'devozzjoni kbira kellhom missirjietna lejn Ommna Marija. Waħda minn dawn id-devozzjonijiet lejn il-Madonna hija dik lejn Marija Mtellgħa s-Sema jew kif nafuha aħjar Marija Assunta.



*Knisja Santa Marija (kampnar u faċċata)*

Birkirkara żgur ma għamlet ebda eċċezzjoni, anzi kienet waħda minn ta' quddiem li ddedikat tempju mill-isbaħ lill-Assunta, u qabel ma din il-parroċċa ġiet trasferita lejn il-knisja l-ġdida ddedikata lil Sant'Elena, kienet waħda mill-parroċċi l-iżjed importanti fi gżiritna b'dan it-titular. Minħabba l-ġmiel partikolari u r-rikkezza ta' skultura ta' dan it-tempju, li llum il-ġurnata ġie rrestawrat u qiegħed iservi l-ħtiġijiet pastorali taż-żona hekk magħrufa *tal-Knisja l-Qadima*, jixraq li ngħidu xi ħaġa fuqu.

Dan it-tempju huwa fil-veru sens tal-kelma teżor mill-isbaħ ta' l-arti, u tkun ħaġa xierqa kieku dan it-teżor jitgawda kemm mill-Maltin kif ukoll minn dawk kollha li jiġu jżuru lill-pajjiżna, għax hija ħaġa tassew ta' l-għaġeb kif id l-imgħallem irnexxielha toħroġ mill-ġebla Maltija d-Dar kif tassew tixraq lill-Mulej, mimlija b'xogħol fin li bil-ġmiel singulari tiegħu jpaxxi tassew lill-għajnejn. Min-naħa l-oħra hija tassew ħasra li bosta minna l-Maltin, jew bi traskuraġni inkella minħabba nuqqas ta' tagħlim, ma napprezzawx kif jixraq dawn it-teżori hekk imprezzabbli li pajjiżna jippossiedi u li ġew għandna b'wirt mingħand dawk ta' qabilna.

Din il-knisja hi ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta' Marija Santissma. Taf il-bidu tagħha meta l-kappillan f'Birkirkara kien Dun Filippu Borg. Il-pjanta tagħha saret mill-Arkitett Vittorio Cassar iben il-famuż Ġlormu Cassar u spiċċaha l-Arkitett Tommaso Dingli, li kien meqjus bħala l-aqwa arkitett ta' Malta fl-ewwel kwart tas-seklu sittax, mhux wisq qabel il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Ma jistax jonqos għalhekk li l-ġmiel ta' din it-tieni knisja ġewwa Birkirkara ddedikata lil Santa Marija ma jispikkax, meta kienu mdaħħlin fil-pjanta u l-bini tagħha, l-aqwa żewġ arkitetti Maltin li ħallew isem kbir warajhom. Din il-knisja ġiet imtellgħa flok oħra li kien hemm fl-istess post. Mhux magħruf eżatt meta beda l-bini tagħha, iżda nafu li miż-żjara ta' l-Isqof Cagliares ta' l-1615, il-kwadru ewlieni kien dak ta' l-Assunta u kien hemm ukoll artali ddedikati lill-Madonna, fosthom tal-Lunzjata u tar-Rużarju u kien hemm ukoll artal tal-Kurċifiss u magħha wkoll kellha sagristija. Din il-knisja kellha wkoll ċimiterju kbir u wiegħa mdawwar magħha.

Ħaġa partikolari f'din il-knisja, u li mhix komuni fi knejjes oħra, hi li fil-faċċata tagħha hemm ħames armi, dawk tar-Re Filippu III ta' Spanja, tal-Gran Mastru Alofju de Wignacourt, ta' l-Isqof Baldassare Cagliares, tal-Kappillan Dun Filippu Borg u oħra ta' xi ħadd mhux magħruf. L-iżjed ħaġa li timpressjonak meta tara din il-knisja, hija x-xogħol ta' l-għaġeb fl-iskultura. Jingħad li dan kien xogħol ta' xi Sqallin li ħarbu mill-ġustizzja lajkali u marru jsibu kenn f'din il-knisja minħabba f'xi delitt li setgħu għamlu. Din il-knisja għandha kampnar wieħed, bħal ħafna knejjes oħra ta' dak iż-żmien. Dan il-kampnar fis-sempliċità tiegħu huwa wieħed mill-isbaħ kampnari li hawn fil-knejjes tagħna. Fin-nofs kienet



*Knisja Santa Marija (faċċata)*

# SCREEN PRINTING

*By*

**UV PRINT**




- T-SHIRT
- STICKERS
- TRANSFERS
- PVC CARDS
- POSTERS
- CAPS
- FOOTBALL KITS
- SMALL ITEMS

**Tel: 2144 0815 • Fax: 2144 0832 • Mob: 9942 9798**

**Triq in-Nassab, Qormi**

toghla l-koppla. Il-korsija kienet imqassma f'kappelli, tlieta kull naħa. L-istil ta' din il-knisja kien dak Korint u jidher ukoll tajjeb l-istil tar-Rinaxximent Tard, dak li t-Taljani jsejħulu *Contro Riforma*. Fost il-knejjes li hawn f'Malta, l-iżjed tnejn li jixbħuha huma dawk tan-Naxxar, qabel ma sar fiha dak it-tibdil strutturali, u dik ta' H'Attard, li t-tlieta li huma kellu s-sehem tiegħu l-Arkitett Tumas Dingli.

Fiż-żjara ta' l-1747, l-Isqof Alpheran de Bussan, "sab il-knisja mitluqa għal kollox... ġiegħel li t-twieqi tal-knisja jagħlquhom bil-ħaġar u oħrajn jitgħattew bix-xoqqa jew biż-żġieġ u jġiegħluhom iżommuha ftit nadifa." Fit-tielet żjara ta' l-Isqof Labini tas-27 ta' Mejju 1787 insibu li, "resaq lejn il-Knisja Kolleġġjata u Parrokkjali u billi sab li s-saqaf tagħha kien qiegħed jhedded li se jaqa', ġiegħel li jinbarraw il-bieb tal-knisja u ma jinfetaħx iżjed u bierek l-erwieħ tal-mejtin."

Mhux magħruf x'kienet il-kawża li din il-knisja ġġarrfet u xi xjuħ minn Birkirkara kienu jgħidu li kienu jisimgħu min jgħid li kienu l-kanonċi stess li waqqgħuha. Jgħidu li biex waqa' s-saqaf saddew l-imwieżeb biex l-ilma jitgħaddar fl-imrammi fil-bjut u b'hekk jiġġarraf. Il-koppla kienet iġġarrfet ħafna wara li kien iġġarraf is-saqaf, u kien hemm ukoll min jgħid li din il-knisja kienet iġġarrfet fit-terremot magħruf *ta' San Massmu*. L-imgħallem Abram Schembri li mexxa l-bidu tar-restawr stqarr li l-ġebel tat-troll kien irqiq wisq biex jiflaħ fuq il-piż kollu tas-saqaf u minħabba l-fatt li din il-knisja kienet traskurata, is-saqaf ċeda. F'Settembru ta' l-1894 kien beda xi restawr fuqha. L-istoriku E.B. Vella li kiteb *l-Istorja ta' Birkirkara* jgħidilna, "il-proporzjonijiet tassew sbieħ, l-istil għani, l-iskultura, ir-reqqa tax-xogħol u l-aktar iżda mhux l-inqas l-orjentazzjoni, jinsabu biss fl-aqwa momumenti ta' l-arti u dan għaliex il-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara hija Prinċipessa tal-knejjes ta' Malta."

Missirijietna, minbarra din il-knisja li hija monument artistiku li jgħaxxqek bil-ġmiel tiegħu, komplew juru d-devozzjoni tagħhom lejn il-Madonna u qaddisin, billi għamlu numru kbir ta' niċeċ fuq djarhom. Dawn in-niċeċ m'humiex kollha kemm huma xi opri ta' l-arti, iżda wieħed għandu jħares lejhom bħala espressjoni ta' mħabba li l-id ta' l-imgħallem irnexxielha tonqox fil-ġebla, biex b'hekk isservi ta' oġġett ta' devozzjoni lil min jaraha. Birkirkara għandha b'kollox 140 niċċa. Numru kbir minnhom, bħal ma wieħed jistenna, għandhom bħala statwa, dik ta' Santa Liena, però numru ta' niċeċ li huma ddedikati lill-Madonna taħt xi titlu jew ieħor ma naqsux. Dawn in-niċeċ jgħoddu 'l fuq minn 50. Fost dawn insibu ħamsa ddedikati lill-Assunta. Dawn jinsabu fil-parti l-qadima ta' Birkirkara, u saru bejn is-seklu tmintax u s-seklu għoxrin.

Waħda minn dawn in-niċeċ ddedikati lill-Assunta hija dik fi Triq San Ġiljan li tinsab fil-faċċata ta' dar antika. In-niċċa hija mberfla b'zokklatura dejqa tal-ġebel, u billi mhix fonda ħafna, fuq in-naħa t'isfel hemm mensola li ddur nofs tond u fuqha tistrieħ l-istatwa. Din l-istatwa mhix miżbugħa, hija għolja xi metru, ma tidhirx li hija maħduma minn xi id tajba u hija aktarx rustika, iżda interessanti ħafna. Il-panneġġ tagħha jfakkrek f'xi xogħol tas-seklu sbatax. Il-figura hija xuxa u la għandha velu u lanqas kuruna u għandha l-idejn miksurin. Ix-xjuħ tagħna dejjem jiftakruha kif inhi issa.



*Triq San Ġiljan*

Iżjed 'l isfel minn Triq San Ġiljan, fi Triq San Ġużepp, fit-triq ta' wara l-Għassa tal-Pulizija, tinsab forsi l-isbaħ statwa ta' l-Assunta. Din hija għolja xi metru u kwart u qiegħda fuq mensola. Din l-istatwa għadha fl-istat oriġinali tagħha u għalhekk wieħed għadu jista' jgawdi xi dettalji fl-għamla tagħha. Din l-istatwa hija mimlija ħażiż. Il-Madonna tidher tħares 'il fuq b'idejha miftuħa, u magħha naraw l-anġli li jidhru mqabbdin mal-mantell tagħha.



*Triq San Ġużepp*

Fi Triq Fleur de Lys,

# WATER SUPPLIES
## (TA' KUSINU)







Prezzijiet irħas bit-Trailer

**Għal kull ġarr ta' ilma tax-xorb,**
**tisqija, pools u bil-bexxiexa bl-akbar sistema**
**ta' indafa u bl-aħjar prezzijiet fis-suq u b'effiċjenza.**

Ċemplu fuq 2180 8865 jew Mob: 9982 1864 u staqsu għal
Mario Galea
'Woodpecker',
Għaxaq By-Pass,
Għaxaq
Toħorġu sodisfatti żgur.

kantuniera ma' Triq Kolleġġjata naraw ukoll statwa ta' l-Assunta. Din l-istatwa hija għolja xi metru u billi tinsab f'kantuniera, minbarra l-ġmiel li l-istess statwa toffri, hemm ukoll il-ġmiel ta' l-għamla ta' l-istess niċċa.

Fi Sqaq Biċċier hemm ukoll niċċa bi prospettiva li hija għolja xi metru. Din l-istatwa għalkemm mhix xi kapolavur ta' l-iskultura, toffri ġmiel biżżejjed biex wieħed japprezza s-sengħa li biha l-imgħallem ried jesprimi mħabbtu lejn Ommna Marija.

Niċċa oħra interessanti, hija dik li wieħed isib fuq id-dar numru 37, fi Triq Ħassajjied. Bħal dik imsemmija qabilha, wieħed m'għandux iħares lejha bħala xi oġġett ta' preġju artistiku, iżjed u iżjed meta għadda dak iż-żmien kollu minn fuqha u ma baqgħetx fl-istat oriġinali tagħha minħabba xi ħsarat li ġarrbet kawża ta' l-elementi, iżda xorta waħda jibqa' l-preġju li l-imgħallem ħariġha mill-ġebla u tahielna biex ngħidulha tidħol għalina fil-bżonnijiet tagħna.

Bħal ma f'Birkirkara nsibu dawn in-niċeċ u tempju maestuż għall-akbar tifħir lil Ommna Marija Mtellgħa s-Sema, hekk ukoll fl-irħula u bliet oħra ta' Malta nsibu l-istess turija ta' devozzjoni, u j'Alla din l-istess devozzjoni tibqa' bla mittiefsa biex aħna nkunu nistgħu ngħadduha lill-ġenerazzjonijiet ta' warajna, ħalli Malta tagħna tibqa' dejjem tħobb u tfaħħar lil Marija Assunta.

*Birkirkara* *02/04/02*

**Ħajr:** Philip Xuereb u Joe Zammit
**Ritratti:** Philip Xuereb u G. Mallia
Tagħrif meħud ukoll minn *Storja ta' Birkirkara* ta' E.B. Vella.



*Triq Kolleġġjata*



*Triq Ħassajjied*



*Sqaq Biċċier*



# Dolceria Croce Bonaci

We are the originals
Over 100 years Experience
*(Prop. Charles Bonaci)*

**Dolceria:**
32, St. Ursula Street,
Valletta
Te/Fax: 2122 5924

**Shop:**
24D, St. John Street,
Valletta.
Tel: 2124 7933

# Tahabel Limited

*Prop: J. Ferriggi*

*Rope & Chair Dealer*

*Fejn issibu kull tip ta' spag*
*u tajjar għax-xogħol tan-nar.*

'St. Catherine', John Borg Str.,
Żejtun ZTN 05 - Malta
Tel: 2167 3589 – Mob: 9947 0351 – Fax: 2169 2894

# Profili

**Kitba ta' Joseph Farrugia**



## Father Joseph C. Caruso

*B. Mus. (Tor), LRSM (Lond.), A. Mus. L.C.M.*

Fr. Joseph C. Caruso twieled il-Ħamrun fl-1925, iben Antonio u Marija Carmena née Farrugia (1904-1994) imwielda l-Imqabba.

Studja fl-iskola primarja tal-Gvern, is-Seminarju u *St. Thomas' Aquinas College*. Ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' Marzu 1950.

Studja l-pjanu għand Mro. Joseph Abela Scolaro u Mro. Joseph Casapinta. Studja l-Armonija ma' Mro. Carmelo Pace. Kiseb id-Diplomi A. Mus. L.C.M. (1958) u L.R.S.M. (1960). Fl-1960 ngħata *Commonwealth Scholarship* fl-Università ta' Toronto, il-Kanada, fejn kiseb id-*Degree* B. Mus. fl-1962. Dan kien l-ewwel Malti gradwat fil-mużika.

Bejn l-1964 u l-1967 insibuh *lecturer* fin-*Notre Dame University* ta' British Columbia, l-anada.

Għal 22 sena, bejn l-1968 u l-1990 ħadem fit-Tribunal ta' l-Arċidjoċesi ta' Winnipeg fejn fl-1975 ġie maħtur Vigarju Ġudizzjarju ta' l-istess Tribunal.



## Ġużeppi Psaila

*(1909-1975)*

Ġużeppi Psaila twieled l-Imqabba iben Pietru u Ġużeppa, xebba Farrugia.

Minn tfuliti nafu membru attiv fis-Soċjetà Santa Marija, sieħeb dejjiemi ta' Ġanni Ghigo fejn kien jgħinu fl-armar tal-festa. Meta fl-1934 Ġanni Ghigo mar joqgħod Raħal Ġdid, Ġużeppi kompla jieħu ħsieb fejn issa Ġanni ma setax ilaħħaq. Għall-armar tal-pedestall ta' l-inkoronazzjoni kont tara lil Ġużeppi, bħala l-id il-leminija ta' Ġanni, u ma' oħrajn bħal Karmnu (Gejtu) Ghigo, Karmnu Borg, Manwel (Dovik) Borg, Ċensu Psaila u oħrajn, jarmaw *wire* bejn il-bjut tad-djar opposti numru 20 u numru 277 f'Misraħ il-Knisja li kien jiġi stirat b'qasab oħxon tal-kaladinja ħdejn il-ballavostri. Kull parti tal-pedestall u l-istatwi kienu jittellgħu bl-użu ta' bużżel jimxi fuq il-*wire*.

Rigward in-nar tal-festa, il-bombi tal-bejt kienu l-ispeċjalità tiegħu.

Ġużeppi kien membru fil-fratellanzi tar-Rużarju u tas-Sagrament u reffiegħ regolari fl-istatwi tar-Rużjarju u ta' Santa Marija. Bħala tali kellu polz sħiħ dwar in-nuqqas ta' ftehim fl-irfiegħ ta' Santa Marija. Meta ma ntlaħaqx ftehim ma' l-awtorità dwar problemi eżistenti, f'Ġunju 1957 is-Soċjetà ddeċidiet li ma tieħux sehem fil-festi esterni. Mill-1958 l-istatwa ma nħarġitx fil-purċissjoni. F'Ottubru ta' l-1960 ġie deċiż li jitwaqqaf kumitat tal-festa li jkollu wkoll l-għażla tar-reffiegħa ta' l-istatwa bil-konfratija bla mozzetta. Dan l-arranġament ħadem tajjeb sa meta ġie awtorizzat li r-reffiegħa jkunu fratelli tas-Sagrament nhar it-23 ta' Ġunju ta' l-1976. Din kienet xewqa ta' Ġużeppi, li iżda ma raħiex isseħħ.

Fl-aħħar tas-snin 50, Ġużeppi sar membru fil-kumitat tas-Soċjetà u wara nħatar kaxxier, kariga li baqa' jżomm b'dedikazzjoni u effiċjenza kbira għal snin twal.

Macpherson
PAINTS

RL 7, Ricasoli Industrial Estate,
Ricasoli, L/O Kalkara - CSP 11, Malta.

Telephone: (+356) 2182 4101, 2180 6815
Facsimile: (+356) 2180 2791

Remissa Snack Bar

*Fejn issibu:*
Drinks
ġenwini
u appetizers,
Pizza,
Burgers,
Chips
*f'atmosfera*
*mill-aqwa*



*Fejn issibu:*
Naċċettaw
ikliet
għal-Laħam
taż-Żiemel
u Fniek

*Prezzijiet*
*Moderati*

*Pjazza tal-Knisja, Mqabba – Mob: 9945 0309*

# Attivitajiet Sportivi u Soċjali fis-Soċjetà

mill-Kumitat

## Tiġrijiet taż-Żwiemel Għal darb'oħra suċċess



*It-tazzi, u s-serkin li tqassmu nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju wara t-tiġrijiet.*

Attività sportiva li tista' tgħid daħlet fil-kalendarju tas-Soċjetà tagħna huma bla dubju t-tiġrijiet taż-żwiemel. Għarraba' sena konsekuttiva, fuq inizjattiva tal-ħabbrieki s-Sur Michael Abdilla, wieħed mill-organizzaturi, nhar il-Ħadd 7 ta' Lulju 2002 saru t-tiġrijiet taż-żwiemel fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Ta' kull sena n-numru ta' parteċipanti jiżdied, u din is-sena ma kinitx eċċezzjoni. Fil-fatt ħadu sehem 'il fuq minn mitt żiemel li tqassmu fi tnejn u tletin tiġrija.

L-attività bdiet nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju permezz tat-tlugħ tal-poloz fejn ġie ddeterminat kif se jitqassmu ż-żwiemel. Nhar il-Ħadd imbagħad, kmieni filgħodu ngħata bidu għall-programm sħiħ ta' tiġrijiet. Folla sabiħa ta' dilettanti attendiet kemm għat-tiġrijiet kif ukoll għall-preżentazzjoni tal-premijiet ġewwa l-każin, li kienu jinkludu serkin (xarretta) u għadd ġmielu ta' tazzi.

Il-Kumitat Eżekuttiv jirringrazzja qabel xejn lill-organizzaturi, lil ħafna *sponsors* li taw l-għajnuna finanzjarja tagħhom kif ukoll lis-sidien u d-dilettanti taż-żwiemel li laqgħu l-istedina tagħna. Ringrazzjament imur ieħor lir-residenti ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u t-toroq tal-madwar għall-koperazzjoni li dejjem urew magħna. Mill-ġdid grazzi.



## Lotterija b'Riżq l-Għaqda tan-Nar

Għal darb'oħra, sabiex jittaffew xi ftit l-ispejjeż li ta' kull sena jkunu involuti biex jittella' l-ispettaklu tan-nar, saret lotterija b'riżq l-istess Għaqda tan-Nar.

Din il-lotterija ttellgħet fi Frar ġewwa l-każin tas-Soċjetà Santa Marija. Nieħdu din l-opportunità sabiex nirringrazzjaw lil kulmin ittanta xortih kif ukoll lill-i*sponsors* kollha.

*Ir-rebbieħ ta' lotterija b'riżq l-għaqda tan-nar. Jidhru wkoll fir-ritratt is-Sur Mario Ellul sponsor tal-biljetti ta' l-ajru kif ukoll is-Sur Noel Galea sponsor tal-mobile phone.*

# Alessio's Old Cottage

Triq il-Parroċċa, Mqabba
Tel: 2168 3292

*Ħinijiet tal-Ftuħ:*

Mit-Tnejn sas-Sibt: 6.30am - 12.00pm; 5.00pm - 8.00pm
Ħdud u Festi: 6.30am - 12.00pm

*Issibu dak kollu li teħtieġu:*

**Kartolini, affarijiet ta' l-iskola, rigali, żraben u ħwejjeġ għal kull età, kif ukoll videos, CDs, cassettes, films, affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli.**

***Għal tiġijiet, engagements, parties, eċċ., qegħdin nipprovdu servizz ta' disco:***

**STARLIGHT DISCO**



# VIPER Garage

**SPRAY PAINTING** **PANEL BEATING**

**6, SEJBA ROAD, MQABBA**
**TEL: 2168 9765 MOB: 99420835**
**PROP.: IVAN BALZAN**



No.1 fax price and quality

# HORACE ENTERPRISES LTD

Trophies & Sports Goods Importer & Wholesaler

**Horace Micallef**
**Director**

*Office: Vjal it-Torri, Gudja ZTN 11*
*Stores: Triq Ray Caruana, Gudja*

**Tel: (356) 2169 6302 Fax: (356) 2169 3397**

# Il-Banda San Girgor ta' Kerċem ġewwa l-Imqabba

**Sa mill-bidu ta' din l-istedina ntwera entużjażmu kbir min-naħa taż-żewġ Kumitati. Fil-fatt jekk għalina din se tkun l-ewwel banda Għawdxija li qatt ġiet l-Imqabba, għall-banda ta' Kerċem se tkun l-ewwel darba li daqqet f'Malta.**

**Minbarra l-bandisti u l-Kumitat, se jattendu wkoll numru sabiħ ta' Għawdxin li ħadu din l-opportunità li minbarra li jgawdu l-baned u l-festa tagħna ser jassistu wkoll għall-ispettaklu piroteknku ta' lejlet il-festa. Għaldaqstant f'din l-okkażjoni xtaqna nippubblikaw ftit informazzjoni fuq l-oriġini tal-Banda San Girgor u dwar ir-raħal pittoresk ta' Kerċem.**

## Il-Banda San Girgor



F'Kerċem, l-element bandistiku ma twelidx il-bieraħ tant li diġà fit-tmintax-il seklu, għandna dokumentat l-eżistenza ta' l-Orkestra tad-Dudi, li kienet tagħti s-sehem tagħha, kemm fil-festi tradizzjonali kif ukoll f'festi familjari. Din l-orkestra baqgħet teżisti sa l-ewwel għoxrin sena tas-seklu għoxrin. Wara, dawk li kellhom il-ħajra mużikali aktarx li kienu jissieħbu mal-Badna Leone tar-Rabat, Għawdex.

Kien biss f'Ottubru tas-sena 1997, eżattament ħames snin ilu, li wara diversi tentattivi ġiet uffiċjalment imwaqqfa l-Għaqda Mużikali San Girgor. L-ewwel President tagħha kien u għadu s-Sur Raymond Mercieca, filwaqt li bħala Surmast Direttur, l-istess Għaqda Mużikali hija kburija li għandha liż-żgħażugħ Mark Gauci.

Bħalissa l-Banda San Girgor tgħodd madwar 40 bandist li huma kollha frott l-għaraq ta' l-għalliema fi ħdan l-istess Għaqda Mużikali. Barra minn hekk hemm diversi oħrajn li qegħdin jitħarrġu fl-arti mużikali.

Is-sehem prinċipali ta' l-istess Għaqda hu fil-festi titulari li jsiru f'Kerċem, però l-Banda San Girgor diġà tat is-sehem tagħha f'diversi rħula oħra Għawdxin fosthom ir-Rabat, in-Nadur, ix-Xagħra, iż-Żebbuġ, ix-Xewkija u oħrajn. Il-banda tagħti s-sehem tagħha anke fil-Karnival ta' Għawdex.

Fi ħdan l-Għaqda Mużikali San Girgor hemm ukoll il-Fergħa tan-Nisa, li jgħinu bil-bosta fid-diversi attivitajiet ta' ġbir ta' fondi. Hemm ukoll il-Kummissjoni Banda, li xogħolha hu li jsegwu b'attenzjoni kbira l-bżonnijiet li l-istess banda jkollha matul is-sena.

Bħalissa s-sede ta' l-Għaqda Mużikali San Girgor hu ċ-Ċentru Parrokkjali, però qegħdin fi trattativi avvanzati biex l-istess banda takkwista art fejn tista' tibni l-każin tagħha.



*Il-Banda San Girgor b'element kbir ta' bandisti tal-post.*



*Il-Kumitat tal-Banda San Girgor – Kerċem.*

## Informazzjoni dwar Kerċem

Ir-raħal ta' Kerċem jinsab fil-Lbiċ tal-gżira tat-tliet għoljiet, tefgħa ta' ġebla bogħod mill-belt Victoria. L-oriġinu ta' l-isem ta' dan ir-raħal jintilef fid-dalma ta' l-istorja, però l-istoriċi huma tal-fehma li aktarx l-isem Kerċem għandu l-oriġini tiegħu f'kunjom ta' familja għanja li kienet tgħix f'dawk l-inħawi. L-arma tar-raħal turi tliet ċrieki ta' kulur deħbieni ġo strixxa ħamra f'nofs l-arma li għandha l-isfond kollu abjad.

Ir-raħal ta' Kerċem imur lura eluf ta' snin fl-istorja ta' pajjiżna, tant li fil-limiti ta' l-istess raħal insibu l-għerien tal-Mixta li aktarx kienu l-ewwel abitazzjoni tal-bniedem f'Għawdex. Wara nsibu fdalijiet Puniċi oħrajn ta' żmien ir-Rumani. Fl-istess post tal-banjijiet Rumani, fiż-żona ta' Għar Gerduf, għadhom jeżistu xi oqbra (katakombi) ta' żmien l-ewwel insara fil-gżira ta' Għawdex.

Ir-Reliġjon nisranija għandha l-għeruq tagħha anke f'diversi knejjes medjevali li kienu mxerrdin mar-raħal kollu ta' Kerċem, però forsi l-aktar importanti huma dawk ta' Santa Katarina fiż-żona magħrufa bħala l-vapur u dik ta' San Girgor il-kbir Papa, li lejha żgur li fl-1580 kienet diġà ssir il-purċissjoni votiva ta' l-istess qaddis u kienet titlaq mill-Knisja Matriċi ta' Għawdex. Aktar 'il quddiem din il-kappella saret żgħira għall-popolazzjoni tar-raħal u fl-1846 bdiet tinbena l-knisja parrokkjali attwali. Din l-istess knisja saret parroċċa fl-1885 mill-Isqof Pietru Pace.

Il-popolazzjoni tar-raħal ta' Kerċem illum tgħodd ftit aktar minn 1,700 ruħ.

# *Aida Hall*

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq

For Receptions, Parties and all occasions

**Tel: 2168 3112 - 2164 0083**



Planning a party?.

# PISCOPO'S CASH & CARRY

## can provide you with all your needs

Small pizza, sausage rolls, ice cream, stuffed olives,
beers and minerals, juices, Panini, Gateaux, napkins,
balloons, disposable plates
and much much more!

## All items at a discounted price!!

**Triq Erba' Mwieżeb**
**St. Paul's Bay SPB 06**
**Tel: 2157 0265, 2157 0375**

# Minn fejn se jgħaddi l-marċ

Minkejja li din is-sena mhux se jkollna xi banda internazzjonali għall-jiem tal-festa, il-Kumitat ħaseb xorta waħda sabiex ikollna xi ħaġa speċjali. Din is-sena għall-ewwel darba fl-Imqabba se nospitaw banda Għawdxija. Il-Banda San Girgor ta' Kerċem ġiet mistiedna sabiex tferraħna bil-marċi tagħha lejlet il-festa. Dan minbarra programm sħiħ ta' baned oħra barranin li għandna mistiedna għal matul il-ġimgħa tal-festa.

Iżda qabel nagħtukom aktar dettalji, nieħdu din l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa.

Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi.

## It-Tlieta, 30 ta' Lulju – Bidu tal-Kwindiċina

**8.00pm** – Tiftaħ il-Festa ta' din is-sena permezz ta' Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

## Il-Ġimgħa, 9 ta' Awissu
## Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier

**7.30pm** – Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk;

**Triq San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-pjazza quddiem il-Każin.**

## Is-Sibt, 10 ta' Awissu – Jum il-Banda

**8.15pm** – Imiss jerġa' lill-**Banda Re Ġorġ V**, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, li tagħmel il-marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-**Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-każin.** Wara l-Banda tagħti bidu għall-**Programm Strumentali** u Annwali tagħha.

## Il-Ħadd, 11 ta' Awissu – L-ewwel Jum tat-Tridu

**8.15pm** – Il-**Sant'Elena ta' Birkirkara**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella F.L.C.M. tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej:

**Triq San Bażilju, Sqaq San Bażilju, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Karmenu Ciantar, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Ġerald Mangion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Ġerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.**

**BANDA SANT'ELENA - BIRKIRKARA**

| | |
|---|---|
| Innu Sant'Elena | Giuseppi Busuttil |
| Innu Marcia Sant'Elena | John Ivan Borg |
| Tal-Qalba | Ġużeppi Busuttil |
| Warrbu min-Nofs | Victor Galea |
| Don Quixote | John Theuma |
| St. Helena 2000 | Ferdinandu Camilleri |
| Iz-Ziju Lel | Ġużeppi Camilleri |
| Ta' l-Irish | Ġużeppi Micallef |
| Il-Bażilika fil-Millennju | Vincenzo Costa |
| A Glorious Victory | Ġużeppi Busuttil |
| St. Helena | Joseph Sammut |
| Il-Planċier Tagħna | Clemente Sciberras |
| Toni l-Bormliż | John Ivan Borg |
| Etienne | Joseph Vella |
| Kummissjoni Żgħażagh Elenjani 1996 | David Agius |
| Anthea | Charles Mizzi |
| On with the Fight | Ġużeppi Busuttil |
| Come on the Stripes | Anthony Aquilina |
| 10th Anniversary "A" | Joseph Sammut |
| Party People | John Ivan Borg |
| Imħuħ Sploduti | John Ivan Borg |
| Sorrento | Orazio Cachia |
| Bernardette | Ronnie Pisani |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| Is-Sejba tas-Salib | Angelo Pullicino |
| Kumitat 1996 | Joseph Vella |
| Bandiera Ġdida | Clemente Sciberras |
| Elenios | John Mamo |
| Rokku | Gabriel Muscat |
| Kumitat Żgħażagh 1995 | David Agius |

**Surmast Direttur: Mro. Joseph Vella**



## It-Tnejn, 12 ta' Awissu – It-tieni Jum tat-Tridu

**8.15pm** – Il-**Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ**, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Ronnie Debattista, tagħmel marċ (sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin:

**Triq il-Ġilju, l-aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Saljatura, Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, il-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.**

**BANDA DE ROHAN - ŻEBBUĠ**

| | |
|---|---|
| Therese Ann | Mro. Ronnie Debattista |
| Tifħir lil Malta Rebbieħa | Mro. Ġeraldu Farrugia |
| Golden Jubilee | Mro. John Theuma |
| Den-Jan | Noel Farrugia |
| Bernardette | Mro. Ronnie Pisani |
| Al Pacino | Mro. David Agius |
| Victory | Mro. Vincenzo Ciappara |
| Ta' Bona | Mro. Law. Borg |
| Santos | Mro. David Agius |
| Come on the Stripes | Mro. Anthony Aquilina |
| Harmony | Mro. Emm. Bugeja |
| Tremend | Mro. Raymond Zammit |
| The King | Mro. Arch. Mizzi |
| Mangus | Mro. Andrew Coleiro |
| Irene | Mro. Mario Testa |
| Benfred | Mro. John J. Pace |
| Tal-Qalba | Mro. Joseph Busuttil |
| Coronation | Mro. Joseph Azzopardi |
| Iż-Żebejjah | Mro. Philip Gatt |
| San Ġużepp Missier Ħanin | Mro. Silvio Zammit |
| Lill-Emigranti Ġużeppini | Mro. Law. Bonnici |
| Kumm. Żgħażagħ 2000 | Mro. Michael Bugelli |
| Ċensu 57 Sena Bandist | Mro. Carmelo Callus |
| Tarsus | Mro. Ronald Pisani |

**Surmast Direttur: Mro. Ronnie Debattista**

## It-Tlieta 13 ta' Awissu – It-tielet Jum tat-Tridu

**9.00pm** – **Il-Banda Re Ġorġ V** tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li hejjew għalina s-sezzjoni żgħażagħ. **Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq il-Karmnu, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.**

## L-Erbgħa, 14 ta' Awissu

**7.30pm** – Il-Banda San Girgor taħt it-tmexxija ta' Mro. Mark Gauci tibda marċ minn quddiem il-każin u jgħaddi kif ġej: Triq il-Karmnu, Valletta, San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Ħarriġiet, Barrieri, Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, Pjazza tal-Knisja, Parroċċa, Karmnu sa quddiem il-każin.

**SAN GIRGOR - KERĊEM**

| | |
|---|---|
| Iacchus | Archibald Mizzi |
| Ta' Ġerrew | Anthony Aquilina |
| The King | Archibald Mizzi |
| Renoll | John Galea |
| Neloup | Archibald Mizzi |
| Karmar | Andrew Coleiro |
| Super Cup '94 | Joseph Boffa |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| Benjamin | Emmanuel Bugeja |
| El Trocadero | Andrew Coleiro |
| 110 Anniversary | Archibald Mizzi |
| Bomber | John Galea |
| Il-Bozen | Anthony Aquilina |
| L-Ispanjol | Ray Sciberras |
| Jurgen | Joseph Vella |
| Innu Banda San Girgor | Mark Gauci |

**Surmast Direttur: Mro. Mark Gauci**

**8.00pm** – Programm mill-Banda Filarmonika Konti Ruġġieru taħt id-direzzjoni ta' Prof. Joseph Vella tesegwixxi programm strumentali fil-pjazza. Wara tagħmel marċ jibda minn quddiem il-każin u jgħaddi kif ġej: San Bażilju, pjazza tal-knisja, Parroċċa, Duluri, pjazza sa Karmenu Ciantar.

**BANDA KONTI RUĠĠIERU – RABAT**

**Marċi Brijużi**

| | |
|---|---|
| Eucharistic Jubilee | V. Ciappara |
| 25 Anniversarju | Prof. J. Vella |
| Los Reyes | C. Borg |
| Holy Year | J. Azzopardi |
| Maria-Paola | Ph. Schembri |
| Excelsior | V. Ciappara |
| Il-Marċ tas-Sena 2000 | S. Giordmaina |
| Rose | V. Ciappara |
| Debra Lee | D. Coleiro |
| Adios Amigos | J. Azzopardi |
| Frankie n-Nitfa | R. Fenech |
| Isabelle | V. Ciappara |
| Il-Foreman | Prof. J. Vella |

**Surmast Direttur: Mro. Profs. Joseph Vella**

**8.00pm** – Marċ mill-Banda San Mikiel immexxija minn Mro. David Agius, jibda Triq il-Pal, Troll, Sejba, Santa Katarina sal-pjazza.

**10.30pm** – Taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius il-Banda San Mikiel tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-każin.

**BANDA SAN MIKIEL - ŻABBAR**

| | |
|---|---|
| Tislima lill-Madonna tal-Grazzja | L. Galea |
| Edmar | C.W. Suda |
| Mikailos | D. Agius |
| Fergħa Nisa (15 il-Anniversarju) | L. Bonnici |
| Lady of Spain | L. Bongailas |
| Kummissjoni Żgħażagħ Bajdisti (10 Snin Anniversarju) | D. Camilleri |
| Tikleldan | M. Bugelli |
| Santos | David Agius |
| Amigos | David Agius |
| Al Pacino | David Agius |
| La Senora Rita | A. Aquilina |
| Josleber | D. Caruana |
| Magnus | A. Coleiro |
| Tmenin Anniversarju | A. Coleiro |
| Bernardette | R. Pisani |
| Vinceremos | A. Mizzi |
| L-Ewwel Banda Żabbarija fi Sqallija | A. Mizzi |
| Innu Marċ | L. Bongailas |
| Innu San Mikiel | A. Micallef |

**Programm Strumentali – 14.08.02**

| | | |
|---|---|---|
| Band Opening | Fanfare 2000 | |
| Overture | Morning, Noon & Night | F. Soupe |
| Sinfonia | Norma | V. Bellini |
| Selection | Abba Gold | Arr. R. Sebregts |
| Selection | Beauty and the Beast | Band Arrangement |

**Surmast Direttur: Mro. David Agius**

## Il-Ħamis, 15 ta' Awissu – L-Għid ta' l-Assunta

**10.15am** – Wara d-daqq tal-Glorja, il-**Banda Re Ġorġ V**, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn **quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Ġilju, Troll, Sejba, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.**

**6.00 p.m** – Il-**Banda Queen Victoria taż-Żurrieq**, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tibda marċ minn **Triq Valletta għal Triq il-Karmnu, il-Pjazza tal-Knisja.**

**BANDA QUEEN VICTORIA - ŻURRIEQ**

| | |
|---|---|
| Lill-Kummissjoni Banda | A. Farrugia |
| Saviour & Miriana | E. Bugeja |
| Nicolò | J. Tanti |
| Il-Grandu | C. Vella |
| Tislima lill-Maġġur Aquilina | V. Galea (arr. A. Farrugia) |
| Brioso | A. Camilleri |
| Parade | J. J. Fenech |
| Xemx ta' Lulju | A. Coleiro |
| Stezar | E. Bugeja |
| 8 ta' Diċembru | A. Farrugia |
| Remember Me | L. Bongailas |
| Santiago di Cuba | J. Abela Scolaro |
| CA. NO. PA. | A. Farrugia |
| 900 Sena Parroċċa | E. Bugeja |
| Il-Bozen | A. Aquilina |
| Golden Jubilee | E. Bugeja |
| Santos | D. Agius |
| King of Kings | A. Coleiro |
| Millennium | A. Coleiro |
| 25 Sena Segretarju | E. Bugeja |
| Karmelitani Żrieraq | A. Farrugia |

**Surmast Direttur: Mro. Alfred Farrugia L. (Mus.) L.C.M.**

**6.00pm – Il-Banda Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien** taħt it-tmexxija ta' Mro. V. Vella tibda marċ minn Triq Santa Katerina għall-pjazza, tidħol fiż-żuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**BANDA MARIJA ANNUNZJATA – TARXIEN**

| | |
|---|---|
| Kumitat Planċier | Mro. Victor Vella |
| The Kops | Mro. M. Scicluna |
| Bejn Tliet Nisa | Kevin Abela |
| Il Postino | Tony Buttigieg |
| Kimrai | John Ivan Borg |
| Renzo | R. Pisani |
| Paul And | Mro. Andrew Calleja |
| Inauguration Day | S. Camilleri |
| The Canon | Carmel Muscat |
| Planċier Ġdid | Joe Muscat |
| Gianni u Pawlu | John J. Pace |
| Millennium Power | Mro. M. Scicluna |
| Al Pacino | David Agius |
| Allegro Con Fuoco | Mro. V. Vella |
| Bum Bum A One | Maj. Ant. Aquilina |
| Joseph | Mr. Andrew Coleiro |
| The King | Mro. A. Mizzi |
| Santos | David Agius |
| Coronation | Jos. Azzopardi |
| Viva tal-Maħżen | Mro. Andrew Coleiro |
| Munchengladbach 94 | D. Caruana |
| Bernardette | R. Pisani |
| Bejt Erbat Ibbieb | Mro. Andrew Coleiro |
| Come on the Stripes | Maj. Aquilina |

**Surmast Direttur: Mro. Victor Vella**

**7.15pm – Il-Banda Queen Victoria** flimkien mas-Soprana Marie Theresa Vassallo isellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** – Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo S.J. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi mis-Sur Samuel Bezzina A.T.C.L., A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria.

**10.30pm** – Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-bandisti tal-post tal-Banda Re Ġorġ V jagħlqu l-festa b'marċ qasir.



# James Green

## Funeral Service

*Irrikorru*
"Green House',
St. Catherine Street,
Qrendi

Tel: 2164 2738, 2164 2508, 2164 7791
Mobile: 9949 4880, 9949 7959

# Mobiltech

Prop. John W. Cutajar

## *Auto Electric Service*

Valletta Road, Żurrieq ZRQ 06
Tel: (+356) 2164 0466 – Fax: (+356) 2164 7052 – Mob: 9949 8465
E-mail: mobiltech@global.net.mt

*Everything you need for your home under one roof*

## *SUPER S IRONMONGERY*

Dun Matteolo Saliba Street,
Żurrieq. Tel: 2168 9256

| Opening Hours: | Monday to Friday | 6.30a.m. - 7.00p.m. |
|---|---|---|
| | Saturday | 6.30a.m. - 2.00p.m. |

Rendikont

# Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

## DĦUL

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-*envelopes* bieb bieb | Lm 1516.63 |
| Ġbir fil-knisja | Lm 444.50 |
| **Total** | **Lm 1961.13** |

## ĦRUĠ

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 2000 | Lm 623.60 |
| Ċelebranti u saċerdoti barranin | Lm 142.00 |
| Orkestra, Organista, Vuċijiet | Lm 722.00 |
| Daqq ta' qniepen | Lm 80.00 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | Lm 575.00 |
| Servizzi ta' kappi u kruċiferu | Lm 43.00 |
| Fjuri | Lm 25.00 |
| **Total** | **Lm 2210.60** |

| | |
|---|---|
| **Żbilanċ** | **Lm 249.47** |


**F1 Autotest Limited**

MECHANICAL REPAIRS

SEJBA ROAD, MQABBA TEL: 2164 0684

**WE SERVICE:**

- Wheel Alignment
- Hydraulic Suspension
- Fit Car Stereos
- Pre-Test for VRT

***When you have your car serviced at F1 Autotest Ltd. you can be sure that it is being taken care of.***

STAR GATE
computer systems

Computer Systems
Upgrades & Repairs
Network Installations
Peripherals
Consumables
Internet Service
Scanning Facilities

Ctronics
Computer Products
Upgrades & Peripharals

Mqabba Road, Żurrieq

Quality Branded Products

for additional information contact us on
Tel: 2164 2744 Fax: 2168 3662
Mob: 7947 8259 / 9947 8259

info@ctronics.comt.mt
support@ctronics.com.mt
of visit our homepage: http://www.ctronics.com.mt

TECHWOOD INTERNATIONAL LTD

Xewkija Industrial Estate,
Xewkija VCT 110, Gozo, Malta
Tel: (356) 2155 6818
Fax: 2155 3526

Dun Luret Callus Street,
Żebbuġ ZBG 04, Malta.
Tel/Fax: (356) 2146 2803

Woodworking machinery suppliers, extraction plants, woodworking tools, technical consultancy, repairs & maintenance, hand tools, blades and sharpening of cutters



FARELL
BATHROOM CENTRE
Electrical & Plumbing

BLUE GROTTO AVE., ŻURRIEQ

TELEPHONE: 642396

